PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0039/2013**

13.2.2013

# ***I

# RAPPORT

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) u li jemenda d-Direttiva 98/26/KE
(COM(2012)0073 – C7-0071/2012 – 2012/0029(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Kay Swinburne

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................ 94

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI ............................................... 98

PROĊEDURA ................................................................................................................. 104

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) u li jemenda d-Direttiva 98/26/KE**
**(COM(2012)0073 – C7-0071/2012 – 2012/0029(COD))**

**((Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0073),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0071/2012),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-1 ta' Awwissu 2012[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2012[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0039/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 310, 13.10.2012, p. 12.
[2] ĠU C 299, 4.10.2012, p. 76.

**Emenda 1**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

---------------------------------------------------------

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar it-titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) u li jemenda d-Direttiva 98/26/KE**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv ingħadda *lill-parlamenti* nazzjonali,

*Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew*[1]*,*

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSDs), flimkien *mal-kontropartijiet ċentrali* (CCPs) jikkontribwixxu ħafna fil-manutenzjoni tal-infrastrutturi ta' wara n-negozjar li jissalvagwardjaw is-swieq finanzjarji u jagħtu fiduċja lill-parteċipanti fis-suq li t-tranżazzjonijiet tat-titoli jitwettqu kif inhu xieraq u b'mod tempestiv, anki matul perjodi ta' kriżi kbira. ***Filwaqt li jinnota r-rilevanza sistemika tal-infrastrutturi tas-***

---

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

[1] ĠU C 310, 13.10.2012, p. 12.

[2] ĠU C 299, 4.10.2012, p. 76.

***suq, inklużi s-CSDs u s-CCPs, huwa importanti li tiżdied il-kompetizzjoni għas-servizzi ta' wara n-negozjar, billi jkun possibbli għall-investituri li jaqilbu faċilment bejn il-fornituri tas-servizzi biex tkun żgurata l-kontinwità tas-servizzi u t-tranżazzjonijiet u tiġi evitata dipendenza żejda fuq infrastruttura tas-suq 'kbira wisq biex tfalli' li l-kontribwenti jkollhom isalvaw finanzjarjament. Dan inaqqas ukoll l-ispejjeż tal-investiment, jelimina l-ineffiċjenzi u jħeġġeġ l-innovazzjoni fis-swieq tal-Unjoni.***

***(1a)*** ***Il-ħolqien ta' suq integrat għas-saldu tat-titoli, bl-ebda distinzjoni bejn tranżazzjonijiet tat-titoli nazzjonali u transkonfinali, huwa bżonnjuż għall-funzjonament xieraq tas-suq intern. It-trasformazzjoni mmexxija mis-suq minn sistemi ta' saldu nazzjonali għal suq aktar integrat, għal diversi raġunijiet, seħħet bil-mod ħafna. Wieħed jassumi li l-operat tas-sistemi ta' saldu tat-titoli jrid ikun aktar miftuħ għall-kompetizzjoni u l-parteċipazzjoni tal-utenti biex ikun jista' jsir żvilupp immexxi mis-suq aktar rapidu ta' mudelli ta' saldu u ta' standards ta' interoperabilità aktar effiċjenti. Filwaqt li dan ir-Regolament jiffoka l-aktar fuq iż-żieda fil-kompetizzjoni u l-indirizzar tar-riskji sistemiċi, huwa rikonoxxut li dan huwa biss l-ewwel pass lejn ambjent ta' wara n-negozjar integrat bis-sħiħ. Madankollu, qabel ma jittieħdu passi oħra, l-iżvilupp tal-effiċjenza u l-aħjar prattiki tas-saldu jeħtieġ li jsir b'mod immexxi mis-suq. It-titoli f'format ta' entrata fil-kotba għandhom ikunu jistgħu jiġu pproċessati b'mod effiċjenti u tempestiv mingħajr proċessi mrikkba u filwaqt li tiġi żgurata informazzjoni effiċjenti għall-ħtiġijiet differenti tal-awtoritajiet pubbliċi. L-ispirazzjoni tista' tinstab ukoll fl-iżvilupp taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro fejn qed jinkisbu l-istess affarijiet għat-tranżazzjonijiet monetarji.***

(2) Minħabba l-pożizzjoni ***ewlenija*** tagħhom ***fil-proċess*** tas-saldu, is-sistemi tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs huma ta' importanza sistemika għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli. ***Is-sistemi*** tas-saldu tat-titoli ***u s-sistemi tal-kontijiet imħaddma*** mis-CSDs iservu wkoll bħala għodda essenzjali għall-kontroll tal-integrità ta' ħruġ***, jiġifieri, jostakolaw il-ħolqien jew it-tnaqqis mhux xierqa ta' titoli maħruġa*** u b'hekk għandhom rwol importanti biex tinżamm il-fiduċja tal-investituri. Barra minn hekk, is-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs huma involuti mill-qrib ***fl-iżgurar ta' kollateral għal*** operazzjonijiet tal-politika monetarja kif ukoll fil-proċess ta' kollateralizzazzjoni bejn istituzzjonijiet ta' kreditu u għadaqstant, huma atturi importanti ***fil-proċessi ta' kollateralizzazzjoni***.

(3) Filwaqt li d-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' saldu fis-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli[1] naqqset it-tfixkil għal sistema ta' saldu tat-titoli kkawżat minn proċeduri ta' insolvenza kontra parteċipant f'dik is-sistema, hemm bżonn li jiġu indirizzati riskji oħrajn li s-sistemi tas-saldu tat-titoli qed iħabbtu wiċċhom magħhom, kif ukoll ir-riskju ta' insolvenza jew tfixkil fil-funzjonament tas-CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli. Għadd ta' CSDs huma soġġetti għal riskji tal-kreditu u tal-likwidità li ġejjin mill-forniment ta' servizzi bankarji anċillari għas-saldu.

1 *ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45.*

(4) Fin-nuqqas ta’ regoli prudenzjali komuni, l-għadd dejjem jikber ta’ saldi transfruntieri bħala konsegwenza tal-iżvilupp ta’ ftehimiet ta’ konnessjoni bejn is-CSDs jixħet dubju fuq ir-reżiljenza tas-CSDs meta jidħlu riskji għas-CSDs minn Stati Membri oħra. Barra minn hekk, minkejja ż-żieda fis-saldi transfruntieri, is-swieq ta’ saldu fl-Unjoni għandhom frammentati u s-saldu transfruntier għadu jiswa’ aktar, minħabba regoli nazzjonali differenti li jirregolaw is-saldu u l-attivitajiet tas-CSDs u kompetizzjoni limitata bejn is-CSDs. Din il-frammentazzjoni xxekkel u toħloq riskji u spejjeż addizzjonali għas-saldu transfruntier. Fin-nuqqas ta' obbligi identiċi għall-operaturi tas-suq u standards prudenzjali komuni għas-CSDs, miżuri x'aktarx diverġenti meħuda fil-livell nazzjonali jkollhom impatt dirett negattiv fuq is-sikurezza, l-effiċjenza u l-kompetizzjoni fis-swieq tas-saldu tal-Unjoni. Hemm bżonn li jitneħħew dawn l-ostakli sinifikanti fil-funzjonament tas-suq intern u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u li jiġi evitat milli jitfaċċaw ostakli u distorsjonijiet bħal dawn fil-ġejjieni. Konsegwentement, il-bażi legali xierqa għal dan ir-Regolament għandha tkun l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea *(TFUE),* kif interpretat skont il-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(5) ***Suq intern miftuħ tat-titoli jeħtieġ li jiżgura aċċessibbiltà sħiħa, u dan ifisser li kwalunkwe investitur jista' jinvesti fit-titoli kollha tal-Unjoni bl-istess faċilità u bl-istess proċessi familjari użati għat-titoli domestiċi. Għandu jkun biżżejjed li investitur juża s-servizzi ta' kustodju wieħed sabiex jinvesti fi kwalunkwe titolu tal-Unjoni.*** Hemm il-bżonn li f’Regolament jiġu stabbiliti għadd ta’ obbligi uniformi li għandhom jiġu imposti fuq il-parteċipanti fis-suq rigward ċerti aspetti taċ-ċiklu tas-saldu u d-dixxiplina u li jiġi pprovdut sett ta’ rekwiżiti komuni ***għall-operaturi tas-sistemi*** ta’ saldu tat-titoli. Ir-regoli direttament applikabbli ta’ Regolament għandhom jiżguraw li l-operaturi kollha tas-suq u s-CSDs ikunu soġġetti għal obbligi***, standards*** u regoli direttament applikabbli. Regolament għandu jtejjeb is-sikurezza u l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni billi jipprevjeni regoli nazzjonali diverġenti li jirriżultaw mit-traspożizzjoni ta’ Direttiva. Regolament għandu jnaqqas il-kumplessità regolatorja għall-operaturi tas-suq u s-CSDs li jirriżulta minn regoli nazzjonali differenti u għandu jippermetti lis-CSDs sabiex jipprovdu s-servizzi tagħhom fuq bażi transfruntiera mingħajr ma jkollhom jikkonformaw ma’ settijiet differenti ta’ rekwiżiti nazzjonali bħal dawk li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni, is-superviżjoni, l-organizzazzjoni jew ir-riskji tas-CSDs. Regolament li jimponi rekwiżiti identiċi fuq is-CSDs għandu jikkontribwixxi wkoll sabiex jiġu eliminati d-distorzjonijiet għall-kompetizzjoni. ***Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jiġi applikat b'mod simetriku fil-każ li CSD jikseb liċenzja bankarja jew li bank jikseb awtorizzazzjoni biex jopera CSD. CSD jista' jkun stabbilit fi kwalunkwe Stat Membru. L-ebda Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri ma għandu jiġi diskriminat, direttament jew indirettament, bħala ċentru ta' servizzi tas-CSDs u ta' saldu. Xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jipprova jirrestrinġi jew jimpedixxi lil CSD f'ġurisdizzjoni milli jsalda prodott denominat fil-munita ta' Stat Membru ieħor jew fil-munita ta' pajjiż terz.***

***(5a) Dan ir-Regolament għandu jirrikonoxxi u jappoġġa l-mudelli eżistenti tas-CSDs tal-Istati Membri kollha u s-servizzi li jipprovdu, li żviluppaw biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tas-swieq finanzjarji nazzjonali tagħhom, tal-ekonomija u l-kumpaniji nazzjonali tagħhom, u biex jikkonformaw mal-liġijiet tal-Istati Membri tagħhom.***

***Dan ir-Regolament m'għandux jagħmel bidliet f'mudelli jew f'servizzi eżistenti tas-CSDs sakemm ma jkunux jistgħu jilħqu l-objettivi tar-Regolament jew għaliex jinvolvu riskji eċċessivi.***

(6) Fl-20 ta' Ottubru 2010, il-Bord ta' Stabbiltà Finanzjarja (FSB - Financial Stability Board)[1] sejjaħ għal infrastrutturi tas-swieq ewlenin aktar robusti u talab ir-reviżjoni u t-titjib tal-istandards eżistenti. Il-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu (CPSS) tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) ***iffinalizzaw*** *prinċipji* globali. Dawn ***ħadu*** post ir-rakkomandazzjonijiet tal-BĦI mill-2001, li ġew adattati permezz ta' linji gwida mhux vinkolanti fil-livell Ewropew fl-2009 permezz tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u l-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli (KRET). ***Dan ir-Regolament għandu jikkomplementa dawn il-prinċipji globali ġodda.***

***(6a) Fejn hu possibbli, il-prinċipji tas-CPSS-IOSCO għall-infrastruttura tas-suq finanzjarju, stabbiliti fit-12 ta' April 2012, għandhom ikunu applikati mill-parteċipanti tas-suq, kif ukoll mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ESMA), stabbilita mir-Regolament (UE) Nru.1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] u mill-Kummissjoni meta jiġu sodisfatti l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.***

(7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2008[3], il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li jissaħħu s-sikurezza u l-solidità tas-sistemi ta' saldu tat-titoli u li jiġu indirizzati l-ostakli legali għall-proċess ta' wara n-negozjar fl-Unjoni.

(8) Wieħed mill-kompiti bażiċi tas-SEBĊ huwa li tippromwovi t-tħaddim mingħajr intoppi tas-sistemi tal-pagamenti. F'dan ir-rigward, il-membri tas-SEBĊ iwettqu s-sorveljanza billi jiżguraw li jkun hemm sistemi ta' kklirjar u ta' pagament effiċjenti u solidi. Il-membri tas-SEBĊ spiss jaġixxu bħala aġenti tas-saldu għall-parti ta' flus tat-tranżazzjonijiet tat-titoli. Barra minn hekk, huma wkoll klijenti importanti tas-CSDs, li spiss jamminiġjaw il-kollateralizzazzjoni ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja. Il-membri tas-SEBĊ għandhom ikunu involuti mill-qrib ***u għandhom ikunu*** kkonsultati fl-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CSDs, ir-rikonoxximent ta' CSDs ta' pajjiżi terzi u l-approvazzjoni ta' konnessjonijiet tas-CSDs. ***Biex ikun evitat li jinħolqu settijiet paralleli ta' regoli,*** għandhom ikunu ▌ involuti ***u għandhom ikunu*** kkonsultati ***meta jkun meħtieġ*** fit-tfassil ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni kif ukoll ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-responsabbiltajiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-Banek Ċentrali Nazzjonali (BĊN) sabiex jiġu żgurati sistemi ta' kklerjar u ta' pagament effiċjenti u solidi fl-Unjoni u f'pajjiżi oħrajn ***u m'għandhomx jinkludu sistemi kif imsemmija fid-Direttiva 98/26/KE li ġew stabbiliti bi ftehim reċiproku. L-aċċess għall-informazzjoni mill-membri tas-SEBĊ huwa importanti***

[1] FSB "Innaqqsu l-periklu morali li jinħoloq minn istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament importanti", 20 ta' Ottubru 2010

[2] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

[3] Il-Konklużjonijiet tal-2911-il laqgħa tal-Kunsill, ECOFIN, 2 ta' Diċembru 2008.

***għall-prestazzjoni xierqa tas-sorveljanza tagħhom tal-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji u tal-istabilità finanzjarja kif ukoll għall-funzjonament tal-banek ċentrali.***

(9) Il-banek ċentrali tal-Istati Membri jew kwalunkwe korp ieħor b'funzjonijiet simili f'ċerti Stati Membri, bħall-korpi nazzjonali tal-Istati Membri inkarigati bil-ġestjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fih jistgħu huma stess jipprovdu għadd ta' servizzi li jkunu jikkwalifikawhom bħala CSD. Istituzzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni u superviżjoni, iżda għandhom jibqgħu soġġetti għas-sett ***xieraq*** ta' rekwiżiti prudenzjali għas-CSDs. Peress li l-banek ċentrali jaġixxu bħala aġenti tas-saldu għall-finijiet tas-saldu, dawn ukoll għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

(10) Dan ir-Regolament għandu japplika għas-saldu ta' tranżazzjonijiet fl-istrumenti u l-attivitajiet finanzjarji kollha tas-CSDs sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr ħsara *għal liġi* oħra tal-Unjoni li tikkonċerna l-istrumenti finanzjarji speċifiċi bħad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità[1] u l-miżuri adottati skont dik id-Direttiva.

***(10a) Is-CSDs huma ta' importanza sistematika. Fejn funzjoni jew servizz magħmulin minn CSD huma rregolati f'att legali ieħor tal-Unjoni, huwa għalhekk xieraq li jiġi applikat l-aktar att legali riġidu. Madankollu, m'għandux ikun hemm applikazzjoni multipla, pereżempju, ta' rappurtar tar-rekwiżiti ta' kapital. L-ESMA u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (ABE), stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill[2] għandhom jipprovdu opinjoni dwar l-att legali tal-Unjoni li jrid jiġi applikat mill-awtorità kompetenti.***

(11) Ir-reġistrar ta' titoli f'format ta' entrata fil-kotba huwa pass importanti sabiex tiżdied l-effiċjenza tas-saldu u tiġi żgurata l-integrità tal-ħruġ tat-titoli, b'mod partikolari f'kuntest ta' kumplessità dejjem tiżdied tal-metodi taż-żamma u t-trasferiment. Għal raġunijiet ta' sikurezza, dan ir-Regolament jipprovdi għar-reġistrar f'format ta' entrata fil-kotba tat-titoli trasferibbli kollha. Dan ir-Regolament ma għandux jimponi metodu partikolari wieħed għar-reġistrar tal-entrata fil-kotba inizjali, li jista' jieħu l-forma ta' immobilizzazzjoni permezz tal-ħruġ ta' nota globali jew ta' dematerjalizzazzjoni immedjata. Dan ir-Regolament ma għandux jimponi t-tip ta' istituzzjoni li għandha tirreġistra t-titoli f'format ta' entrata fil-kotba wara l-ħruġ u jippermetti lil atturi differenti, inklużi reġistraturi, sabiex iwettqu din il-funzjoni. Madanakollu, ladarba titoli bħal dawn ikunu negozjati f'ċentri tan-negozjar regolati **mid-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji**[3] jew ipprovduti bħala kollateral skont il-kundizzjonijiet tad-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali[4], dawn it-titoli għandhom jiġu

---

*2* ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

3 ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

4 ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43.

rreġistrati f'sistema ta' entrata fil-kotba ta' CSD sabiex, fost l-oħrajn, jiġi żgurat li kull titolu bħal dan ikun jista' jiġi saldat f'sistema ta' saldu tat-titoli.

(12) Sabiex tkun żgurata s-sikurezza tas-saldu, kull parteċipant f'sistema ta' saldu tat-titoli li jixtri jew ibigħ ċerti strumenti finanzjarji, b'mod partikolari titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju, unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv u kwoti tal-emissjonijiet, għandu jsalda l-obbligu tiegħu fid-data maħsub tas-saldu.

(13) Perjodi ta' saldi itwal ta' tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli jikkawżaw inċertezza u riskju akbar għall-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli. Tul ta' żmien differenti ta' perjodi tas-saldu fost l-Istati Membri jxekklu r-rikonċiljazzjoni u huma sorsi ta' żbalji għall-emittenti, l-investituri u l-intermedjarji. Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġi pprovdut perjodu ta' saldu komuni li jkun jiffaċilita l-identifikazzjoni tad-data maħsuba tas-saldu u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-miżuri dixxiplinarji tas-saldu. Id-data tas-saldu maħsuba tat-tranżazzjonijiet f'titoli trasferibbli ammessi għan-negozjar f'ċentri tan-negozjar regolati mid-Direttiva 2004/39/KE ma għandhiex tkun aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara li jseħħ in-negozju.

(14) Is-CSDs u l-infrastrutturi l-oħrajn tas-suq għandhom jieħdu miżuri sabiex jipprevjenu u jindirizzaw il-fallimenti tas-saldu. Huwa importanti li dawn ir-regoli jkunu applikati b'mod uniformi u dirett fl-Unjoni. B'mod partikolari, is-CSDs u l-infrastrutturi l-oħrajn tas-suq għandhom ikunu meħtieġa jimplimentaw proċeduri li jippermettulhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jissospendi lil kwalunkwe parteċipant li b'mod sistematiku jikkawża fallimenti tas-saldu u li jippermettulhom ukoll jiddivulgaw l-identità tiegħu lill-pubbliku, dejjem jekk il-parteċipant jingħata l-opportunità jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma tittieħed din id-deċiżjoni.

(15) Wieħed mill-aktar modi effiċjenti sabiex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-saldu huwa dak li jeħtieġ lill-parteċipanti li jfallu sabiex ikunu soġġetti għal xiri sfurzat ***fuq talba tal-parti li tkun qed tirċievi,*** fejn it-titoli li għandhom jiġu fornuti jkollhom jinxtraw fis-suq wara d-data ta' saldu maħsuba u fornuti lill-parteċipant li jirċievi. Dan ir-Regolament *jipprevedi* għal regoli ▌ li jikkonċernaw ċerti aspetti tat-tranżazzjonijiet ta' xiri sfurzat għat-titoli trasferibbli, l-istrumenti tas-suq monetarju, l-unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv u l-kwoti tal-emissjonijiet kollha, bħat-twaqqit, il-perjodu ta' notifika, l-ipprezzar u l-penali. ***In-natura speċifika tat-titoli għandha titqies***.

***(15a) Fil-każ tas-swieq għat-tkabbir tal-SMEs, filwaqt li huwa mistenni s-saldu fuq l-istess bażi taċ-ċentri tan-negozjar l-oħrajn kollha, huwa xieraq li dawk iċ-ċentri jiġu permessi l-flessibilità li ma japplikawx sanzjonijiet għal falliment ta' saldu jew il-proċedura ta' xiri sfurzat sa 15-il ġurnata wara li jkun sar in-negozju sabiex tkun permessa l-attività ta' dawk li jaħdmu s-suq f'dawk is-swieq likwidi. Kif ġie identifikat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2011 li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Pjan ta' azzjoni biex jitjieb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs", għandu jiġi żviluppat l-aċċess għas-swieq kapitali bħala alternattiva għas-self tal-banek lill-SMEs u għalhekk huwa xieraq li r-regoli jsiru adattati biex jaqdu aħjar il-bżonnijiet ta' dawk is-swieq għat-tkabbir tal-SMEs.***

(16) Peress li l-għan ewlieni ta’ dan ir-Regolament huwa li jintroduċi għadd ta’ obbligi legali imposti direttament fuq l-operaturi tas-suq li, fost l-oħrajn, jikkonsistu fir-reġistrar f’format ta’ entrata fil-kotba f’CSD tat-titoli trasferibbli kollha ladarba dawn it-titoli jkunu negozjati f’ċentri tan-negozjar regolati mid-Direttiva 2004/39/KE jew ipprovduti bħala kollateral skont il-kundizzjonijiet tad-Direttiva 2002/47/KE u fis-saldu tal-obbligi tagħhom mhux aktar tard mit-tieni jum ta’ xogħol wara li jseħħ in-negozju u peress li s-CSDs huma responsabbli mit-tħaddim ta' ħafna mis-sistemi ta’ saldu tat-titoli u mill-applikazzjoni ta’ miżuri sabiex jipprovdu saldu f’waqtu fl-Unjoni, huwa essenzjali li jiġi żgurat li s-CSDs kollha jkunu sikuri u solidi u l-ħin kollu konformi ma' rekwiżiti organizzattivi stretti, tal-kondotta tan-negozju***, inkluż li jittieħdu l-passi raġonevoli kollha għall-mitigazzjoni kontra l-frodi u n-negliġenza,*** u rekwiżiti prudenzjali stabbiliti minn dan ir-Regolament. Għaldaqstant, regoli uniformi u direttament applikabbli rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tas-CSDs huma konsegwenza essenzjali tal-obbligi legali imposti fuq il-parteċipanti fis-suq minn dan ir-Regolament, kif ukoll interrelatati ma’ xulxin. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġu inklużi r-regoli rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CSDs fl-istess att bħall-obbligi legali imposti fuq il-parteċipanti fis-suq.

(17) Jekk jittieħed f’kunsiderazzjoni l-fatt li s-CSDs għandhom ikunu soġġetti għal sett ta’ rekwiżiti komuni u li sabiex jiġi eliminati l-ostakli eżistenti għas-saldu transfruntier, kwalunkwe CSD awtorizzat għandu jgawdi l-libertà li jipprovdi s-servizzi tiegħu ġewwa t-territorju tal-Unjoni jew billi jwaqqaf fergħa jew billi jforni servizzi direttament.

(18) Ġewwa suq tas-saldu tal-Unjoni mingħajr konfini, hemm bżonn li jiġu definiti l-kompetenzi tal-awtoritajiet differenti involuti fl-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jagħżlu b’mod speċifiku l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw is-setgħat superviżorji u investigattivi meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. CSD għandu jkun soġġett għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-awtorità kompetenti ta’ fejn huwa stabbilit, liema awtorità tkun f'pożizzjoni tajba u għandha tingħata s-setgħa teżamina kif is-CSDs joperaw ta’ kuljum, twettaq eżamijiet regolari u tieħu l-azzjonijiet xierqa meta jkun neċessarju. Madanakollu, dik l-awtorità għandha tikkonsulta fl-aktar stadju bikri u tikkoopera mal-awtoritajiet relevanti l-oħrajn, li jinkludu l-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza ta’ kull sistema ta’ saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD u, fejn applikabbli, mal-banek ċentrali relevanti li jaġixxu bħala aġent tas-saldu għal kull sistema ta’ saldu tat-titoli u anki, fejn applikabbli, mal-awtoritajiet kompetenti ta’ entitajiet ta’ gruppi oħrajn. Din il-kooperazzjoni timplika wkoll tagħrif immedjat tal-awtoritajiet involuti f’każ ta’ sitwazzjonijiet ta’ emerġenza li jaffettwaw il-likwidità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri fejn ikun stabbilit is-CSD jew il-parteċipanti tiegħu. Kull fejn CSD jipprovdi s-servizzi tiegħu fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn huwa stabbilit, kemm permezz tal-istabbiliment ta’ fergħa jew inkella permezz ta’ forniment dirett ta' servizzi, l-awtorità kompetenti tal-post tal-istabbiliment tiegħu tkun dik prinċipalment responsabbli għas-superviżjoni ta’ dak is-CSD. ***B'konformirtà mal-Artikoli 8, 16 u 30 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha tkun involuta fil-koordinament tal-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti, biex tkompli tissaħħaħ il-konsistenza fl-eżiti superviżorji. Sabiex tiġi formalizzata din il-kooperazzjoni,***

***għandha ssir bl-appoġġ tal-mekkaniżmu ta' reviżjoni mill-pari tal-ESMA, billi jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti interessati kollha jirċievu l-informazzjoni relevanti kollha rigward l-attivitajiet tas-CSDs fl-Unjoni. L-ESMA għandha wkoll, meta jkun xieraq, titlob opinjonijiet jew pariri mill-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 dwar kwistjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw is-superviżjoni tas-CSDs b'attivitajiet transkonfinali u b'konnessjonijiet ta' interoperabilità.***

(19) Kwalunwe persuna ġuridika li taqa' taħt din id-definizzjoni ta' CSD trid tkun awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali qabel ma tibda bl-attivitajiet tagħha. Sabiex jieħu f'kunsiderazzjoni mudelli ta' negozju differenti, CSD għandu jiġi definit b'referenza għal ċerti servizzi ewlenin, li jikkonsistu f'saldu, li jimplika t-tħaddim ta' sistema ta' saldu tat-titoli, servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet tat-titoli. Tal-inqas CSD għandu jkun iħaddem sistema waħda ta' saldu tat-titoli u jipprovdi servizz ewlieni wieħed ieħor jew aktar. ***Is-CSDs għandhom ikunu jistgħu jesternalizzaw l-operazzjonijiet tas-servizzi pprovduti.*** Għaldaqstant, din id-definizzjoni ***ta' CSD*** għandha teskludi l-entitajiet li ma jħaddmux sistemi ta' saldu tat-titoli bħal reġistraturi***, depożitarji, aġenti ta' trasferiment tal-fondi*** jew awtoritajiet u korpi pubbliċi responsabbli għal sistema ta' reġistrazzjoni stabbiliti skont id-Direttiva 2003/87/KE. Din it-taħlita hija essenzjali biex is-CSDs iwettqu r-rwol tagħhom fis-saldu tat-titoli u fl-iżgurar tal-integrità tal-ħruġ tat-titoli.

***(19a) L-internalizzaturi ta' saldu, minkejja li mhumiex definiti bħala CSDs f'dan ir-Regolament, għandhom jinħtieġu wkoll jirrapportaw l-attivitajiet ta' saldu tagħhom lill-awtorità kompetenti tagħhom. Barra minn hekk, l-ESMA għandha timmonitorja saldu internalizzat, partikolarment wara l-introduzzjoni tat-Target2Securities. Jekk il-prevalenza tar-riskju sistemiku tiżdied, l-ESMA għandha tkun tista' toħroġ linji gwida li jesiġu rapportar aktar dettaljat.***

(20) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-CSDs f'attivitajiet oħra li mhumiex dawk soġġetti għal awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament, l-attivitajiet tas-CSDs awtorizzati għandhom ikunu limitati għall-forniment ta' servizzi koperti mill-awtorizzazzjoni tagħhom u ma għandu jkollhom l-ebda parteċipazzjoni, kif definit fir-Regolament b'referenza għar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji[1], jew kwalunwe sjieda, diretta jew indiretta, ta' 20% jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital fi kwalunkwe istituzzjoni oħra li ma tipprovdix servizzi simili.

(21) Sabiex tiġi żgurata s-sikurezza fil-funzjonament tas-sistemi tas-saldu tat-titoli, ***u biex jiġu inklużi l-entitajiet kollha li jwettqu l-funzjonijiet tas-saldu, is-sistemi tas-saldu tat-titoli kollha, inklużi dawk magħmula minn CSD, għandhom ikunu koperti b'mod xieraq mir-regoli*** stipulati f'dan ir-Regolament jew minn banek ċentrali.

(22) Mingħajr ħsara għar-rekwiżiti speċifiċi *tal-liġi* fiskali tal-Istati Membri, is-CSDs għandhom ikunu awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari għas-servizzi ewlenin tagħhom li jikkontribwixxu għat-titjib fis-sikurezza, l-effiċjenza u t-trasparenza tas-

[1] ĠU L 222 , 14.8.1978, p. 11.

swieq tat-titoli. Fejn il-forniment ta' dawn is-servizzi jirrelata ma' proċeduri ta' taxxa ▌, dan jibqa' jitwettaq skont *il-liġi* tal-Istat Membru konċernat.

(23) CSD li għandu l-ħsieb li jesternalizza servizz ewlieni lil parti terza jew li jipprovdi servizz ewlieni ***ġdid jew ċerti servizzi*** anċillari, li jħaddem sistema ta’ saldu tat-titoli oħra, li juża bank ċentrali ieħor bħala aġent tas-saldu jew li jistabbilixxi ***jew*** konnessjoni ***interoperabbli jew konnessjoni personalizzata*** ma' CSD ***li tikkawża trasferiment tar-riskju bejn is-CSDs*** għandu japplika għall-awtorizzazzjoni billi jsegwi l-istess proċedura bħal għall-awtorizzazzjoni inizjali, bl-eċċezzjoni li l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lis-CSD li japplika fi żmien tliet xhur dwar jekk awtorizzazzjoni tkunx ingħatat jew ġietx miċħuda.

***(23a) Fejn CSD bi ħsiebu jestendi s-servizzi tiegħu għal servizzi anċillari relatati ma' servizzi notarili u ta’ manutenzjoni ċentrali, u ċerti servizzi anċillari oħra li ma jinvolvux żieda fil-profil tar-riskju tas-CSD, għandu jkun kapaċi jagħmel dan wara li jkun innotifika l-awtorità kompetenti.***

***(23b) F'diversi Stati Membri, is-sistemi ta' żamma diretta jinvolvu relazzjoni tripartitika partikolari li fiha l-investitur għandu kont dirett fil-livell tas-CSD, iżda d-drittijiet u l-obbligi vis-à-vis l-investitur huma kondiviżi bejn is-CSD u l-operatur tal-kont. Din il-kondiviżjoni tal-funzjonijiet m'għandhiex titqies bħala esternalizzazzjoni kif definita f'dan ir-Regolament.***

(24) Is-CSDs stabbiliti f’pajjiżi terzi jistgħu joffru s-servizzi tagħhom jew permezz ta' fergħa jew permezz ta' forniment dirett ta' servizzi lill-emittenti u l-parteċipanti stabbiliti fl-Unjoni fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom hemm u jistgħu jistabbilixxu konnessjonijiet mas-CSDs stabbiliti fl-Unjoni soġġetti għar-rikonoxximent mill-ESMA. ***CSDs minn pajjiżi terzi għandhom ikunu kapaċi jwaqqfu konnessjonijiet standard ma' CSDs stabbiliti fl-Unjoni fl-assenza ta' tali rikonoxximent sakemm l-awtorità kompetenti relevanti ma toġġezzjonax.*** Minħabba n-natura globali tas-swieq finanzjarji, l-ESMA tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex tirrikonoxxi s-CSDs ta’ pajjiżi terzi. L-ESMA *għandha* tirrikonoxxi lil CSDs ta’ pajjiżi terzi biss jekk il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li dawn huma soġġetti għal qafas legali u superviżorju ***b'effett*** ekwivalenti għal dak stipulat f’dan ir-Regolament, jekk huma effettivament awtorizzati u superviżati f’pajjiżhom u jekk ġew stabbiliti arranġamenti ta’ kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti tas-CSDs. ▌

***(24a) Dan ir-Regolament għandu jkollu l-objettiv li jżid il-kompetizzjoni, inaqqas l-ostakli transkonfinali u jtejjeb l-aċċessibbiltà fil-livell tal-Unjoni fost il-parteċipanti, il-kustodji u l-investituri finali sabiex iservi t-territorju kollu u s-suq intern kollu tal-Unjoni. Karatteristiċi importanti li jappoġġaw dawk l-objettivi huma l-forniment liberu ta' servizzi transkonfinali u konnessjonijiet infrastrutturali effiċjenti fost is-CSDs u lejn entitajiet oħra.***

(25) Meta tittieħed f’kunsiderazzjoni n-natura globali tas-swieq finanzjarji u l-importanza sistemika tas-CSDs, joħroġ il-bżonn li tiġi żgurata konverġenza internazzjonali tar-rekwiżiti prudenzjali li huma soġġetti għalihom. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament għandhom isegwu ***l-prinċipji tas-CPSS-IOSCO għall-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji u*** r-rakkomandazzjonijiet ***tas-SEBĊ-KRET għas-sistemi ta' saldu***

***tat-titoli u r-rakkomandazzjonijiet għas-CCPs fl-Unjoni***. L-ESMA għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-istandards eżistenti u l-iżvilupp tagħhom fil-ġejjieni meta tfassal jew tipproponi reviżjoni tal-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni kif ukoll il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet ***imsemmija*** f'dan ir-Regolament.

(26) Meta tittieħed f'kunsiderazzjoni l-kumplessità kif ukoll in-natura sistemika tas-CSDs u tas-servizzi li jipprovdu, regoli ta' governanza trasparenti għandhom jiżguraw li l-maniġment superjuri, il-membri tal-bord, l-azzjonisti u l-parteċipanti, li huma f'pożizzjoni li jeżerċitaw kontroll kif definit b'referenza għas-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati[1], fuq it-tħaddim tas-CSD, kif xieraq sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni soda u prudenti tas-CSD.

(27) Ir-regoli ta' governanza trasparenti għandhom jiżguraw li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-interessi tal-azzjonisti, il-maniġment u l-persunal tas-CSD min-naħa, u l-interessi tal-utenti tagħhom min-naħa l-oħra. *Dawk* il-prinċipji ta' governanza għandhom japplikaw mingħajr ħsara għall-mudell ta' sjieda adottat mis-CSD. ***Madankollu, is-CSDs li jkunu proprjetà tal-utenti għandhom jiġu mħeġġa.*** Il-kumitati tal-utenti għandhom jitwaqqfu għal kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD sabiex jagħtu pariri lill-bord tas-CSD dwar il-kwistjonijiet ewlenin li jħallu impatt fuq il-membri tiegħu ***u għandhom jingħataw l-għodod neċessarji biex iwettqu r-rwol tagħhom***.

(28) Minħabba l-importanza tal-kompiti fdati lis-CSDs, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi li s-CSDs ma jittrasferixxux ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn partijiet terzi permezz *tal-esternalizzazzjoni* tal-attivitajiet tagħhom. L-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet bħal dawn għandha tkun soġġetta għal kundizzjonijiet stretti li jħallu r-responsabbiltà *tas-CSDs* għall-attivitajiet tagħhom u jiżgura li ma jiġux imxekkla s-superviżjoni u s-sorveljanza tas-CSDs. F'ċerti kundizzjonijiet, l-esternalizzazzjoni minn CSD tal-attivitajiet tiegħu lil entitajiet pubbliċi tista' tiġi eżentata minn dawn ir-rekwiżiti.

***(28a) L-operaturi tal-kontijiet, kif definiti f'ċerti sistemi legali bbażati fuq mudell ta' żamma diretta, jirreġistraw entrati f'kontijiet ta' titoli miżmuma mis-CSD bla ma neċessarjament ikunu fornituri ta' kontijiet huma stess. Minħabba l-ħtieġa ta' ċertezza legali rigward l-entrati li jsiru fil-kontijiet fil-livell tas-CSDs, ir-rwol speċifiku tal-operaturi ekonomiċi għandu jiġi rikonoxxut minn dan ir-Regolament. Għalhekk, għandu jkun possibbli, f'ċirkustanzi speċifiċi u skont regoli stretti stabbiliti mil-liġi, li r-responsabbiltà għaż-żamma tal-kontijiet tat-titoli fis-CSD tiġi kondiviża ma' persuna oħra li tkun soġġetta għal regolamentazzjoni u superviżjoni xierqa.***

(29) Ir-regoli tal-kondotta tan-negozju għandhom jipprovdu trasparenza fir-relazzjonijiet bejn is-CSD u l-utenti tiegħu. B'mod partikolari, CSD għandu jkun iddivulga b'mod pubbliku kriterji trasparenti, oġġettivi u nondiskriminatorji għall-parteċipazzjoni fis-sistema tas-saldu tat-titoli, li jkunu jippermettu li jiġi ristrett l-aċċess tal-parteċipanti

[1] ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1.

fuq il-bażi tar-riskji involuti biss. Rimedju veloċi u xieraq għandu jitqiegħed għad-dispożizjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizzaw kwalunkwe ċaħda mhux ġustifikata tas-CSDs biex jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-parteċipanti. CSD għandu jiddivulga b'mod pubbliku l-prezzijiet u t-tariffi għas-servizzi tiegħu. Sabiex jiġi pprovdut aċċess miftuħ u nondiskriminatorju għas-servizzi tas-CSD u minħabba s-setgħa sinifikanti fis-suq li s-CSDs għad għandhom fit-territorju tal-Istati Membri rispettivi tagħhom, CSD ma jistax jitbiegħed mill-politika ta' pprezzar tiegħu. CSD għandu jipprovdi għal proċeduri ta' komunikazzjoni ***miftuħa bi qbil mal-Prinċipju 22 tas-CPSS-IOSCO: Proċeduri u standards tal-komunikazzjoni***. Dawn id-dispożizzjonijiet ta' parteċipazzjoni jakkumpanjaw u jsaħħu d-dritt tal-parteċipanti fis-suq li jużaw sistema ta' saldu fi Stat Membri previst fid-Direttiva 2004/39/KE.

(30) Minħabba r-rwol ċentrali tas-sistemi tas-saldu tat-titoli fis-swieq finanzjarji, meta jipprovdu s-servizzi tagħhom, is-CSDs għandhom jiżguraw saldu f'waqtu, l-integrità tal-ħruġ, is-segregazzjoni tal-kontijiet tat-titoli miżmuma għal kull parteċipant u ***l-ħtieġa*** li fuq talba ***jiġu offruti ż-żewġ kontijiet tal-omnibus, fejn ikun xieraq, sabiex jiżdiedu l-effiċjenzi u kontijiet benefiċjarji uniċi sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jagħżlu l-livell ta'*** segregazzjoni ***li jemmnu li huwa xieraq għall-bżonnijiet tagħhom. Dawk is-servizzi għandhom ikunu provduti fuq ba¿i kummerċjali raġonevoli.*** Is-CSDs għandhom jiżguraw li dawn ir-rekwiżiti japplikaw b'mod separat għal kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minnhom.

(31) Sabiex jiġu evitati r-riskji tas-saldu minħabba l-insolvenza tal-aġent tas-saldu, CSD għandu jsalda, kull meta din il-possibbiltà tkun prattika u disponibbli, il-parti li tikkonsisti fi flus tat-tranżazzjoni ta' titoli permezz ta' kontijiet miftuħa ma' bank ċentrali. Jekk din l-għażla ma tkunx prattikabbli u disponibbli, CSD għandu jkun kapaċi jsalda permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu mwaqqfa skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu[1] u soġġetta għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni speċifika u r-rekwiżiti prudenzjali stipulati fit-Titolu IV ta' dan ir-Regolament. ***Huwa mixtieq li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun entità legali separata mis-CSD sabiex jitnaqqas ir-riskju li għalih hija esposta s-sistema tas-saldu nnifisha. Jidher li separazzjoni bħal din bejn is-servizzi ewlenin tas-CSDs u s-servizzi bankarji anċillari għas-saldu hija indispensabbli sabiex jitneħħa kull periklu ta' trażmissjoni tar-riskji mis-servizzi bankarji, bħal riskji tal-kreditu u tal-likwidità, lill-forniment tas-servizzi ewlenin tas-CSDs. Ma hemmx miżuri inqas intrusivi disponibbli sabiex jitneħħew dawk ir-riskji tal-kreditu u tal-likwidità sabiex jiġi żgurat il-livell previst ta' sikurezza u reżiljenza tas-CSDs. Madankollu, sabiex jiġu żgurati l-effiċjenzi li jirriżultaw mid-dispożizzjoni ta' kemm is-servizzi ta' CSD kif ukoll dawk bankarji fl-istess grupp ta' intrapriżi, ir-rekwiżit li s-servizzi bankarji jitwettqu minn istituzzjoni ta' kreditu differenti ma għandux jipprevjeni lil dik l-istituzzjoni ta' kreditu milli tagħmel parti mill-istess grupp ta' intrapriżi bħas-CSD. Huwa xieraq li jiġu previsti ftehimiet tranżitorji li fihom is-CSDs jistgħu jiġu awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari mill-istess entità legali. F'tali każijiet, għandhom jiġu imposti kundizzjonijiet addizzjonali qabel ma tingħata awtorizzazzjoni biex jiġi rifless il-profil tar-riskju***

[1] ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

***miżjud. Kull fejn istituzzjoni tal-kreditu oħra barra l-bank ċentrali taġixxi bħala*** aġent tas-saldu, ***l-istituzzjoni tal-kreditu*** għandha tkun kapaċi tipprovdi lill-parteċipanti tas-CSDs is-servizzi stabbiliti f'dan ir-Regolament, li huma koperti mill-awtorizzazzjoni, ***imma ma għandhiex tipprovdi servizzi bankarji oħra mill-istess entità legali biex tillimita l-esponiment tas-sistema tas-saldu għar-riskju mill-falliment tal-istituzzjoni tal-kreditu.***

(32) Peress li dik id-Direttiva 2006/48/KE ma tindirizzax b'mod speċifiku riskji fuq il-kreditu u tal-likwidità ta' dakinhar li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi bankarji anċillari għas-saldu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jipprovdu servizzi bħal dawn għandhom ikunu soġġetti wkoll għal rekwiżiti msaħħa ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu u tal-likwidità li għandhom japplikaw għal kull sistema tas-saldu tat-titoli li fir-rigward tagħhom huma jaġixxu bħala aġenti tas-saldu. Sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-miżuri speċifiċi mmirati lejn il-mitigazzjoni tar-riskji tal-kreditu u l-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jitolbu lis-CSDs jaħtru aktar minn istituzzjoni tal-kreditu waħda kull meta jkunu jistgħu juru, abbażi tal-evidenza disponibbli, li l-iskoperturi ta' istituzzjoni ta' kreditu waħda għall-konċentrazzjoni tar-riskji tal-kreditu u l-likwidità mhumiex mitigati bis-sħiħ. ***Is-CSDs għandhom ikunu wkoll kapaċi jinnominaw aktar minn istituzzjoni tal-kreditu waħda.***

**▌**

(34) Sabiex jiġi pprovdut grad suffiċjenti ta' sikurezza u kontinwità tas-servizzi pprovduti mis-CSDs, is-CSD għandu jkun soġġett għal rewiżiti prudenzjali u kapitali speċifiċi li huma uniformi u direttament applikabbli u li jimmitigaw ir-riskji legali, operazzjonali u tal-investimenti tiegħu.

(35) Is-sikurezza tal-ftehimiet ta' konnessjoni stabbiliti bejn is-CSDs għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti speċifiċi sabiex ikun jista' jsir aċċess mill-parteċipanti rispettivi tagħhom għal sistemi tas-saldu tat-titoli oħrajn. Ir-rekwiżit li tipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju f'entità ġuridika separata ma għandux ipprevjeni lis-CSDs milli jirċievu servizzi bħal dawn, partikolarment meta jkunu parteċipanti f'sistema tas-saldu tat-titoli mħaddma minn CSD oħra. Huwa partikolarment importanti li kwalunkwe riskju potenzjali li jirriżulta mill-arranġamenti ta' konnessjoni bħal riskji tal-kreditu, likwidità, organizzazzjonali jew oħrajn għas-CSDs jiġu mmitigati kompletament. Għal konnessjonijiet interoperabbli, huwa importanti li sistemi konnessi tas-saldu tat-titoli jkollhom ***regoli koordinati għal*** mumenti ta' entrata ta' ordnijiet ta' trasferiment fis-sistema, l-irrevokabbiltà tal-ordnijiet ta' trasferiment u l-finalità tat-trasferimenti tat-titoli u l-flus. Għandhom ikunu japplikaw l-istess prinċipji għas-CSDs li jużaw l-stess infrastruttura ta' teknoloġija tal-informazzjoni (IT) għas-saldu.

(36) Bħala l-operaturi ***ewlenin*** tas-sistemi tas-saldu tat-titoli, is-CSDs għandhom rwol importanti fl-ipproċessar ta' trasferiment ta' titoli f'kontijiet ta' titoli. Sabiex titjieb iċ-ċertezza legali b'mod partikolari fil-kuntest transfruntier, huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar il-liġi applikabbli għall-aspetti ta' sjieda fir-rigward tat-titoli li jinżammu minn CSD fil-kontijiet tiegħu. Filwaqt li ssegwi l-approċċ meħud mir-

regoli eżistenti dwar il-kunflitti ta' liġijiet, il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi tal-post fejn jinżammu l-kontijiet ta' CSD.

***(36a)*** ***Huwa neċessarju li s-superviżuri jkollhom għarfien dwar il-livell, tal-anqas f'termini aggregati, tal-ftehimiet ta' xiri mill-ġdid, tal-attivitajiet ta' self ta' titoli u tal-forom kollha ta' gravami jew arranġamenti ta' rkupru (clawback arrangements) tal-istituzzjonijiet, sabiex is-superviżuri jkollhom stampa sħiħa u għarfien sħiħ ta' dawn l-operazzjonijiet li mhumiex trasparenti u jistgħu jagħtu lok għal inċertezzi fis-saldu u s-sjieda. Għalhekk, is-CSDs għandhom jaħżnu d-dejta kollha dwar tranżazzjonijiet bħal dawn li jipproċessaw u meta jkun applikabbli jipprovdu servizzi għal, u jippermettu aċċess għal tali informazzjoni, inter alia, mill-ABE, l-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, il-BERS, il-banek ċentral rilevanti u s-SEBĊ. Dik l-informazzjoni tippermetti wkoll rieżami bis-sens tal-politika ta' eżenzjoni, per eżempju fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xiri sfurzat.***

***(36b)*** ***Wara l-iżvilupp ta' Identifikatur tal-Entitajiet Ġuridiċi (IEĠ), u t-titjib tal-utilità tiegħu, is-CSDs għandhom jaħdmu flimkien mar-regolaturi biex jiżviluppaw standards komuni simili rigward il-ftehimiet ta' xiri mill-ġdid u r-rapportar ta' titoli biex ikopru l-aspetti tal-prinċipji, ir-rati ta' imgħax, il-kollateral, it-telf impost (haircuts), il-perjodu ta' maturità, il-kontropartijiet u aspetti oħrajn, li jgħinu l-formazzjoni ta' aggregati. Barra minn hekk, għandu jkun objettiv li jinkiseb immappjar tat-tranżazzjonijiet f'ħin reali fis-servizzi finanzjarji kollha u li dan jiġi appoġġat u awtomatizzat permezz ta' indentifikaturi standardizzati tal-messaġġi u tad-dejta f'konformità mal-istandards miftuħa tal-industrija. Is-CSDs għandu jkollhom rwol ewlieni fl-ilħuq ta' dak l-objettiv.***

(37) F'ħafna Stati Membri, l-emittenti huma meħtieġa mil-liġi nazzjonali li joħorġu ċerti tipi ta' titoli, b'mod partikolari ishma, fis-CSDs nazzjonali tagħhom. Sabiex jitneħħa dan l-ostaklu għall-funzjonament bla intoppi tas-suq ta' wara n-negozjar tal-Unjoni u sabiex l-emittenti jkunu jistgħu jagħżlu l-aktar mezz effiċjenti sabiex jamminiġjaw it-titoli tagħhom, l-emittenti għandu jkollhom id-dritt li jagħżlu kwalunkwe CSD stabbilit fl-Unjoni sabiex jirreġistraw t-titoli tagħhom u sabiex jirċievu kwalunkwe servizz relevanti mingħand CSD. Rimedju veloċi u xieraq għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizzaw kull ċaħda inġustifikata tas-CSDs milli jipprovdu s-servizzi tagħhom lil emittenti. Sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-azzjonisti, id-dritt li l-emittenti jagħżlu CSD ma għandux jipprevjeni l-applikazzjoni tal-liġijiet korporattivi nazzjonali li t-titoli huma kkostitwiti skonthom u li jirregolaw ir-relazzjoni bejn l-emittenti u l-azzjonisti tagħhom.

***(37a)*** ***Il-liġi korporattiva jew liġi oħra li taħtha huma kostitwiti t-titoli għandha tinkludi l-liġi li tistabbilixxi n-natura legali tagħhom fir-rigward tal-emittent, u li tirregola r-relazzjoni bejn l-emittent u d-detentur jew kwalunkwe parti terza u d-drittijiet u d-dmirijiet rispettivi tagħhom marbutin mat-titoli bħal ma huma d-drittijiet tal-vot, id-dividendi u azzjonijiet korporattivi oħrajn.***

***(37b)*** ***Filwaqt li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jeħtieġu ftit armonizzazzjoni tal-liġi tat-titoli, m'għandhomx jitqiesu bħala suffiċjenti biex tinħoloq bażi legali koerenti sħiħa għas-saldu tat-titoli u t-tlestija tas-suq intern għal servizzi ta' wara n-***

***negozjar mal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tressaq proposti leġiżlattivi rigward il-liġi tat-titoli kemm jista' jkun prattikament possibbli sabiex jitlesta s-suq intern fis-servizzi finanzjarji.***

(38) Il-Kodiċi Ewropew tal-Kondotta għall-Ikklerjar u s-Saldu tas-7 ta' Novembru 2006[1] ħolqu qafas volontarju sabiex ikun hemm aċċess bejn is-CSDs u infrastrutturi oħrajn tas-suq. Madanakollu, is-settur ta' wara n-negozjar għadu frammentat skont linji nazzjonali, u dan iżid l-ispejjeż għan-negozjar transkonfinali ***għalxejn***. Hemm bżonn li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi għall-konnessjonijiet bejn is-CSDs u ta' aċċess bejn is-CSDs u infrastrutturi oħrajn tas-suq. Sabiex is-CSDs ikunu jistgħu joffru aċċess lill-parteċipanti tagħhom għal swieq oħrajn, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsiru parteċipant ta' CSD ieħor jew li jitolbu lil CSD ieħor jiżviluppa funzjonijiet speċjali ħalli jiksbu aċċess għal dan tal-aħħar. Rimedju veloċi u xieraq għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizza kwalunkwe ċaħda inġustifikata ta' CSD milli jagħti aċċess lil CSD ieħor. ***Fejn il-konnessjonijiet*** tas-CSDs jistgħu jintroduċu riskju addizzjonali għas-saldu, dawn għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti relevanti***, filwaqt li konnessjonijiet standard li ma jinvolvux it-trasferenza ta' riskji għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' notifika aktar milli awtorizzazzjoni espliċita***.

(39) Is-CSDs għandu jkollhom aċċess anki għall-aġġornamenti dwar it-tranżazzjonijiet minn CCP jew ċentru tan-negozjar u dawk l-infrastrutturi tas-suq għandu jkollhom aċċess għas-sistemi tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs▌. Rimedju veloċi u xieraq għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizza kwalunkwe ċaħda inġustifikata tas-CSDs jew infrastrutturi tas-suq milli jipprovdu aċċess għas-servizzi tagħhom. ***Dan ir-Regolament jikkompleta l-arranġamenti ta' aċċess stipulati fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet[2] u r-Regolament (UE) Nru .../... dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji [MiFIR] bejn iċ-ċentri tan-negozjar, is-CCPs u s-CSDs meħtieġa biex jiġi stabbilit suq intern kompetittiv fis-servizzi ta' wara n-negozjar. Filwaqt li jinnota li hemm oqsma fis-servizzi finanzjarji fejn jista' jkun li jeżistu wkoll drittijiet kummerċjali u ta' proprjetà intellettwali, meta dawn jirrigwardaw prodotti jew servizzi li saru standards industrijali jew għandhom impatt fuqhom, bħal punti ta' riferiment u flussi ta' dejta dwar in-negozjar (trade feeds), dawn għandhom ikunu disponibbli skont termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND). L-ESMA u l-Kummissjoni għandhom ikomplu jimmonitorjaw mill-viċin l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' wara n-negozjar u għandhom, meta jkun meħtieġ, jintervjenu sabiex jipprevjenu li jseħħu distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern.***

---

[1] "Kodiċi tal-Kondotta Ewropea għall-Ikklerjar u s-Saldu" iffirmat mill-FESE (Federazzjoni tal-Boroż Ewropej tat-Titoli - Federation of European Securities Exchanges), l-EACH (Assoċjazzjoni Ewropea ta' Kmamar tal-Ikklerjar - European Association of Clearing Houses) u l-ECSDA (Assoċjazzjoni Ewropea ta' Depożitorji Ċentrali tat-Titoli - European Central Securities Depositories Association) fis-7 ta' Novembru 2006.

[2] ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

(40) Qafas prudenzjali sod u ta' kondotta tan-negozju għas-settur finanzjarju għandu jiġi msejjes fuq reġimi sodi ta' superviżjoni u sanzjonar. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jingħataw biżżejjed setgħat sabiex jaġixxu u għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq reġimi ta' sanzjonar deterrenti li għandhom jintużaw kontra kwalunkwe kondotta illegali. Fil-Komunikazzjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tisħiħ tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji, twettqet analiżi tas-setgħat ta' sanzjonar eżistenti u l-applikazzjoni prattika tagħhom bil-għan li tippromwovi l-konverġenza tas-sanzjonijiet fuq il-firxa tal-attivitajiet superviżorji.

(41) Għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata konformità effettiva mis-CSDs, l-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula bħala aġenti tas-saldu, il-membri tal-korpi tal-maniġment tagħhom u kull persuna oħra li effettivament tikkontrolla n-negozju tagħhom jew kwalunwe persuna oħra bir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu japplikaw sanzjonijiet amministrattivi u miżuri li huma effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(42) Sabiex tiġi pprovduta applikazzjoni deterrenti u konsistenti tas-sanzjonijiet fl-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal lista ta' sanzjonijiet amministrattivi ewlenin u l-miżuri li jeħtieġ li jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, għas-setgħa li jimponu dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri fuq il-persuni kollha, kemm jekk ġuridiċi jew inkella fiżiċi, responsabbli għal ksur, għal lista ta' kriterji ewlenin meta jiġu determinati l-livell u t-tip ta' dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri u għal livelli ta' sanzjonijiet pekunarji amministrattivi. Multi amministrattivi għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni fatturi bħal kwalunkwe benefiċċju finanzjarju identifikat li jirriżulta mill-ksur, il-gravità u kemm dam il-ksur, kwalunkwe fatturi li jaggravaw jew jimmitigaw, il-ħtieġa li l-multi jkollhom effett deterrenti u, fejn din tkun xieraq, l-inklużjoni ta' skont għall-kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti. L-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-drittijiet tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (Artikolu 7), id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali (Artikolu 8) u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali (Artikolu 47).

(43) Sabiex jiġi identifikat ksur potenzjali, għandhom jiġu implimentati mekkaniżmi effettivi li jħeġġu r-rapportar ta' ksur potenzjali jew ksur reali ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jinkludu salvagwardji adegwati għall-persuni li jirraportaw il-ksur potenzjali jew reali ta' dan ir-Regolament u għall-persuni akkużati b'dan il-ksur. Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri xierqa sabiex ikun hemm konformità mad-dritt ta' protezzjoni tad-dejta personali tal-persuna akkużata, mad-dritt ta' difiża u ta' smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali li taffettwa lil dik il-persuna kif ukoll mad-dritt ta' li jintalab rimedju effettiv quddiem tribunal kontra kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li taffettwa lil dik il-persuna.

(44) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni fil-liġi tal-Istati Membri relatata mas-sanzjonijiet kriminali.

***(44a) Bi qbil mal-Artikolu 114(2) tat-TFUE, is-setgħa biex jiġu adottati l-miżuri skont l-Artikolu 114(1) ma tapplikax għad-dispożizzjonijiet fiskali. Fil-każ C-338/01, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dehrilha li l-kliem "dispożizzjonijiet fiskali" jrid jiġi interpretat bħala "li jkopru mhux biss id-dispożizzjonijiet li jiddeterminaw il-persuni taxxabbli, it-tranżazzjonijiet taxxabbli, il-bażi tal-impożizzjoni, u r-rati tat-taxxi diretti u indiretti u l-eżenzjonijiet minnhom, imma wkoll dawk relatati mal-arranġamenti għall-ġbir ta' tali taxxi". Dan ir-Regolament, għalhekk, ma jistax jintuża bħala l-bażi għall-ebda tip ta' ġbir tat-taxxi għax dan irid isir fuq bażi legali separata.***

(45) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data [dejta] personali u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-data[1] tirregola l-ipproċessar ta’ dejta personali mwettaq fl-Istati Membri skont dan ir-Regolament. Kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta’ dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandha sseħħ skont ir-regoli dwar it-trasferiment ta’ dejta personali kif stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data [dejta][2] jirregola l-ipproċessar ta’ dejta personali mwettaq mill-ESMA skont dan ir-Regolament. Kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta’ dejta personali mwettqa mill-ESMA għandha ssir skont ir-regoli dwar it-trasferiment ta’ dejta personali kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

(46) Dan ir-Regolament huwa konformi mad-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b’mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b’mod partioklari d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, id-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn għall-istess reat, il-libertà li jitwettqu attivitajiet ekonomiċi, u jrid jiġi applikat skont dawn ir-regoli u l-prinċipji.

***(46a) Meta jiġi applikat dan ir-Regolament biex jissolvew il-kwistjonijiet imqajma minn xi kunflitt ta' liġi, huwa importanti li dan ir-Regolament ma jfittixx li jiddetermina l-liġi applikabbli għat-trattament ta' proċedimenti ta' insolvenza tal-istrumenti finanzjarji rrekordjati fuq kont miżmum mis-CSD jew l-effett, fir-rigward ta' tali strument finanzjarju, ta' mewt, dissoluzzjoni, wirt jew suċċessjoni, divorzju, saħħa mentali, inkapaċità jew proċedimenti kriminali.***

(47) L-ESMA għandu jkollha rwol ċentrali fl-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament billi tiżgura applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-Unjoni mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u billi ssib soluzzjonijiet f’każ ta’ nuqqas ta’ qbil bejniethom. ***Meta tħejji abbozz ta' standards tekniċi u atti delegati, l-ESMA għandha ssegwi l-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħa b'kompetizzjoni libera skont l-Artikolu 119(1) u (2) tat-TFUE.***

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p.31.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

***(47a)*** ***L-ESMA għandha timmonitorja mill-qrib, u tirrapporta annwalment rapport lill-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-arranġamenti ta' ħruġ ta' liċenzji tal-infrastruttura tas-swieq finanzjarji u dwar kwalunkwe impatt negattiv fuq l-istabbiliment ta' suq intern kompetittiv fis-servizzi finanzjarji ta' wara n-negozjar, b'mod partikolari meta l-użu ta' tali liċenzji jista' jintuża biex tiġi evitata l-kompetizzjoni minn ċentri tan-negozjar u CCPs oħra. Meta dawk ir-rapporti juru ostakli kontinwi għall-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji ta' wara n-negozjar b'tali mod li jġib riskju sistemiku u garanzija impliċita tal-kontribwenti għall-infrastruttura tas-swieq finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tressaq proposti leġiżlattivi.***

(48) Bħala korp b'kompetenzi ferm speċjalizzati rigward it-titoli u s-swieq tat-titoli, ikun effiċjenti u xieraq li l-ESMA tiġi fdata bl-elaborazzjoni ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li ma jinvolvux għażliet politiċi, sabiex jiġu sottomessi lill-Kummissjoni. Kull meta dan ikun speċifikat, l-ESMA għandha tinvolvi mill-qrib anki lill-membri tas-SEBĊ u *lill-ABE*.

(49) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji skont l-Artikolu 290 *tat-TFUE* u l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fir-rigward tal-elementi dettaljati tal-miżuri dixxiplinarji tas-saldu; it-tagħrif u elementi oħrajn li jridu jiġu inklużi minn CSD fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni; it-tagħrif li l-awtoritajiet differenti għandhom jipprovdu lil xulxin meta jissuperviżaw lis-CSDs; id-dettalji tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tad-domiċilju u dawk ospitanti; l-elementi tal-arranġamenti tal-governanza għas-CSDs; ***il-kriterji li skonthom l-operazzjonijiet ta' CSD fi Stat Membru ospitanti għandhom jitqiesu ta' importanza sostanzjali għal dak l-Istat Membri;*** id-dettalji tar-reġistri li għandhom jinżammu mis-CSDs; ***ir-riskji li jistgħu jiġġustifikaw ċaħda ta' aċċess minn CSD lil parteċipanti u l-elementi tal-proċedura disponibbli għall-parteċipanti li qed jitolbu aċċess;*** id-dettalji tal-miżuri li għandhom jittieħdu mis-CSDs sabiex tinżamm l-integrità tal-ħarġa; il-protezzjoni tat-titoli tal-parteċipanti; it-twettiq f'waqtu tas-saldu; il-mitigazzjoni tar-riskji operazzjonali u tar-riskji li jiġu mill-konnessjonijiet tas-CSDs; id-dettalji tar-rekwiżiti kapitali għas-CSDs; id-dettalji tar-rekwiżiti prudenzjali għarr-riskji tal-kreditu u tal-likwidità għall-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula. ***L-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li jindirizzaw l-informazzjoni li awtoritajiet differenti għandhom jipprovdu lil xulxin meta jissorveljaw is-CSDs u d-dettalji tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u ospitanti għandhom jiġu stabbiliti mill-ESMA b'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ.***

(50) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa wkoll li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 *tat-TFUE* u skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fir-rigward tal-formoli u l-mudelli standard għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mis-CSDs; għall-forniment ta' tagħrif bejn awtoritajiet kompetenti differenti għall-finijiet ta' superviżjoni tas-CSDs; għall-arranġamenti ta' kooperazzjoni relevanti bejn l-awtoritajiet tad-domiċilju u dawk ospitanti; għall-formati tar-reġistri li għandhom jinżammu mis-CSDs; għall-proċeduri f'każijiet fejn parteċipant jew emittent ma jingħatax aċċess għal CSD, CSDs ma jingħatawx aċċess bejniethom jew bejn CSDs u

infrastrutturi oħrajn tas-suq; għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet differenti qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni lil aġent tas-saldu.

(51) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 290 *TFUE*. B'mod partikolari, l-atti ddelegati għandhom jiġu adottati fir-rigward tad-dettalji speċifiċi li jikkonċernaw id-definizzjonijiet; il-kriterji li skonthom l-operazzjonijiet ta' CSD fi Stat Membru ospitanti għandhom jitqiesu ta' importanza sostanzjali għal dak l-Istat Membri; is-servizzi li għalihom CSD ta' pajjiż terz għandha tfittex li tikseb rikonoxximent mill-ESMA u t-tagħrif li s-CSD applikant għandu jipprovdi lill-ESMA fl-applikazzjoni tiegħu għar-rikonoxximent; ir-riskji li jistgħu jiġġustifikaw ċaħda ta' aċċess minn CSD lil parteċipanti u l-elementi tal-proċedura disponibbli għall-parteċipanti li qed jitolbu aċċess; il-valutazzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn is-saldu fi flus tal-bank ċentrali ma jkunx prattikabbli u disponibbli; l-elementi tal-proċedura għal aċċess ta' emittenti għal CSDs, aċċess bejn CSDs u bejn CSDs u infrastrutturi oħrajn tas-suq.

(52) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tieħu deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-regoli ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' rikonoxximent ta' CSDs ta' pajjiżi terzi [redacted] . Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali rigward il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni[1].

(53) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi għas-saldu kif ukoll għas-CSDs, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jikseb dawk l-objettivi.

(1) (54) Hemm bżonn li tiġi emendata d-Direttiva 98/26/KE sabiex tiġi konformi mad-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010[2], fejn is-sistemi ta' saldu tat-titoli magħżula ma jibqgħux jiġu notifikati lill-Kummissjoni iżda lill-ESMA.

***(54a) L-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq għandhom rwol kruċjali f'li jipprovdu likwidità lis-swieq fl-Unjoni u l-ġeneraturi tas-suq jeħtieġ li jieħdu pożizzjonijiet bin-nieqes sabiex iwettqu dak ir-rwol, partikolarment f'titoli anqas likwidi u dawk mdaħħla fin-negozjar fis-swieq ta' tkabbir tal-SMEs.***

[1] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
[2] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120.

(55) L-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni u rikonoxximent ta' dan ir-Regolament għandha tiġi differita sabiex is-CSDs stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi jingħataw żmien biżżejjed sabiex jiksbu l-awtorizzazzjoni u r-rikonoxximent stipulati f'dan ir-Regolament.

(56) Hemm il-bżonn ukoll li tiġi differita l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni ta' ċerti titoli trasferibbli f'format ta' entrata fil-kotba u s-saldu ta' obbligi fis-sistemi ta' saldu tat-titoli mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara n-negozjar sabiex il-parteċipanti fis-suq li għandhom titoli fuq il-karta jew li jużaw perjodi ta' saldu itwal jingħataw biżżejjed żmien sabiex jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I

## SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

### Artikolu 1

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti uniformi għas-saldu ta' strumenti finanzjarji ***speċifikati fil-punti 1, 2 u 3 tat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2012/.../UE [il-MiFID il-ġdida]*** fl-Unjoni u regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kondotta tad-depożitorji ċentrali tat-titoli għall-promozzjoni ta' saldu sikur***, trasparenti, effiċjenti*** u mingħajr intoppi.

2. Dan ir-Regolament japplika għas-saldu tal-istrumenti u l-attivitajiet finanzjarji ***bħal dawn*** tas-CSDs sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

3. Dan ir-Regolament huwa mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet *tal-liġi* tal-Unjoni li tikkonċerna strumenti finanzjarji speċifiċi, partikolarment id-Direttiva 2003/87/KE.

4. L-Artikoli 9 sa 18 u 20 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV ma japplikawx għall-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), korpi nazzjonali oħra tal-Istati Membri li jwettqu funzjonijiet simili***,*** il-korpi pubbliċi tal-Istati Membri ***jew tal-Unjoni*** inkarigati bil-ġestjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fih.

### Artikolu 2

### Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (1) 'depożitorju ċentrali tat-titoli' *jew* 'CSD' tfisser persuna ġuridika li tħaddem sistema ta' saldu tat-titoli elenkata fil-punt 3 tat-Taqsima A tal-Anness u li tal-inqas twettaq servizz ewlieni ieħor elenkat fit-Taqsima A tal-Anness;

   (2) 'saldu' tfisser it-tlestija ta' tranżazzjoni ta' titoli ***kull meta tkun konkluża*** bil-għan li jitwettqu l-obbligi ***ta' partijiet għal tranżazzjoni*** permezz tat-trasferiment ta' fondi jew titoli***, jew it-tnejn***;

   (3) 'sistema ta' saldu tat-titoli' tfisser sistema skont l-ewwel u t-tieni inċiżi tal-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE ***li mhijiex użata minn kontroparti ċentrali*** li ***l-attività*** tagħha ***tikkonsisti*** fit-twettiq ta' ordnijiet ta' trasferiment kif definit fit-tieni inċiż tal-punt (i) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE;

*(3a)* ***'internalizzatur tas-saldu' tfisser istituzzjoni tal-kreditu jew ditta tal-investiment jew ditta ta' parti terza awtorizzata bi qbil mad-Direttiva 2006/48/KE jew mad-Direttiva.../…/UE [il-MiFID il-ġdida] li twettaq ordnijiet tat-trasferimenti f'isem il-klijenti jew f'isimha barra permezz ta' sistema tas-saldu tat-titoli;***

(4) ‘perjodu ta’ saldu’ tfisser il-perjodu ta’ żmien bejn id-data tan-negozjar u d-data ta’ saldu maħsuba;

(5) ‘jum ta’ negozjar’ tfisser jum ta’ negozjar kif definit fil-punt (n) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE;

(6) ‘falliment tas-saldu’ tfisser li s-saldu ta’ tranżazzjoni ta’ titoli ma jseħħx ***jew iseħħ biss saldu parzjali*** fid-data ta’ saldu maħsuba, ▌ *irrispettivament* mill-kawża sottostanti;

(7) ‘data ta’ saldu maħsuba’ tfisser id-data li fiha l-partijiet għal tranżazzjoni ta’ titoli jaqblu li għandu jseħħ is-saldu;

(8) ‘kontroparti ċentrali *jew 'CCP'* tfisser ***CCP kif definit fil-Punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012***;

(9) ‘awtorità kompetenti’ tfisser l-awtorità magħżula minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 10;

(10) ‘parteċipant’ tfisser kwalunkwe parteċipant, kif definit fil-punt (f) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE, inkluża CCP, f’sistema ta’ saldu tat-titoli;

(11) ‘parteċipazzjoni’ tfisser parteċipazzjoni skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 78/660/KEE, jew is-sjieda, diretta jew indiretta, ta’ 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta’ impriża;

(12) ‘Stat Membru tal-pajjiż tad-domiċilju’ oriġini’ tfisser l-Istat Membru li fih ikun awtorizzat is-CSD;

(13) ‘Stat Membru ospitanti’ tfisser l-Istat Membru, li mhuwiex l-Istat Membru tad-domiċilju, li fih CSD ikollu fergħa jew jipprovdi servizzi ta’ CSD;

(14) ‘fergħa’ tfisser post tan-negozju li mhijiex l-uffiċċju prinċipali li huwa parti minn CSD, li ma għandux personalità ġuridika u li jipprovdi servizzi ta’ CSD li għalihom ġie awtorizzat is-CSD;

(15) ‘kontroll’ tfisser ir-relazzjoni bejn żewġ impriżi kif *imsemmija* fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 83/349/KEE;

(16) ‘inadempjenza ta’ parteċipant’ tfisser sitwazzjoni fejn jinfetħu proċeduri ta’ insolvenza, kif definiti fil-punt (j) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE, kontra parteċipant;

(17) ‘kunsenja kontra ħlas’ *jew 'DVP'* - *(*Delivery Versus Payment’) tfisser

mekkaniżmu ta’ saldu ta’ titoli li jorbot trasferiment ta’ titoli ma’ trasferiment ta’ fondi b’mod li l-kunsenja ta’ titoli sseħħ biss jekk iseħħ il-ħlas korrisponenti;

(18) ‘kont ta’ titoli’ tfisser kont li fih it-titoli jistgħu jiġu kkreditati jew iddebitati;

(19) ‘konnessjoni ma' CSD’ tfisser arranġament bejn CSDs fejn CSD jiftaħ kont fis-sistema ta’ saldu tat-titoli ta’ CSD ieħor sabiex jiffaċilita t-trasferiment ta’ titoli mingħand il-parteċipanti tiegħu għal għand il-parteċipanti ta’ dak is-CSD. Il-konnessjonijiet tas-CSDs jinkludu aċċess għal konnessjoni standard, aċċess għal konnessjoni personalizzata u konnessjonijiet interoperabbli;

(20) ‘aċċess għal konnessjoni standard’ tfisser konnessjoni ta’ CSD fejn CSD ikun konness ma’ CSD ieħor bħal kwalunkwe parteċipant ieħor fis-sistema ta’ saldu tat-titoli mħaddma minn dan tal-aħħar;

(21) ‘aċċess għal konnessjoni personalizzata’ tfisser konnessjoni ma’ CSD fejn CSD jipprovdi servizzi speċifiċi lil CSD ieħor differenti mis-servizzi pprovduti lil parteċipanti oħrajn fis-sistema ta’ saldu tat-titoli tiegħu;

***(21a) ‘proċeduri u standards internazzjonali ta' komunikazzjoni miftuħa’ tfisser proċeduri u formats ta' komunikazzjoni miftuħa u trasparenti li ma jagħmlux qligħ u li huma liberament disponibbli għall-parteċipanti kollha tal-industrija;***

(22) ‘konnessjonijiet interoperabbli’ tfisser konnessjonijiet ta' CSDs fejn is-sistemi ta’ saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs isiru interoperabbli kif definit fil-punt (o) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE;

(23) ‘titoli trasferibbli’ tfisser titoli trasferibbli kif definiti fil-punt (18) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE;

(24) ‘strumenti tas-suq monetarju’ tfisser strumenti tas-suq monetarju kif definiti fil-punt (19) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE;

(25) ‘l-unitajiet f’impriżi ta’ investiment kollettiv’ tfisser l-unitajiet f’impriżi ta’ investiment kollettiv kif imsemmi fil-punt (3) tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE;

(26) ‘kwoti tal-emissjonijiet’ tfisser kwalunkwe kwota rikonoxxuta għall-konformità tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/87/KE;

(27) ‘suq regolat’ tfisser ‘suq regolat’ kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE;

(28) ‘faċilità multilaterali tan-negozjar *jew 'MTF' - (*Multilateral Trading Facility)’ tfisser faċilità multilaterali tan-negozjar kif definita fil-punt (15) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE;

(29) ‘faċilità organizzata tan-negozjar *jew 'OTF' - (*Organised Trading Facility)’

tfisser kwalunkwe sistema jew faċilità, li mhijiex suq regolat jew MTF, imħaddma minn ditta tal-investiment jew operatur tas-suq, fejn interessi ta' xiri jew bejgħ ta' partijiet terzi multipli fi strumenti finanzjarji jistgħu jinteraġixxu fis-sistema b'mod li jirriżutla f'kuntratt skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tad-Direttiva 2004/39/KE;

(30) 'sussidjarja' tfisser impriża sussidjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 83/349/KEE;

(31) 'aġent tas-saldu' tfisser aġent tas-saldu kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE.

***(31a) 'kont tal-omnibus' tfisser kont tat-titoli li jkollu t-titoli tal-partijiet multipli;***

***(31 b) 'kont ta' titoli segregat' tfisser kont ta' titoli miżmum f'isem parti waħda;***

***(31c) 'investitur aħħari' tfisser persuna fiżika jew legali li jkollha t-titoli b'fornitur ta' kont tat-titoli għaliha stess, u mhux bħala konsegwenza tal-għoti tas-servizzi tal-kontijiet tat-titoli għal parti terza;***

***(31d) 'strument finanzjarju' tfisser dawk l-istrumenti speċifikati fit-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva.../... [il-MiFID il-ġdida];***

***(31e) 'ċentru tan-negozjar' tfisser ċentru tan-negozjar li jaqa' fl-ambitu tal-Artikolu [25(2)] tar-Regolament (UE) Nru…/... . [MiFIR].***

***(31f) 'suq tat-tkabbir tal-SMEs' tfisser MTF li hija reġistrata bħala suq tat-tkabbir tal-SMEs skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva Nru .../.../UE [il-MiFID il-ġdida].***

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 64 li jikkonċernaw il-miżuri sabiex tispeċifika ***aktar*** l-elementi tekniċi tad-definizzjonijiet fil-punti (17), (20), (21) u (22) tal-paragrafu 1, u sabiex tispeċifika ***aktar is-servizzi*** anċillari stabbiliti fil-punti (1) sa (4) tat-Taqsima B tal-Anness u s-servizzi stabbiliti fil-punti (1) u (2) tat-Taqsima C tal-Anness.

TITOLU II

SALDU TA' TITOLI

## KAPITOLU I

## FORMAT TA' ENTRATA FIL-KOTBA

Artikolu 3

Format ta' entrata fil-kotba

1. Kwalunkwe ***persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni*** li toħroġ titoli trasferibbli li huma ammessi għan-negozjar fuq swieq regolati***, jew li huma nnegozjati f'MTFs jew OTFs,*** għandha tipprovdi sabiex dawn it-titoli jkunu rappreżentati f'format ta' entrata fil-kotba bħala immobilizzazzjoni permezz tal-ħruġ ta' nota globali, li tirrappreżenta l-ħruġ sħiħ, jew sussegwenti għal ħruġ dirett tat-titoli f'forma dematerjalizzata.

2. Fejn it-titoli msemmija fil-paragrafu 1 jiġu nnegozjati fi swieq regolati, f'faċilitajiet ta' negozjar multilaterali (MTFs) jew faċilitajiet ta' negozjar organizzati (OTFs) jew ikunu trasferiti wara arranġament ta' kollateral finanzjarju kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/47/KE, dawk it-titoli għandhom jiġu rreġistrati f'format ta' entrata fil-kotba f'CSD ***fid-data jew*** qabel id-data ***għas-saldu maħsuba***, sakemm ma jkunux diġà ġew irreġistrati b'dan il-mod.

***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligi skont il-paragrafu 2 ma jwasslux għal telf ta' drittijiet għad-detenturi ta' titoli u li l-proċeduri jkunu fis-seħħ biex jiżguraw li d-detenturi jkunu jistgħu jivverifikaw, fi kwalunkwe ħin, is-sjieda tagħhom taż-żamma tat-titoli tagħhom.***

Artikolu 4

Infurzar

1. L-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tkun imwaqqfa ***l-persuna ġuridika*** li toħroġ it-titoli għandhom ikunu kompetenti sabiex jiżguraw li jiġi applikat l-Artikolu 3(1).

2. L-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni ta' swieq regolati, MTFs u OTFs ***kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-emittent magħżula bi qbil mal-Artikoli 21(1) tad-Direttiva 2003/71/KE,*** għandhom jiżguraw li jiġi applikat l-Artikolu 3(2) meta t-titoli msemmija fl-Artikolu 3(1) jiġu nnegozjati fi swieq regolati, MTFs jew OTFs.

3. L-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE għandhom ikunu kompetenti sabiex jiżguraw li jiġi applikat l-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament meta t-titoli msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-

Regolament jiġu trasferiti wara arranġament ta' kollateral finanzjarju kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/47/KE.

## KAPITOLU II

## *DISPOŻIZZJONIJIET* TA' SALDU

### Artikolu 5

### Dati ta' saldu maħsuba

1. Kwalunkwe parteċipant f'sistema ta' saldu tat-titoli li ***jsalda*** s-sistema ta' saldu tat-titoli f'ismu jew f'isem parti terza titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju, unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv ***jew*** kwoti tal-emissjonijiet għandu jsalda l-obbligu tiegħu fid-data ta' saldu maħsuba ***billi juża proċess ta' negozjar standardizzat u jirrapporta l-attivitajiet tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti***.

2. Fir-rigward ***tat-tranżazzjonijiet f'titoli*** trasferibbli msemmija fil-paragrafu 1, ***imwettqa f'ċentru ta' negozjar skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(25) tar-Regolament (UE) Nru .../... [MIFIR],*** id-data ta' saldu maħsuba ma għandhiex tkun aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara ***t-twettiq sakemm it-titoli kkonċernati ma jkunux soġġetti għal reġistrar f'format ta' entrata fil-kotba skont l-Artikolu 3(2)***..

***Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal kuntratti li jitwettqu b'mod bilaterali imma li huma xorta waħda rappurtati lil suq regolat, MTF jew OTF.***

3. ***L-awtoritajiet*** relevanti tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tapplika għas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD għandha tkun kompetenti sabiex tiżgura li jiġu applikati ***u implimentati*** l-paragrafi 1 u 2. ***Dawk l-awtoritajiet għandhom jikkooperaw f'dan ir-rigward mal-awtoritajiet responsabbli għal sorveljanza taċ-ċentru ta' negozjar rilevanti bi qbil mad-Direttiva .../.../UE [il-MiFID il-ġdida].***

***3a. L-ESMA għandha, wara konsultazzjoni mal-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika d-dettalji tal-proċess ta' negozjar standardizzat għas-saldu tal-obbligi tal-parteċipanti msemmija fil-paragrafu 1.***

***3b. L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien [sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

***3c. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiġi ddeterminat il-format u l-ħin tar-rappurtar msemmi fil-paragrafu 1 li jirriflettu l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 3.***

***L-ESMA għandha tressaq dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni***

***lill-Kummissjoni fi żmien [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi regolatorji].***

***Qiegħda tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

## KAPITOLU III

## DIXXIPLINA RIGWARD IS-SALDU

Artikolu 6

Miżuri għall-prevenzjoni ta’ fallimenti tas-saldu

1. Kwalunkwe suq regolat, MTF jew OTF għandhom jistabbilixxu proċeduri li jippermettu l-konferma tad-dettalji relevanti ta’ tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5 (1) fid-data ***ta' riċeviment tal-ordnijiet. L-ESMA għandha tiżviluppa linji gwida dwar dawk il-proċeduri.***

***Minkejja r-rekwiżit stipulat fl-ewwel subparagrafu, il-kumpaniji tal-investiment awtorizzati skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva .../.../UE [il-MiFID il-ġdida] u klijenti professjonali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 4(8) u l-Anness II ta' dik id-Direttiva, għandhom jiftiehmu u jieħdu tali miżuri kif neċessarju sabiex jillimitaw in-numru ta' fallimenti tas-saldu. Tali miżuri għandhom jinkludu, fil-każ tal-klijent:***

***(a) fejn applikabbli, il-komunikazzjoni fil-pront ta' allokazzjoni min-naħa tal-klijent tat-tranżazzjoni lid-ditta tal-investiment sa mhux aktar tard minn tmiem il-ġurnata meta jitwettaq in-negozju u l-ħruġ ta' konferma korrispondenti min-naħa tad-ditta tal-investiment;***

***(b) soġġetta għal wasla f'waqtha ta' konferma skont il-punt (a), affermazzjoni jew rifjut tat-termini tagħhom fi żmien biżżejjed qabel id-data tas-saldu maħsuba.***

***Il-mod kif għandhom jitwettqu tali miżuri għandu jiġi miftiehem bejn il-partijiet u jinkludi l-użu ta' protokoll standardizzat sabiex jintbagħtu l-messaġġi.***

2. Għal kull sistema ta’ saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jistabbilixxi proċeduri ***standardizzati*** li jiffaċilitaw is-saldu tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) fid-data tas-saldu maħsuba. Għandu jippromwovi s-saldu bikri fid-data tas-saldu maħsuba permezz ta’ mekkaniżmi xierqa, bħal struttura ta' tariffa progressiva.

3. Għal kull sistema ta’ saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jistabbilixxi għodod ta’ monitoraġġ li ***jippermettu lill-parteċipanti f'dik is-sistema jidentifikaw*** minn qabel is-

saldu ta’ tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) li ***għandhom riskju akbar li*** jfallu u ***s-CSD u dawk il-parteċipanti għandhom jgħarrfu lil xulxin dwar tali tranżazzjonijiet kmieni kemm jista' jkun***. ***Is-CSD u dawk il-parteċipanti għandu jkollhom stabbiliti proċeduri sabiex jiżguraw li huma jew il-klijenti tagħhom ikunu*** jistgħu jissaldaw dawn it-tranżazzjonijiet fid-data ta’ saldu maħsuba.

4. *Wara konsultazzjoni* mal-membri *tas-SEBĊ*, *l-ESMA* għandha tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika d-dettalji tal-proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu msemmi ***fil-paragrafu*** 2 u d-dettalji tal-għodod ta’ monitoraġġ li jidentifikaw il-fallimenti tas-saldu probabbli msemmija fil-paragrafu 3.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien *[*sitt xhur mid-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament*]*.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## Artikolu 7

## Miżuri li jindirizzaw il-fallimenti tas-saldu

1. Għal kull sistema ta’ saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jistabbilixxi sistema li timmonitorja l-fallimenti tas-saldu tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1). Għandu jipprovdi rapporti regolari lill-awtorità kompetenti***, l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 11*** u lil kwalunkwe persuna b’interess leġittimu fir-rigward tal-għadd u d-dettalji tal-fallimenti tas-saldu u kwalunkwe tagħrif relevanti ieħor***, li għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku f'format aggregat u b'mod anonimu fuq bażi annwali***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaqsmu mal-ESMA kwalunkwe tagħrif relevanti dwar il-fallimenti tas-saldu.

2. Għal kull sistema ta’ saldu tat-titoli li jħaddem, CSD, ***wara konsultazzjoni mas-swieq regolati relevanti, MTFs, OTFs u CCPs li fil-konfront tagħhom jipprovdi servizzi ta' saldu,*** għandu jistabbilixxi proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu ta’ tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) ***bl-esklużjoni tal-ftehimiet ta' xiri mill-ġdid*** li mhumiex saldati fid-data ta’ saldu maħsuba. Dawn il-proċeduri għandhom jipprovdu għal mekkaniżmu ta’ penali ***li se jservi bħala deterrent effettiv*** għall-parteċipanti***, aktar milli għas-CCPs,*** li jikkawżaw il-fallimenti tas-saldu ***u jiġu riveduti regolarment biex jiġi żgurat li ma jkunux maħsubin biex iservu għall-iġġenerar ta' dħul, jew li joħolqu inċentivi mhux xierqa***.

3. ***Fuq talba tal-parteċipant li jirċievi, parteċipant f'ċentru tan-negozjar*** li jonqos milli jforni l-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) lill-parteċipant li jirċievi fid-

data ta' saldu maħsuba għandu jkun soġġett għal xiri sfurzat fejn dawk l-istrumenti għandhom jinxtraw fis-suq mhux aktar tard minn erbat ijiem wara d-data ta' saldu maħsuba u pprovduti lil dak il-parteċipant li jirċievi u miżuri oħra skont il-paragrafu 4.

4. Bħala minimu, il-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jispeċifikaw:

(a) il-penali ta' kuljum imħallsa mill-parteċipant inadempjenti għal kull jum ta' negozjar bejn id-data ta' saldu maħsuba u d-data reali tas-saldu ***irrelevanti jkunx mitlub mill-parteċipant li jirċievi jew le***;

(b) il-perjodu ta' notifika mogħti lill-parteċipant inadempjenti qabel l-eżekuzzjoni ta' xiri sfurzat;

(c) l-ipprezzar u l-ispejjeż ta' xiri sfurzat;

(d) fejn relevanti, il-parti li teżegwixxi x-xiri sfurzat;

(e) l-ammont ta' kumpens għall-parti li tirċievi fil-każ li ma tkunx possibbli l-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat;

5. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiżguraw li:

(a) il-parteċipant li jirċievi, tal-inqas jieħu l-prezz tal-istrumenti finanzjarji miftiehem fiż-żmien meta seħħ in-negozjar;

(b) il-penali ta' kuljum imħallsa mill-parteċipant inadempjenti hija detterrenti biżżejjed għall-parteċipant inadempjenti;

(c) fejn ma tkunx possibbli l-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat, l-ammont ta' kumpens fi flus imħallas lill-parteċipant li jirċievi jkun ogħla mill-prezz tal-istrumenti finanzjarji miftiehem fi żmien in-negozjar u l-aħħar prezz disponnibbli pubblikament għal dawn l-istrumenti fiċ-ċentru tan-negozjar fejn sar in-negozju, u jkun deterrenti biżżejjed għall-parteċipant inadempjenti;

(d) il-partijiet imsemmija fil-paragrafu 7, inklużi s-CCPs, li jeżegwixxu x-xiri sfurzat jiddivulgaw lill-parteċipanti t-tariffi imposti għal dan is-servizz;

(e) jekk parti li mhijiex il-parteċipant inadempjenti teżegwixxi x-xiri sfurzat, il-parteċipant inadempjenti jirrimborża l-ammonti kollha mħallsa mill-parti li teżegwixxi skont il-paragrafi 3 u 4.

6. Is-CSDs, is-CCPs, is-swieq regolati, l-MTFs u l-OTFs għandhom jistabbilixxu proċeduri li jippermettulhom jissospendu lil kwalunkwe parteċipant li jonqos b'mod sistematiku milli jipprovdi l-istrumenti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1 jew il-flus fid-data tas-saldu maħsuba u jiddivulgaw lill-pubbliku l-identità tiegħu biss wara li l-parteċipant jingħata l-opportunità jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

7. Il-paragrafi 2 sa 6 għandhom japplikaw għat-tranżazzjonijiet kollha tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 5(1) ***fejn huma mwettqa*** fi swieq regolati, innegozjati f'MTFs jew OTFs jew ikklerjati minn CCP.

Għal tranżazzjonijiet ikklerjati minn CCP qabel ma jiġu saldati ġewwa sistema ta'

saldu tat-titoli,

(a) ***il-miżuri msemmija fil-paragrafi 3 sa 5 għandhom jitwettqu mis-CCP,***

(b) ***is-CCP għandha tiġi kkunsidrata parti li tirċievi għall-finijiet tal-paragrafu 3 u għandha titlob dejjem li japplikaw l-arranġamenti tax-xiri sfurzat imsemmija fil-paragrafu 3.***

Għal tranżazzjonijiet mhux ikklerjati minn CCP, is-swieq regolati, MTFs u OTFs għandhom jinkludu fir-regoli interni tagħhom obbligu fuq il-parteċipanti tagħhom sabiex dawn ikunu soġġetti għal miżuri msemmija l-paragrafi 3 sa 5.

***7a. Meta tranżazzjoni tirrelata għal strument finanzjarju li jkun ammess għan-negozjar f'suq għat-tkabbir tal-SMEs, dan l-Artikolu ma għandux jidħol fis-seħħ sa 15-il ġurnata wara d-data ta' saldu intenzjonata sakemm is-suq għat-tkabbir tal-SMEs ma jivżax il-parteċipanti qabel ma ssir tt-tranżazzjoni li se japplika perjodu iqsar.***

8. *Wara konsultazzjoni* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika d-dettalji tas-sistema li timmonitorja l-fallimenti tas-saldu u r-rapporti dwar il-fallimenti tas-saldu msemmija fil-paragrafu 1, tal-proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu ta' tranżazzjonijiet wara l-fallimenti tas-saldu msemmija fil-paragrafu 2 u l-miżuri msemmija fil-paragrafi 3 u 5. ***Il-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2 u l-ħlas tal-penali ta' kuljum imsemmija fil-paragrafu 4 għandhom ikunu proporzjonati mal-iskala, in-natura u l-gravità tar-reat.***

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien *[*sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]*.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 8

Infurzar

1. L-awtorità relevanti tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tapplika għas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD għandha tkun kompetenti sabiex tiżgura li jiġu applikati l-Artikoli 6 u 7 u sabiex timmonitorja l-penali imposti, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni tas-swieq regolati, MTFs, OTFs, u CCPs msemmija fl-Artikolu 7. B'mod partikolari, l-awtoritajiet għandhom jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-penali msemmija fl-Artikolu 7(2) u (4) u tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(6).

2. Sabiex jiġu żgurati prattiki konsistenti, effiċjenti u effettivi ġewwa l-Unjoni fir-rigward tal-Artikoli 6 u 7 ta' dan ir-Regolament, l-ESMA tista'***, wara li tikkonsulta l-membri tas-SEBĊ,*** toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## KAPITOLU IIIA

## SALDU INTERNALIZZAT

*Artikolu 8a*

*Internalizzaturi tas-saldu*

***1.*** ***L-internalizzaturi tas-saldu għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti l-volum u l-valur aggregat tat-tranżazzjonijiet kollha saldati barra minn sistema ta' saldu tat-titoli fuq bażi trimestrali.***

***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ESMA dwar kull riskju sistematiku osservat minn din l-attività.***

***2.*** ***L-ESMA għandha, wara li tikkonsulta mal-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni ta' rappurtar bħal dan.***

***L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien [sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

***3.*** ***L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiġi ddeterminat il-format u l-ħin tal-komunikazzjonijiet u l-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 li jirriflettu l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 2.***

***L-ESMA għandha tressaq dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi regolatorji].***

***Qiegħda tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

## TITOLU III

## DEPOŻITORJI ĊENTRALI TAT-TITOLI

## KAPITOLU I

## AWTORIZZAZZJONI U SUPERVIŻJONI TAS-CSDS

## TAQSIMA 1

## L-AWTORITAJIET RESPONSABBLI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI U S-SUPERVIŻJONI TAS-CSDS

### Artikolu 9

### Awtorità kompetenti

***Mingħajr ħsara għall-kompiti ta' monitoraġġ tas-SEBĊ u tal-Eurosystem fir-rigward tat-TARGET2-Securities,*** CSD għandu jiġi awtorizzat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit.

### Artikolu 10

### Għażla tal-awtorità kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jagħżel l-awtorità kompetenti responsabbli mit-twettiq tad-dmirijiet skont dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CSDs stabbiliti fit-territorju tiegħu u għandi jgħarraf lill-ESMA ***u lis-SEBĊ*** dwar dan.

   Fejn Stat Membru jagħżel aktar minn awtorità kompetenti waħda, dan għandu jiddetermina r-rwoli rispettivi tagħhom u għandu jagħżel awtorità waħda li għandha tkun responsabbli għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn, l-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11, l-ESMA, u l-ABE kull meta dan ikun imsemmi b'mod speċifiku f'dan ir-Regolament.

2. Fuq is-sit elettroniku tagħha, l-ESMA għandha tippubblika lista tal-awtoritajiet kompetenti magħżula skont il-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

### Artikolu 11

### L-awtoritajiet relevanti

1. L-awtoritajiet li ġejjin għandhom ikunu involuti fl-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CSDs kull meta dan ikun speċifikament imsemmi f'dan ir-Regolament:

(a) l-awtorità responsabbli mis-sorveljanza tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD fl-Istat Membru li l-liġi tiegħu tapplika għal dik is-sistema ta' saldu tat-titoli;

(b) fejn dan ikun applikabbli, il-bank ċentrali fl-Unjoni li l-parti ta' flus ta' sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD tkun saldata fil-kotba tiegħu jew, fil-każ ta' saldu permezz ta' istituzzjoni ta' kreditu skont it-Titolu IV, il-bank ċentrali fl-Unjoni emittenti tal-munita relevanti.

***(ba) fejn applikabbli, il-bank ċentrali jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li s-CSD jipprovdi servizzi ta' importanza sostanzjali lis-suq tiegħu kif determinat bi qbil mal-Artikolu 22(6).***

2. Fuq is-sit elettroniku tagħha, l-ESMA għandha tippubblika l-lista tal-awtoritajiet relevanti msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 12

Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet

1. L-awtoritajiet imsemmija fl-Artikoli 9 u 11 u l-ESMA għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fis-sitwazzjonijiet ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 13. Kull meta dan ikun xieraq u relevanti, din il-kooperazzjoni għandha tinkludi awtoritajiet jew korpi pubbliċi oħrajn, b'mod partikolari dawk stabbiliti jew appuntati skont id-Direttiva 2003/87/KE.

Sabiex jiġu żgurati prattiki konsistenti, effiċjenti u effettivi ġewwa l-Unjoni, inkluża l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikoli 9 u 11 fil-valutazzjonijiet differenti meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-ESMA tista'***, wara li tikkonsulta l-membri tas-SEBĊ,*** toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 9 skont l-Artikolu 16 tr-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Fl-eżerċizzju tad-dmrijiet ġenerali tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni serja l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri l-oħra kollha kkonċernati, b'mod partikolari fis-sitwazzjonijiet ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 13, fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli.

Artikolu 13

Sitwazzjonijiet ta' emerġenza

***Mingħajr ħsara għan-notifika msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/26/KE,*** l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikoli 9 u 11 għandhom jgħarrfu minnufih lill-ESMA***, lill-BERS*** u lil xulxin dwar sitwazzjoni ta' emerġenza relatata ma' CSD, inklużi kwalunkwe żviluppi fis-swieq finanzjarji, li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq***, l-istabilità tal-munita li fiha jseħħ is-saldu, il-kapaċità tal-banek ċentrali li jwettqu l-operazzjonijiet tal-politika monetarja tagħhom*** u ▌ l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri fejn ikun stabbilit is-

CSD jew wieħed mill-parteċipanti tiegħu.

## TAQSIMA 2

## KUNDIZZJONIJIET U PROĊEDURI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI TAS-CSDS

### Artikolu 14

### Awtorizzazzjoni ta' CSD

1. Kwalunkwe persuna ġuridika li taqa' taħt id-definizzjoni ta' CSD għandha tikseb awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn hija stabbilita qabel ma tibda bl-attivitajiet tagħha.

2. L-awtorizzazzjoni għandha ***tkopri*** s-servizzi ***kollha*** stabbiliti fit-Taqsimiet A u B tal-Anness, li s-CSD huwa awtorizzat li jipprovdi***, u tispeċifika liema servizzi s-CSD biħsiebu jipprovdi***. ***Kull meta CSD jkollu l-intenzjoni joffri servizz ġdid li ma kienx pprovdut fi żmien l-awtorizzazzjoni inizjali, huwa għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-ħsieb li jiġi aġġornat ir-reġistru tal-ESMA skont l-Artikolu 19. Fil-każ fejn dan is-servizz il-ġdid mhuwiex elenkat b'mod espliċitu fit-Taqsima B tal-Anness, huwa għandu jitlob awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti.***

3. CSD għandu jikkonforma fil-ħin kollu mal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni.

   Mingħajr dewmien żejjed, CSD għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bidla materjali li jaffettwaw il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

### Artikolu 15

### Proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni

1. Is-CSD li japplika għandu jissottometti applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tiegħu.

2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tkun akkumpanjata mit-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jippermetti lill-awtorità kompetenti taċċerta ruħha li s-CSD li japplika jkun stabbilixxa, fi żmien l-awtorizzazzjoni, l-arranġamenti meħtieġa kollha sabiex jilħaq l-obbligi tiegħu stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandu jkun fiha programm tal-operazzjonijiet li jistabbilixxi t-tipi ta' negozju previst u l-organizzazzjoni strutturali tas-CSD.

3. Fi żmien 20 jum ta' xogħol mir-riċevuta tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih is-CSD li japplika jrid jipprovdi tagħrif addizzjonali. L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lis-CSD li japplika meta l-applikazzjoni titqies bħala kompluta.

4. Sa mill-mument meta l-applikazzjoni titqies kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat it-tagħrif kollu inkluż fl-applikazzjoni lill-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11 u tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet rigward il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD li japplika.

5. Qabel ma tagħti awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor involut fil-każijiet li ġejjin:

(a) is-CSD huwa sussidjarja ta' CSD awtorizzat fi Stat Membru ieħor;

(b) is-CSD huwa sussidjarja tal-impriża prinċipali ta' CSD awtorizzat fi Stat Membru ieħor;

(c) is-CSD huwa kkontrollat mill-istess persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jikkontrollaw CSD differenti awtorizzat fi Stat Membru ieħor.

Il-konsultazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkopri dan li ġej:

(a) kemm huma adattati l-azzjonisti u l-parteċipanti msemmija fl-Artikolu 25(4) u r-reputazzjoni u l-esperjenza tal-persuni li effettivament jidderiġu n-negozju tas-CSD kull meta dawk l-azzjonisti, l-parteċipanti u l-persuni jkunu komuni kemm għas-CSD u għal CSD awtorizzat fi Stat Membru ieħor;

(b) jekk ir-relazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 bejn is-CSD awtorizzat fi Stat Membru ieħor u s-CSD li japplika jaffetwawx l-abbiltà ta' dan tal-aħħar sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

6. Fi żmien ***tliet*** xhur mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf bil-miktub lis-CSD li japplika b'deċiżjoni u r-raġunijiet kollha dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx miċħuda.

7. *Wara konsultazzjoni* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika t-tagħrif li s-CSD li japplika għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

8. *Wara konsultazzjoni* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta'

implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 16

Effetti tal-awtorizzazzjoni

1. L-attivitajiet tas-CSD awtorizzat għandhom ikunu limitati għall-forniment ta' servizzi koperti mill-awtorizzazzjoni tiegħu.

2. Sistemi ta' saldu tat-titoli ***maħduma minn entità barra CSD awtorizzat, CCP jew bank*** ċentrali***, għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti, fuq bażi annwali, il-volum u l-valur aggregati tat-tranżazzjonijiet kollha saldati***.

3. CSD awtorizzat ma għandu jkun espost għall-ebda riskji relatati mal-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju mill-istituzzjoni ta' kreditu magħżula sabiex tipprovdi dawn is-servizzi skont it-Titolu IV.

4. CSD awtorizzat jista' biss ikollu parteċipazzjoni f'persuna ġuridika li l-attivitajiet tagħha jkunu limitati għall-forniment tas-servizzi stabbiliti fit-Taqsimiet A u B tal-Anness.

Artikolu 17

Estensjoni u esternalizzazzjoni tal-attivitajiet u s-servizzi

1. CSD awtorizzat għandu jissottometti talba għall-awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa mwaqqaf kull meta jkun jixtieq jesternalizza servizz ewlieni lil parti terza skont l-Artikolu 28 jew jestendi l-attivitajiet tiegħu lil wieħed jew aktar minn fost dawn li ġejjin:

(a) servizzi ewlenin u anċillari addizzjonali ***mhux*** stabbiliti ***b'mod espliċitu*** fit-Taqsimiet A u B tal-Anness mhux koperti mill-awtorizzazzjoni inizjali;

(b) it-tħaddim ta' sistema oħra ta' saldu tat-titoli;

(c) is-saldu tal-parti ta' flus kollha, jew parti minnha, tas-sistema ta' saldu tat-titoli tiegħu fil-kotba ta' bank ċentrali ieħor;

(d) stabbiliment ta' xi konnessjoni ***interoperabbli jew kwalunkwe konnessjoni personalizzata*** ma' CSD ***li tinvolvi t-trasferiment tar-riskju bejn is-CSDs***.

2. L-għoti ta' awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 għandu jsegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15.

L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lis-CSD li japplika dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx miċħuda fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta.

***2a. CSD awtorizzat għandu javża lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju***

***meta jixtieq iwaqqaf konnessjoni tas-CSD standard.***

***2b. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kriterji sabiex jiġi determinat meta konnessjoni personalizzata ma' CSD tissuġġerixxi t-trasferiment tar-riskju bejn is-CSDs.***

***L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien [12-il xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].***

***Qiegħda tiġi ddelegata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

Artikolu 18

Irtirar tal-awtorizzazzjoni

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-CSD għandha tirtira l-awtorizzazzjoni fi kwalunwe waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) fejn is-CSD ma jkunx għamel użu mill-awtorizzazzjoni għal 12-il xahar, espressivament jirrinunzja għall-awtorizzazzjoni jew ma jkun ipprovda l-ebda servizzi u lanqas ma wettaq xi attività matul is-sutt xhur ta' qabel;

(b) fejn is-CSD jkun kiseb l-awtorizzazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b'mezzi illegali oħrajn;

(c) fejn is-CSD ma jibqax jikkonforma mal-kundizzjonijiet li skonthom ingħatat l-awtorizzazzjoni u ma jkunx ħa l-azzjonijiet ta' rimedju mitluba mill-awtorità kompetenti fi żmien perjodu ta' żmien stabbilit;

(d) fejn is-CSD ikun kiser ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod serju u sistematiku.

2. Mill-mument li ssir konxja dwar waħda miċ-ċirkustanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta minnufih lill-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11 dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni ħlief meta deċiżjoni bħal din tkun meħtieġa b'mod urġenti.

3. Fi kwalunkwe mument, l-ESMA u kwalunkwe awtorità relevanti msemmija fl-Artikolu 11 tista' titlob li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-CSD teżamina jekk is-CSD għadux jikkonfroma mal-kundizzjonijiet li skonthom ingħatat l-awtorizzazzjoni.

4. L-awtorità kompetenti tista' tillimita l-irtirar għal servizz, attività, jew strument finanzjarju partikolari.

Artikolu 19

Reġistru tas-CSD

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 14, 17 u 18 għandhom jiġu kkomunikati minnufih lill-ESMA.

2. Il-banek ċentrali għandhom jgħarrfu minnufih lill-ESMA dwar kwalunkwe CSD li jħaddmu.

3. Isem kull CSD imħaddem b'konformità ma' dan ir-Regolament u li ngħatatlu awtorizzazzjoni jew rikonoxximent skont l-Artikoli 14, 17 u 23 għandu jiddaħħal f'lista li tispeċifika s-servizzi u l-klassijiet tal-istrumenti finanzjarji li għalihom ikun ġie awtorizzat is-CSD. Il-lista għandha tinkludi l-fergħat imħaddma mis-CSD fi Stati Membri oħrajn***, konnessjonijiet*** tas-CSDs ***u Stati Membri fejn japplika l-Artikolu 28a dwar is-servizzi kondiviżi***. L-ESMA għandha tippubblika l-lista fuq is-sit elettroniku ddedikat tagħha u żżommha aġġornata.

4. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 9 għandhom jikkomunikaw lill-ESMA dawk l-istituzzjonijiet li joperaw bħala CSDs fi żmien 90 jum mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

TAQSIMA 3

SUPERVIŻJONI TAS-CSDS

Artikolu 20

Reviżjoni u evalwazzjoni

1. Tal-inqas fuq bażi annwali, l-awtorità kompetenti għandha tirrevedi l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati minn CSD fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament u tevalwa r-riskji li s-CSD huwa, jew jista' jkun, espost ***għalihom jew li CSD huwa, jew jista' jkun, assoċjat magħhom***.

2. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-frekwenza u d-dettall tar-reviżjoni u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 billi tieħu f'kunsiderazzjoni d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-CSD ikkonċernat. Ir-reviżjoni u l-evalwazzjoni għandhom jiġu aġġornati tal-inqas fuq bażi annwali.

3. L-awtorità kompetenti ***għandha*** tissoġġetta lis-CSD għal spezzjonijiet fuq il-post.

4. Meta twettaq ir-reviżjoni u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, fi stadju bikri, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11 rigward il-funzjonament tas-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD.

5. B'mod regolari u tal-inqas darba f'sena, l-awtorità kompetenti għandha ***tiddiskuti u***

tgħarraf lill-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11 dwar ir-riżultati, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, tar-rieżmi u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

6. Meta twettaq ir-reviżjoni u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni tas-CSDs li jkollhom it-tipi ta' relazzjonijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(5) għandhom jipprovdu lil xulxin bit-tagħrif relevanti kollu li aktarx jiffaċilita l-kompiti tagħhom.

7. L-awtorità kompetenti għandha teħtieġ lis-CSD li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament sabiex, fi stadju bikri, jieħu l-azzjonijiet jew il-passi meħtieġa sabiex jindirizza s-sitwazzjoni.

8. *Wara konsultazzjoni* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) it-tagħrif li s-CSD għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-reviżjoni msemmija fil-paragrafu 1;

(b) it-tagħrif li l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-awtoritajiet relevanti msemmija fil-paragrafu 5;

(c) it-tagħrif li l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 6 għandhom jipprovdu lil xulxin.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

9. *Wara konsultazzjoni* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-forniment tat-tagħrif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 8.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## TAQSIMA 4

## FORNIMENT TA' SERVIZZI FI STAT MEMBRU IEĦOR

### Artikolu 21

### Libertà ta' forniment ta' servizzi fi Stat Membru ieħor

1. CSD awtorizzat jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, ***inkluż permezz tat-twaqqif ta'*** fergħa ▌, dejjem jekk it-tipi ta' attivitajiet ikkonċernati jkunu koperti mill-awtorizzazzjoni ***jew mill-proċedura ta' notifika stipulata fl-Artikolu 17***.

2. Kull CSD li jixtieq ***jistabbilixxi fergħa*** ġewwa t-territorju ta' Stat Membru ieħor għall-ewwel darba, jew li jixtieq jibdel il-firxa ta' servizzi pprovduti ***minn dik il-fergħa,*** għandu jikkomunika t-tagħrif li ġej lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa mwaqqaf ***u lill-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11***.

   (a) l-Istat Membru li beħsiebu jopera fih;

   (b) programm ta' operazzjonijiet li b'mod partikolari jgħid x'servizzi beħsiebu jipprovdi ***u l-munita jew il-muniti li jipproċessa***;

   (c) l-istruttura organizzazzjonali tal-fergħa u l-ismijiet ta' dawk responsabbli mill-ġestjoni tal-fergħa.

3. Fi żmien tliet xhur mir-riċevuta tat-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika dak it-tagħrif ***lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 11 u*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti sakemm, billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-forniment tas-servizzi previsti, ma jkollhiex raġuni sabiex tiddubita l-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew is-sitwazzjoni finanzjarja tas-CSD li jixtieq jipprovdi s-servizzi tiegħu fl-Istat Membru ospitanti.

4. Fejn l-awtorità kompetenti ***tas-CSD tiddeċiedi bi qbil mal-paragrafu 3 li ma tikkomunikax it-tagħrif kollu msemmi fil-paragrafu 2*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, din għandha ***madankollu tagħmel dan fuq talba mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Fejn it-tagħrif huwa kondiviż bħala rispons għal tali talba l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti m'għandux joħroġ il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 5(a)***.

5. Is-CSD jista' ***jwaqqaf fergħa*** fl-Istat Membru ospitanti fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) wara li jirċievi komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti li tirrikonoxxi r-riċevuta minn din tal-aħħar tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3;

   (b) fin-nuqqas ta' riċevuta ta' komunikazzjoni, wara xahrejn mid-data ta' trażmissjoni tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

***5a. Fil-każ fejn CSD jixtieq jipprovdi servizzi ġewwa t-territorju ta' Stat Membru ieħor***

***għall-ewwel darba mingħajr ma jwaqqaf fergħa, jew jixtieq jibdel il-firxa ta' servizzi pprovduti, huwa għandu jikkomunika t-tagħrif fil-paragrafi 2(a) u (b) lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit. L-awtorità kompetenti għandha, fi żmien xahar minn meta rċeviet l-informazzjoni, tgħaddiha lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Is-CSD mbagħad jista' jibda jipprovdi s-servizz jew is-servizzi tal-investiment ikkonċernati fl-Istat Membru ospitanti.***

6. F'każ ta' bidla fi kwalunkwe tagħrif ikkomunikat skont il-paragrafu 2, CSD għandu jagħti avviż bil-miktub dwar dik il-bidla lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-pajjiż tad-domiċilju tal-inqas xahar qabel ma jimplimenta l-bidla. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti wkoll għandha tiġi mgħarrfa dwar dik il-bidla ***mingħajr dewmien*** mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-pajjiż tad-domiċilju.

Artikolu 22

Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pajjiż tad-domiċilju u *tal-Istati Membri* ospitanti ***u proċess ta' rieżami mill-pari***

1. Fejn CSD awtorizzat fi Stat Membru jkun waqqaf fergħa fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-pajjiż tad-domiċilju tas-CSD, fl-eżerċizzju tar-responsabblitajiet tagħha u wara li tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, tista' twettaq spezzjonijiet fuq il-post f'dik il-fergħa.

2. L-awtoritajiet kompetenti ***mill-pajjiż tad-domiċilju jew*** mill-Istati Membri ospitanti jistgħu jeħtieġu lis-CSDs li jipprovdu servizzi skont l-Artikolu 21 sabiex jirraportaw għandhom b'mod perjodiku dwar l-attivitajiet tagħhom f'dawk l-Istati Membri ospitanti, b'mod partikolari għal skopijiet ta' ġbir ta' statistiki. ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-pajjiż tad-domiċilju, jipprovdu dawk ir-rapporti perjodiċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-pajjiż tad-domiċilju.***

3. Fuq talba mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, u mingħajr dewmien żejjed, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tas-CSD għandha tikkomunika l-identità tal-emittenti u l-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD li jipprovdi servizzi f'dak l-Istat Membru ospitanti u kwalunkwe tagħrif relevanti ieħor rigward l-attivitajiet ta' dak is-CSD fl-Istat Membru ospitanti***, b'mod partikolari informazzjoni li tikkonċerna żviluppi avversi, riżultati ta' valutazzjonijiet tar-riskju, miżuri ta' rimedju, sabiex tikkoordina attivitajiet ta' sorveljanza u ta' superviżjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti***.

4. Filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tas-swieq tat-titoli fl-Istat Membru ospitanti, meta l-attivitajiet ta' CSD li jkun waqqaf fergħa jew konnessjonijiet interoperabbli ma' CSDs oħrajn jew sistemi ta' saldu ta' titoli f'dak l-Istat Membru ospitanti jkunu saru ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u l-protezzjoni tal-investituri f'dak l-Istat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tad-domiċilju u tal-pajjiż ospitanti għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni għas-superviżjoni tal-attivitajiet ta' dak is-CSD fl-Istat Membru ospitanti.

5. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u li jistgħu jiġu pprovati biex temmen li CSD li jipprovdi servizzi ġewwa t-territorju tagħha skont l-Artikolu 21 ikun qed jikser l-obbligi li jinħolqu mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, din għandha tirreferi dawn is-sejbiet lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

Fejn, minkejja miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-pajjiż tad-domiċilju jew għax dawn il-miżuri jkunu inadegwati, is-CSD jippersisti fl-imġiba li tmur kontra l-obbligi li ġejjin tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, wara li tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-pajjiż tad-domiċlju, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti***, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11 tal-Istat Membru ospitanti,*** għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha meħtieġa sabiex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ġewwa t-territorju tal-Istat Membru ospitanti. L-ESMA għandha tiġi mgħarrfa dwar dawn il-miżuri mingħajr dewmien.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tirreferi din il-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

***5a. Bi qbil mal-Artikolu 8(1e) u mal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha, wara li tikkonsulta l-membri tas-SEBĊ, tlaqqa' l-awtoritajiet kompetenti interessati kollha fuq bażi annwali biex issir reviżjoni bejn il-pari tal-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti kollha fir-rigward tas-superviżjoni tas-CSDs ma' attivitajiet transkonfinali jew konnessjonijiet tal-interoperabilità. L-Awtorità, meta jkun xieraq, għandha titlob ukoll opinjonijiet jew pariri tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

6. ***L-ESMA*** għandha***, wara li tikkonsulta l-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** rigward il-miżuri għall-istabbiliment ta' kriterji li skonthom l-operazzjonijiet ta' CSD fi Stat Membru ospitanti jistgħu jitqiesu ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u l-protezzjoni tal-investituri f'dak l-Istat Membru ospitanti.

***L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien [sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

7. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 3 u 5.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## TAQSIMA 5

## RELAZZJONIJIET MA’ PAJJIŻI TERZI

### Artikolu 23

### Pajjiżi terzi

1. CSD stabbilit f’pajjiż terz jista’ jipprovdi servizzi ta’ CSD jew permezz ta' fergħa jew permezz ta' forniment dirett ta' servizzi lil emittenti u parteċipanti stabbiliti fl-Unjoni fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom fl-Unjoni u jista’ jistabbilixxi ***konnessjonijiet personalizzati li jinvolvu t-trasferiment tar-riskju jew*** konnessjonijiet ***interoperabbli*** ma’ CSD stabbilit fl-Unjoni, iżda biss jekk dak is-CSD ikun rikonoxxut mill-ESMA.

***1a. CSD stabbilit u awtorizzat fl-Unjoni jista' jżomm jew jistabbilixxi konnessjoni ma' CSD f'pajjiż terz skont il-proċeduri fl-Artikolu 45.***

2. Wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-ESMA għandha tirrikonoxxi CSD imwaqqaf f’pajjiż terz li jkun applika għal rikonoxximent sabiex jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni skont il-paragrafu 6;

   (b) is-CSD huwa soġġett għal awtorizzazzjoni effettiva, superviżjoni ***jew, jekk is-sistema ta' saldu tat-titoli titħaddem minn bank ċentrali, sorveljanza,*** li jiżguraw konformità sħiħa mar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli f’dak il-pajjiż terz;

   (c) ikunu ġew stabbiliti arranġamenti ta’ kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet ***relevanti*** f’dak il-pajjiż terz skont il-paragrafu 7.

3. Meta jiġi vvalutat jekk intlaħqux il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-ESMA għandha tikkonsulta ma’:

   (a) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn is-CSD minn pajjiż terz ikun beħsiebu jipprovdi servizzi ta’ CSD;

   (b) l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw is-CSDs stabbiliti fl-Unjoni li magħhom is-CSD minn pajjiż terz ikun stabbilixxa konnessjonijiet;

   (c) l-awtoritajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1);

   (d) l-awtorità fil-pajjiż terz responabbli mill-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-

CSDs.

4. Is-CSD imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għar-rikonoxximent lill-ESMA.

Is-CSD li japplika għandu jipprovdi lill-ESMA bit-tagħrif kollu meqjus meħtieġ għar-rikonoxximent tiegħu. L-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta fi żmien 30 jum ta' xogħol mir-riċevuta tal-applikazzjoni. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-ESMA għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih is-CSD li japplika jrid jipprovdi tagħrif addizzjonali.

Id-deċiżjoni ta' rikonoxximent għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2.

Fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta, l-ESMA għandha tgħarraf lis-CSD li japplika bil-miktub b'deċiżjoni rraġunata bis-sħiħ dwar jekk ir-rikonoxximent ingħatax jew ġiex miċħud.

5. *Wara konsultazzjoni* mal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-ESMA għandha tirrevedi r-rikonoxximent tas-CSD imwaqqaf f'pajjiż terz f'każ ta' estensjonijiet minn dak is-CSD fl-Unjoni tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 4.

L-ESMA għandha tiċħad ir-rikonoxximent ta' dak is-CSD fejn il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti skont il-paragrafu 2 ma jibqgħux issodisfati jew fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 18.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 66, li tiddetermina l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz sabiex tiżgura li s-CSDs awtorizzati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw mar-rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ***bbażati fuq standards CPSS/IOSCO miftiehma internazzjonalment, li għandhom eżitu*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***u*** li dawk is-CSDs huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz fuq bażi kontinwa.

7. Skont l-Artikolu 33 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti relevanti ta' pajjiżi terzi li l-oqsfa legali u superviżorji tagħhom ikunu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dan ir-Regolament skont il-paragrafu 6. Bħala minimu, arranġamenti bħal dawn għandhom jispeċifikaw:

(a) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' tagħrif bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż aċċess għat-tagħrif kollu rigward is-CSDs awtorizzati f'pajjiżi terzi li huwa mitlub mill-ESMA;

(b) il-mekkaniżmu għal notifika f'waqtha tal-ESMA fejn awtorità kompetenti ta' pajjiż terz tqis li s-CSD li tkun qed tissorvelja jkun qed jikser il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tiegħu jew ***liġi applikabbli*** oħra;

(c) il-proċedura li tikkonċerna l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji inklużi, fejn dawn ikunu xierqa, spezzjonijiet fuq il-post.

Fejn ftehim ta' kooperazzjoni jipprovdi għal trasferimenti ta' dejta personali minn Stat Membru, dawn it-trasferimenti għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE u fejn ftehim ta' kooperazzjoni jipprovdi għal trasferimenti ta' dejta personali mill-ESMA, dawn it-trasferimenti għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 45/2001.

***7a. Meta CSD stabbilit f'pajjiż terz ikun ġie awtorizzat jipprovdi servizzi fi ħdan l-Unjoni, għandu japplika l-Artikolu 21.***

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 64 li jikkonċernaw miżuri sabiex tispeċifika s-servizzi li għalihom CSD stabbilit f'pajjiż terz għandu japplika għal rikonoxximent mill-ESMA skont il-paragrafu 1 u t-tagħrif li s-CSD li japplika għandu jipprovdi lill-ESMA fl-applikazzjoni tiegħu għal rikonoxximent skont il-paragrafu 4.

## KAPITOLU II

## REKWIŻITI GĦAS-CSDS

## TAQSIMA 1

## REKWIŻITI ORGANIZZAZZJONALI

### Artikolu 24

### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. CSD għandu jkollu arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzazzjonali ċara b'linji ta' responsabbiltà definiti sew, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi sabiex jidentifika, jamministra u jirraporta r-riskji li huwa, jew li jista' jkun, espost għalihom, u politiki ta' remunerazzjoni u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u kontabbilistiċi solidi.

2. CSD għandu jadotta politiki u proċeduri li huma effettivi biżżejjed sabiex jiżgura konformità ma' dan ir-Regolament, inkluża konformità tal-maniġers u l-impjegati tiegħu mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament.

3. CSD għandu jżomm u jħaddem arranġamenti organizzazzjonali u amministrattivi miktuba effettivi sabiex jidentifika u jimmaniġġja kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali bejnu stess, kif ukoll il-maniġers, l-impjegati, il-membri tal-bord tiegħu jew kwalunkwe persuna direttament jew indirettament marbuta magħhom, u l-parteċipanti tiegħu jew il-klijenti tagħhom. Għandu jżomm u jimplimenta proċeduri ta'

riżoluzzjoni adegwati kull meta jkun hemm il-possibbiltà ta' kunflitti ta’ interess.

4. CSD għandu jqiegħed l-arranġamenti ta’ governanza tiegħu u r-regoli li jirregolaw l-attività tiegħu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

5. CSD għandu jkollu proċeduri xierqa sabiex l-impjegati tiegħu jirraportaw internament ksur potenzjali permezz ta’ mezz speċifiku.

6. CSD għandu jkun soġġett għal awditjar spiss u indipendenti. Ir-riżultati ta’ dan l-awditjar għandu jiġi komunikat lill-bord u ***lill-kumitat tal-utenti msemmi fl-Artikolu 26 u*** jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti.

7. CSD marbut b’konnessjonijiet kapitali ma’ CSD ieħor, kumpanija holding jew ma’ istituzzjoni ta’ kreditu msemmija fit-Titolu IV għandu jadotta politiki u proċeduri dettaljati li jispeċifikaw kif ir-rekwiżiti stabbiliti f’dan l-Artikolu japplikaw għall-grupp u għall-entitajiet differenti tal-grupp.

8. *Wara konsultazzjoni* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji li jispeċifika l-għodod ta’ monitoraġġ għar-riskji tas-CSDs imemmija fil-paragrafu 1, u r-responsabbiltajiet tal-persunal ewlieni fir-rigward ta’ dawn ir-riskji, il-kunflitti ta’ interess potenzjali msemmija fil-paragrafu 3 u l-metodi ta’ awditjar imsemmija fil-paragrafu 6 fil-livell tas-CSD kif ukoll fil-livell tal-grupp.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 25

Maniġment superjuri, il-bord u l-azzjonisti

1. Il-maniġment superjuri ta’ CSD għandu jkollu reputazzjoni u esperjenza tajbin biżżejjed sabiex jiżgura l-ġestjoni solida u prudenti tas-CSD.

2. CSD għandu jkollha bord li ▌ mhux inqas minn żewġ membri tiegħu jkunu indipendenti. ***Il-kumitat tal-utenti msemmi fl-Artikolu 26 għandu jaħtar tal-anqas wieħed mill-membri tiegħu bħala membru tal-bord tas-CSD.***

3. Il-kumpens tal-membri indipendenti u ta’ membri oħrajn mhux eżekuttivi tal-bord ma għandux ikun marbut mal-prestazzjoni tan-negozju tas-CSD.

4. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-bord u l-kumitati ta' nominazzjoni jqisu d-diversità bħala wieħed mill-kriterji għall-għażla tal-membri tal-bord.*** Il-bord għandu jkun ifformat minn membri xierqa b’taħlita ta’ ħiliet, esperjenza u għarfien adattati dwar l-entità u s-suq. ***B'mod partikulari l-bord għandu jimplimenta politika li tippromwovi d-diversità fil-ġeneru, fl-età, ġeografika, edukattiva u professjonali***

***fil-korp ta' ġestjoni, kif ukoll jieħu passi konkreti lejn rappreżentanza bbilanċjata fuq il-bord. Miżuri konkreti bħal dawn jistgħu, pereżempju, jinkludu taħriġ ta' kumitati ta' nominazzjoni, il-ħolqien ta' rosters ta' kandidati kompetenti, u l-introduzzjoni ta' proċess ta' nominazzjoni fejn mill-inqas kandidat wieħed ta' kull sess ikun preżenti.***

5. CSD għandu jiddetermina b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-bord u għandu jqiegħed il-minuti tal-laqgħat tal-bord għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti ***u tal-awditur***.

6. L-azzjonisti u l-parteċipanti ta' CSD li huma f'pożizzjoni li jeżerċitaw, b'mod dirett jew indirett, kontroll fuq il-ġestjoni tas-CSD għandhom ikunu adattati sabiex jiżguraw il-ġestjoni solida u prudenti tas-CSD.

7. CSD għandu:

   (a) jipprovdi lill-awtorità kompetenti u jippubblika t-tagħrif rigward is-sjieda tas-CSD, u b'mod partikolari, l-identità u l-iskala tal-interessi ta' kwalunkwe parti f'pożizzjoni li teżerċita kontroll fuq it-tħaddim tas-CSD;

   (b) jgħarraf lill-awtorità kompetenti dwar, u jippubblika kwalunkwe, trasferiment ta' sjieda li jwassal għal bidla fl-identità tal-persuni li jeżerċitaw kontroll fuq it-tħaddim tas-CSD.

8. Fi żmien 60 jum ta' xogħol mir-riċevuta tat-taħrif imsemmi fil-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni dwar il-bidliet proposti fil-kontroll tas-CSD. L-awtorità kompetenti għandha tiċħad milli tapprova l-bidliet proposti fil-kontroll tas-CSD fejn ikun hemm raġunijiet oġġettivi u li jistgħu jiġu pprovati għalfejn temmen li dawn ikunu jqiegħdu f'riskju l-ġestjoni solida u prudenti tas-CSD jew l-abbiltà li s-CSD tikkonforma ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 26

Kumitat tal-utenti

1. CSD għandu jwaqqaf kumitati tal-utenti għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, li għandhom ikunu fformati minn rappreżentanti tal-emittenti, parteċipanti f'dawn is-sistemi ta' saldu tat-titoli ***u tipi differenti ta' detenturi ta' titoli***. Il-parir tal-kumitat tal-utenti għandu jkun indipedenti minn kwalunkwe influwenza diretta mill-maniġment tas-CSD.

2. CSD għandu jiddefinixxi l-mandat għal kull kumitat tal-utenti mwaqqaf, l-arranġamenti ta' governanza meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom u l-proċeduri operazzjonali tagħhom, kif ukoll il-kriterji ta' ammissjoni u l-mekkaniżmu ta' elezzjoni għall-membri tal-kumitat tal-utenti. L-arranġamenti ta' governanza għandhom ikunu pubblikament disponibbli u għandhom jiżguraw li l-kumitat tal-utenti jirraporta direttament lill-bord u li jiltaqa' regolarment.

3. Kumitati tal-utenti għandhom jagħtu parir lill-bord tas-CSD dwar arranġamenti

ewlenin li jħallu impatt fuq il-membri tagħhom, inklużi l-kriterji għall-aċċettazzjoni ta' emittenti jew parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli tagħhom ***u*** l-livell tas-servizz ▌.

***3a.*** ***Il-kumitati tal-utenti jistgħu jressqu opinjoni lill-bord fejn jitniżżlu r-raġunijiet dettaljati fir-rigward tal-istrutturi tal-prezzijiet tas-CSD.***

4. Mingħajr ħsara għad-dritt tal-awtoritajiet kompetenti li jiġu mgħarrfa, il-membri tal-kumitati tal-utenti għandhom ikunu marbuta bil-kunfidenzjalità ***dwar l-aspetti li ma jaffettwawx il-kundizzjonijiet tas-saldu***. Fejn president ta' kumitat tal-utenti jiddetermina li membru jkollu kunflitt ta' interess potenzjali jew reali rigward kwistjoni partikolari, dak il-membru ma għandux jitħalla ***jipparteċipa fid-diskussjoni jew*** jivvota dwar dik il-kwistjoni.

5. CSD għandha tgħarraf minnufih lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe deċiżjoni li fiha l-bord jiddeċiedi li ma jsegwix il-parir tal-kumitat tal-utenti.

Artikolu 27

Żamma tar-rekords

1. CSD għandu jżomm ir-rekords kollha dwar is-servizzi u l-attività pprovduti sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament. ***Huwa għandu jagħmel dan għal perjodu ta' mhux anqas minn ħames snin. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż awtomatikament meta awtorità kompetenti tiftaħ investigazzjoni biex tiżgura li r-rekords affettwati jinżammu sakemm dik l-investigazzjoni tintemm. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-perjodu jmur oltra l-ħames snin.***

2. Meta jintalab CSD għandu jqiegħed ir-rekords imsemmija fil-paragrafu 1 għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11 ***u kwalunkwe awtorità pubblika oħra ta' Stat Membru tal-UE li jkollha setgħat legali marbuta direttament mar-rekords,*** bl-iskop li jissodisfaw il-mandati tagħhom.

3. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika d-dettalji tar-rekords imsemmija fil-paragrafu 1 li għandhom jinżammu għall-iskop ta' monitoraġġ tal-konformità tas-CSDs mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-format tar-rekords

imsemmija fil-paragrafu 1 li għandhom jinżammu għall-iskop ta' monitoraġġ tal-konformità tas-CSDs mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 28

Esternalizzazzjoni

1. Fejn CSD testernalizza servizzi jew attivitajiet lil parti terza, din għandha tibqa' kompletament responsabbli mir-rilaxx tal-obbligi kollha tagħha skont dan ir-Regolament u għandha tikkonforma fil-ħin kollu mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) esternalizzazzjoni ma tirriżultax fid-delega tar-responsabbiltà tagħha;

(b) ir-relazzjoni u l-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tagħha ma jinbidlux;

(c) effettivament, il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tas-CSD ma jinbidlux;

(d) esternalizzazzjoni ma tipprevjenix l-eżerċizzju tal-funzjonijiet superviżorji u ta' sorveljanza, inkluż l-aċċess fuq il-post għall-kisba ta' kwalunkwe tagħrif meħtieġ sabiex jitwettqu dawn il-funzjonijiet;

(e) esternalizzazzjoni ma twassalx biex is-CSD jitlef mis-sistemi u l-kontrolli meħtieġa sabiex jimmaniġja r-riskji li jħabbat wiċċu magħhom;

(f) is-CSD ikollu l-kompetenza u r-riżorsi meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-kwalità tas-servizzi pprovduti, l-adegwatezza organizzazzjonali u kapitali tal-fornitur tas-servizz, għas-superviżjoni tas-servizzi esternalizzati b'mod effettiv u għall-ġestjoni tar-riskji assoċjati mal-esternalizzazzjoni;

(g) is-CSD għandu aċċess dirett għat-tagħrif relevanti tas-servizzi esternalizzati;

(h) il-fornitur tas-servizz jikkoopera mal-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11 b'rabta mal-attivitajiet esternalizzati;

(i) is-CSD jiżgura li l-fornitur tas-servizz jilħaq l-istandards stabbiliti *mil-liġi* relevanti ta' protezzjoni tad-data li jkunu japplikaw li kieku l-fornituri tas-servizz kienu stabbiliti fl-Unjoni. Is-CSD huwa responsabbli mill-iżgurar li dawk l-istandards ikunu stabbiliti f'kuntratt bejn il-partijiet u li dawk l-istandards jinżammu.

2. Is-CSD għandu jiddefinixxi fi ftehim bil-miktub id-drittijiet u l-obbligi tiegħu u dawk tal-fornitur tas-servizz. Il-ftehim ta' esternalizzazzjoni għandu jinkludi l-possibbiltà li s-CSD itemm il-ftehim.

3. Fuq talba, CSD għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11 it-tagħrif meħtieġ kollu sabiex jippermettilhom jivvalutaw il-konformità tal-attivitajiet esternalizzati mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament.

4. L-esternalizzazzjoni ta’ servizz ewlieni għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 17 mill-awtorità kompetenti.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw fejn CSD jesternalizza wħud mis-servizzi jew l-attivitajiet tiegħu lil entità pubblika u fejn dik l-esternalizzazzjoni tkun irregolata minn qafas legali, regolatorju u operazzjonali ddedikat li sar qbil dwaru u ġie formalizzat b’mod konġunt mill-entità pubblika u s-CSD relevanti u li l-awtoritajiet kompetenti qablu dwaru fuq il-bażi tar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament.

### ***Artikolu 28a***

### ***Servizzi kondiviżi***

***1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal persuna apparti s-CSD li tkun responsabbli biex iddaħħal entrati fil-kontijiet tat-titoli fil-livell tas-CSD.***

***Meta l-Istati Membri jipprovdu għal tali servizzi konġunti, ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw, fejn ikun relevanti, anki għal dik il-persuna.***

***2. Meta l-Istati Membri jipprovdu għal servizzi konġunti skont il-paragrafu 1, huma għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti applikabbli, inklużi r-rekwiżiti skont dan ir-Regolament, fil-liġi nazzjonali tagħhom.***

***3. Meta l-Istati Membri jipprovdu għal servizzi konġunti skont il-paragrafu 1, huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-ESMA b'konsegwenza. L-ESMA għandha tinkludi informazzjoni dwar is-servizzi konġunti fir-reġistru tas-CSD msemmi fl-Artikolu 19.***

## TAQSIMA 2

## REGOLI TAL-KONDOTTA TAN-NEGOZJU

### Artikolu 29

### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. CSD għandu jiġi ddiżenjat biex jilħaq il-ħtiġijiet tal-parteċipanti tiegħu u tas-swieq li jaqdi.

2. CSD għandu jkollu għanijiet u objettivi definiti b’mod ċar li jistgħu jitkejlu u jintlaħqu, bħal fl-oqsma ta’ livelli minimi ta’ servizz, l-aspettattivi ta’ ġestjoni tar-riskji u l-prijoritajiet tan-negozju.

3. CSD għandu jkollu regoli trasparenti għall-ġestjoni tal-ilmenti.

Artikolu 30

Rekwiżiti ta' parteċipazzjoni

1. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem ***u għas-servizzi l-oħrajn kollha li huwa jipprovdi***, CSD għandu jkollu kriterji divulgati pubblikament għal parteċipazzjoni li jippermettu aċċess ġust u miftuħ. Dawn il-kriterji għandhom ikunu trasparenti, oġġettivi, ▌ u mhux diskriminatorji sabiex jiġi żgurat aċċess ġust u miftuħ għas-CSD ***billi tingħata l-attenzjoni dovuta lir-riskji għall-istabilità finanzjarja u r-regolarità tas-swieq***. Kriterji li jillimitaw l-aċċess għandhom jitħallew biss sa fejn ▌***jikkontrollaw b'mod ġustifikabbli*** r-riskju ***speċifikat*** għas-CSD. ***Fir-rigward tal-aċċess għas-sistema ta' saldu tat-titoli, il-kriterji għandhom ikunu konformi mad-Direttiva 98/26/KE.***

2. CSD għandu jittratta t-talbiet għall-aċċess minnufih billi jipprovdi risposta għal dawn it-talbiet fi żmien xahar l-aktar tard u għandu jqiegħed l-proċeduri dwar it-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad-dispożizzjoni pubblika.

3. CSD jista' jiċħad aċċess lil parteċipant li jilħaq il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 biss fejn dan ikun ġustifikat sew bil-miktub u fuq il-bażi ta' analiżi komprensiva tar-riskji.

F'każ ta' ċaħda, il-parteċipant li jitlob aċċess ikollu d-dritt jilmenta mal-awtorità kompetenti tas-CSD li ċaħad l-aċċess.

L-awtorità kompetenti responsabbli għandha teżamina l-ilment bir-reqqa billi tivvaluta r-raġunijiet għaċ-ċaħda u għandha tipprovdi lill-parteċipant li jitlob l-aċċess bi tweġiba rraġunata.

L-awtorità kompetenti responsabbli għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-post tal-istabbiliment tal-parteċipant li jitlob l-aċċess dwar il-valutazzjoni tagħha tal-ilment. Fejn l-awtorità tal-parteċipant li jitlob aċċess ma taqbilx mal-valutazzjoni pprovduta, il-kwistjoni għandha tiġi rriferita lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Fejn iċ-ċaħda mis-CSD sabiex jagħti aċċess lil parteċipant li jkun qed jitolbu titqies bħala inġustifikata, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha toħroġ ordni li teħtieġ li s-CSD jagħti aċċess lill-parteċipant li jkun qed jitlob dan.

4. CSD għandu jkollu proċeduri oġġettivi u trasparenti għas-sospensjoni u l-ħruġ ordnat tal-parteċipanti li ma jibqgħux jilħqu l-kriterji għal parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

5. ***L-ESMA għandha tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** rigward miżuri sabiex tispeċifika r-riskji li jistgħu jiġġustifikaw ċaħda minn CSD ta' aċċess lill-parteċipanti u l-elementi tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 3.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-

Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 ***(EPP)***.

6. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli u mudelli standard għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 3.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 31

Trasparenza

1. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem kif ukoll għal kull wieħed mis-servizzi l-oħrajn li jwettaq, CSD għandu jiddivulga pubblikament il-prezzijiet u t-tariffi ***dettaljati*** assoċjati mas-servizzi pprovduti. Għandu jiddivulga l-prezzijiet u t-tariffi ta' kull servizz u funzjoni pprovduti b'mod separat, inklużi l-iskontijiet u r-roħs u l-kundizzjonijiet sabiex wieħed jibbenefika minn dak it-tnaqqis. Għandu jagħti aċċess separat lill-klijenti tiegħu għas-servizzi speċifiċi pprovduti.

2. CSD għandu jippubblika lista tal-prezzijiet sabiex jiffaċilita t-tqabbil tal-offerti u sabiex il-klijenti ikunu jistgħu jantiċipaw il-prezz li jkunu jridu jħallsu jekk jużaw is-servizzi.

3. CSD għandu jkun marbut mill-politika ta' pperzzar ippubblikata tiegħu.

4. CSD għandu jipprovdi lill-klijenti tiegħu dak it-tagħrif li jippermetti rikonċiljament tal-fattura mal-lista tal-prezzijiet ippubblikata.

5. CSD għandu jiddivulga lill-parteċipanti kollha dawk ir-riskji assoċjati mas-servizzi pprovduti.

6. CSD għandu jagħti raġunijiet separati għall-ispejjeż u d-dħul tas-servizzi pprovduti u għandu jiddivulga dak it-tagħrif lill-awtorità kompetenti***, kif ukoll lill-utenti bil-għan li jiġu evitati sussidji inkruċjati u jiġi żgurat li ma jiġix ġenerat dħul mhux xieraq mill-proċess tad-dixxipplina tas-saldu***.

Artikolu 32

Proċeduri ta' komunikazzjoni ma' parteċipanti u infrastrutturi oħrajn tas-suq

Fil-proċeduri ta' komunikazzjoni tagħhom mal-parteċipanti tas-sistemi ta' saldu tat-

titoli li jħaddmu u mal-infrastrutturi tas-suq li huma konnessi magħhom, is-CSDs għandhom jużaw proċeduri u standards ta' komunikazzjoni ***miftuħa u internazzjonali*** sabiex jintbagħtu l-messaġġi u d-data ta' referenza sabiex jiġu faċilitati r-reġistrar, il-ħlas u s-saldu effiċjenti.

***Sa [ħames snin wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], is-CSDs għandhom jużaw, għall-komunikazzjoni bejn is-CSDs, proċeduri, standards ta' messaġġi u ta' tranżazzjonijiet stabbiliti mill-ESMA, meta ma jkunux waslu għal qbil komuni dwar soluzzjonijiet oħrajn ta' komunikazzjoni li jipprovdu tal-anqas l-istess livell ta' servizz u kontenut ta' dejta. L-ESMA għandha tiżviluppa dawk l-istandards b'kooperazzjoni mas-CSDs u mas-SEBĊ bl-objettiv li ssostni l-ipproċessar minn tarf għall-ieħor u dirett fl-Unjoni.***

TAQSIMA 3

REKWIŻITI GĦAS-SERVIZZI TAS-CSD

Artikolu 33

Dispożizzjonijiet ġenerali

Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jkollu r-regoli u l-proċeduri xierqa, inklużi prattiki u kontrolli kontabbilistiċi robusti sabiex jgħin jiżgura l-integrità tal-ħruġ ta' titoli, inaqqas u jimmaniġġja r-riskji assoċjati mal-kustodja u s-saldu ta' tranżazzjonijiet fit-titoli.

***Artikolu 33a***

***Ir-reġistrazzjoni u l-ħżin ta' ftehimiet ta' xiri mill-ġdid u tislif ta' titoli ppročessati u mmaniġġjati minn CSD***

***Is-CSDs għandhom jirreġistraw u jaħżnu, tal-anqas fuq bażi aggregata, il-ftehimiet kollha ta' xiri mill-ġdid u tislif ta' titoli li huma jkunu pproċessaw u mmaniġġjaw. Dan għandu jinkludi l-forom kollha ta' arranġamenti ta' gravami u ta'rkupru (claw back).***

***Is-CSD għandu jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jaċċessaw din l-informazzjoni.***

Artikolu 34

Integrità tal-kwistjoni

1. CSD għandu jieħu l-miżuri ta' rikonċiljazzjoni xierqa sabiex jivverifika li l-għadd ta' titoli li jifforma ħruġ ta' titoli jew parti minn ħruġ ta' titoli sottomessi lis-CSD jkun daqs is-somma tat-titoli rreġistrati fil-kontijiet ta' titoli tal-parteċipanti fis-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD ***u, fejn ikun relevanti, fuq il-kontijiet titulari***

***mmaniġġjati mis-CSD***. Miżuri ta' rikonċiljazzjoni bħal dawn għandhom jitwettqu dakinhar.

2. Fejn dan ikun xieraq u jekk entitajiet oħrajn ikunu involuti fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni għal ċertu ħruġ ta' titoli, bħall-emittent, ir-reġistraturi, l-aġenti tal-ħruġ, l-aġenti tat-trasferimenti, id-depożitorji komuni, CSDs oħrajn jew entitajiet oħrajn, is-CSD għandu jeħtieġ li dawn l-entitajiet ikollhom miżuri ta' kooperazzjoni u ta' skambju tat-tagħrfi adegwati mas-CSD sabiex tinżamm l-integrità tal-ħruġ.

3. F'sistema ta' saldu tat-titoli ▌ ma għandhomx ikunu permessi self kurrenti ta' titoli, bilanċi tad-dejn jew ħolqien ta' titoli.

4. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-miżuri ta' rikonċiljazzjoni li CSD għandu jieħu skont il-paragrafi 1 sa 3.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 35

Protezzjoni tat-titoli tal-parteċipanti u tal-investituri finali

Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jżomm ir-rekords u l-kontijiet li għandhom jippermettulu li fi kwalunkwe mument u mingħajr dewmien jiddistingwi ***u jissepara*** fil-kontijiet mas-CSD it-titoli ta' parteċipant mit-titoli ta' kwalunkwe parteċipant ieħor u, jekk applikabbli, mill-assi proprji tas-CSD.

(1) CSD għandu jżomm rekords u l-kontijiet li jippermettu lil parteċipant jiddistingwi ***jew jissepara*** t-titoli ta' dak il-parteċipant minn dawk tal-klijenti ta' dak il-parteċipant.

**(2)** CSD għandu ▌ jżomm ir-rekords u l-kontijiet li jippermettu lil parteċipant ***jissepara*** t-titoli ta' kull wieħed mill-klijenti ta' dak il-parteċipant, jekk u kif ikun mitlub minn dak il-parteċipant ('segregazzjoni tal-klijenti individwali').

***3a. CSD għandu jippermetti lill-parteċipanti tiegħu jiftħu u jżommu b'mod simultanju kemm kontijiet tat-titoli omnibus kif ukoll kontijiet tat-titoli separati. Dawk is-servizzi għandhom jingħataw b'termini kummerċjali raġonevoli , inklużi l-ispejjeż.***

***L-Istati Membri m'għandhomx iwaqqfu lis-CSD milli jwettqu l-obbligi tagħhom imsemmija fl-ewwel subparagrafu.***

(3) CSD għandu jiddivulga pubblikament il-livell ta' protezzjoni u l-ispejjeż assoċjati mal-livelli differenti ta' segregazzjoni li jipprovdi u għandu joffri dawn is-servizzi f'termini kummerċjali raġonevoli.

(4) CSD ma għandux juża titoli ta' parteċipant ***jew ta' investitur finali li jkollu kont separat*** għall-ebda skop sakemm dan ma jkunx kiseb il-kunsens ***bil-miktub u bil-quddiem*** tal-parteċipant ***jew tal-investitur finali***. ***Meta dan ikun jikkonċerna investitur fil-livell tal-konsum kif definit fir-Regolament (UE) Nru .../... [il-MiFID il-ġdid], dan għandu jkun fuq bażi ta' każ b'każ.***

(5) *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodi ta' entrata fil-kotba u l-istrutturi tal-kontijiet li jippermettu li ssir distinzjoni bejn il-holdings imsemmija fil-paragrafu 1 sa 3 u l-metodi tal-valutazzjoni tagħhom.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 36

Finalità tas-saldu

CSD ***u kwalunkwe operatur ieħor ta' sistema*** ta' saldu tat-titoli *(kollettivament "l-operatur tas-sistema ta' saldu tat-titoli)* ***għandu joffri*** protezzjoni adegwata għall-parteċipanti. Is-sistema ta' saldu tat-titoli għandha tingħażel u tiġi nnotifikata skont il-proċeduri msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE.

(6) ***L-operatur tas-sistema ta' saldu tat-titoli*** għandu jistabbilixxi proċeduri għas-sistemi ta' saldu tat-titoli tiegħu li jippermettu li s-saldu jsir filwaqt, espożizzjoni minima tal-parteċipanti tagħhom għar-riskju tal-kontroparti u r-riskju tal-likwidità u rata baxxa ta' fallimenti tas-saldu.

(7) ***L-operatur tas-sistema ta' saldu tat-titoli*** għandu jiddefinixxi b'mod ċar il-punt li jekk jintlaħaq, l-ordnijiet tat-trasferimenti f'sistema ta' saldu tat-titoli jsiru irrevokabbli, legalment infurzabbli u vinkolanti fuq il-partijiet terzi.

(8) ***L-operatur tas-sistema ta' saldu tat-titoli*** għandu jiddivulga l-mument li fih it-trasferimenti tal-fondi u t-titoli f'sistema ta' saldu tat-titoli jsiru irrevokabbli, legalment infurzabbli u vinkolanti fuq il-partijiet terzi.

(9) Il-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-konnessjonijiet u l-infrastrutturi tal-IT komuni tas-saldu stipulati fl-Artikolu 45.

(10) ***L-operatur tas-sistema ta' saldu tat-titoli*** għandu jikseb finalità tas-saldu mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta’ negozjar tad-data tas-saldu maħsuba. Fuq talba mill-kumitat tal-utenti tiegħu, ***CSD*** għandu jistalla ***proċeduri operazzjonali jew*** sistemi li jippermettu li jsir saldu dakinhar jew f’ħin reali.

(11) Ir-rikavati fi flus ta’ saldu ta’ titoli għandhom ikunu disponibbli għar-riċevituri sabiex jużawhom mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta’ negozjar tad-data tas-saldu maħsuba.

(12) It-tranżazzjonijiet kollha ta' titoli għal flus bejn parteċipanti diretti fis-sistemi ta’ saldu tat-titoli mħaddma minn CSD għandhom jiġu saldati fuq il-bażi ta’ DVP.

(13) *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-elementi tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2 li jippermettu li s-saldu jsir filwaqt.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 37

Saldu fi flus

Għal tranżazzjonijiet denominati fil-munita tal-pajjiż fejn isir is-saldu, CSD għandu jissalda l-pagamenti fi flus tas-sistema ta’ saldu tat-titoli rispettivi tiegħu permezz ta’ kontijiet miftuħa ma’ bank ċentrali li joperaw f’munita f'din il-munita kull meta dan ikun prattiku u disponibbli.

(14) Fejn ma jkunx prattiku u disponibbli li jiġu saldati f’kontijiet ta’ bank ċentrali, CSD jista’ joffri li jsalda l-pagamenti fi flus għas-sistemi ta’ saldu tat-titoli kollha tiegħu, jew parti minnhom, permezz ta’ kontijiet miftuħa ma’ istituzzjoni ta’ kreditu. Jekk CSD joffri li jsalda f’kontijiet miftuħa ma’ istituzzjoni ta’ kreditu, dan għandu jagħmel dan skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV.

(15) Fejn is-CSD joffri saldu kemm f’kontijiet ta’ bank ċentrali kif ukoll f’kontijiet miftuħa ma’ istituzzjoni ta’ kreditu, il-parteċipanti tiegħu għandu jkollhom id-dritt li jagħżlu bejn dawn iż-żewġ għażliet.

(16) CSD għandu jipprovdi biżżejjed tagħrif lill-parteċipanti fis-suq sabiex jippermettilhom jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u l-ispejjeż assoċjati ma’ dawn is-servizzi.

(17) ***L-ESMA, wara li tikkonsulta l-membri tas-SEBĊ,*** għandha ***tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** li jiddefinixxu l-każijiet fejn is-saldu tal-pagamenti fi

flus f'munita speċifika permezz ta' kontijiet miftuħa ma' bank ċentrali ma jkunx prattikabbli u disponibbli u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom.

***L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien [sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

***Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

Artikolu 38

Proċeduri u regoli dwar l-inadempejnza tal-parteċipanti

Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jkollu regoli u proċeduri effettivi u definiti b'mod ċar sabiex jimmaniġġja l-inadempjenza ta' parteċipant ***wieħed jew iktar*** sabiex jiġi żgurat li s-CSD jista' jieħu azzjoni f'waqtha sabiex jillimita t-telf u l-pressjonijiet fuq il-likwidità u jkompli jilħaq l-obbligi tiegħu.

(18) CSD għandu jqiegħed ir-regoli u l-proċeduri tiegħu dwar l-inadempjenza għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

(19) Flimkien mal-parteċipanti tiegħu u partijiet interessati relevanti oħrajn, CSD għandu jwettaq ittestjar u reviżjoni perjodiċi tal-proċeduri tiegħu dwar l-inadempjenza sabiex jiżgura li jkunu prattiċi u effettivi.

(20) Sabiex tiżgura applikazzjoni konsistenti ta' dan l-artikolu, l-ESMA***, wara li tikkonsulta l-membri tas-SEBĊ,*** tista' toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

TAQSIMA 4

REKWIŻITI PRUDENZJALI

Artikolu 39

Rekwiżiti ġenerali

CSD għandu jadotta qafas ta' ġestjoni tar-riskji solidu sabiex jimmaniġġja b'mod komprensiv ir-riskji legali, tan-negozju, operazzjonali u riskji ***diretti jew oħrajn*** oħrajn***, inkluż miżuri għat-taffija tal-frodi u n-negliġenza***.

Artikolu 40

Riskji legali

Għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tiegħu, kif ukoll għat-tagħrif tal-konsumaturi tiegħu, CSD għandu jkollu regoli, proċeduri, u kuntratti li huma ċari u li jistgħu jinftiehmu inklużi għas-sistemi tas-saldu tat-titoli kollha li jħaddem.

(21) CSD għandu jfassal ir-regoli, il-proċeduri u l-kuntratti tiegħu sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu infurzati fil-ġurisdizzjonijiet relevanti kollha, anki f'każ ta' inadempjenza ta' parteċipant.

(22) CSD li jwettaq negozju f'ġurisdizzjonijiet differenti għandu ***jieħu l-passi kollha raġonevoli biex*** jidentifika u jimmitiga r-riskji li jirriżultaw minn ▌ kunflitt potenzjali fil-liġijiet bejn il-ġurisdizzjonijiet.

Artikolu 41

Riskju ġenerali tan-negozju

CSD għandu jkollu għodod tal-IT ta' kontroll ***kif ukoll*** ġestjoni robusti sabiex jidentifika, jimmonitorja u jimmaniġja r-riskji tan-negozju ġenerali, inklużi l-istrateġija tan-negozju, il-flussi tal-flus u l-ispejjeż operatorji.

Artikolu 42

Riskji operazzjonali

(2) CSD għandu jidentifika kull sors potenzjali ta' riskju operazzjonali, kemm intern kif ukoll estern, u jimminimizza l-impatt tagħhom permezz tal-użu ta' għodod tal-IT, kontrolli u proċeduri xierqa, inklużi għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha li jħaddem.

(23) CSD għandu jżomm l-għodod tal-IT xierqa li jiżguraw grad għoli ta' sigurtà u affidabbiltà operazzjonali, u li għandhom kapaċità adegwata. Għodod *tal-IT* għandhom jindirizzaw b'mod adegwat il-kumplessità, il-varjetà u t-tip ta' servizzi u attivitajiet imwettqa sabiex jiġu żgurati standards għoljin ta' sigurtà, integrità u kunfidenzjalità tat-tagħrif miżmum.

(24) Għas-servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali tiegħu kif ukoll għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm politika ta' kontinwità tan-negozju adegwata u pjan ta' rkupru minn diżastri sabiex tiġi żgurata l-preservazzjoni tas-servizzi tiegħu, l-irkupru fil-pront tal-operazzjonijiet u t-twettiq tal-obbligi tas-CSD fil-każ ta' avvenimenti li jġibu riskju sinifikanti ta' tfixkil tal-operazzjonijiet.

(25) Bħala minimu, il-pjan imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jipprovdi għall-irkupru tat-tranżazzjonijiet kollha fi żmien it-tfixkil sabiex il-parteċipanti f'CSD ikunu jistgħu jkomplu joperaw b'ċertezza u sabiex ilestu s-saldu fid-data skedata. Għandu jinkludi

t-twaqqif ta' tieni sit ta' proċessar bil-livell meħtieġ ta' riżorsi, kapaċitajiet u funzjonalitajiet ewlenin, inkluż persunal b'ħiliet u esperjenza xierqa.

(26) Is-CSD għandu jippjana u jwettaq programm ta' testijiet tal-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 sa 4.

(27) CSD għandu jidentifika, jimmonitorja u jimmaniġja r-riskji li l-parteċipanti ewlenin fis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddem, kif ukoll il-fornituri tas-servizz u l-utilitajiet, u CSDs oħrajn jew infrastrutturi oħrajn tas-suq jistgħu jġibu magħhom għat-tħaddim tiegħu.

(28) *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika r-riskji operazzjonali msemmija fil-paragrafi 1 u 6, il-metodi sabiex tittestja, tindirizza jew timminimizza dawk ir-riskji, inklużi l-politika ta' kontinwità tan-negojzu u l-pjanijiet ta' rkupru minn diżastri msemmija fil-paragrafi 3 u 4 u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 43

Riskji ta' investimenti

1. CSD għandu jżomm l-assi finanzjarji tiegħu f'banek ċentrali jew istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati li għandhom prattiki ta' kontabbiltà, proċeduri ta' kustodja u kontrolli interni robusti li jipproteġu lil dawn l-assi bis-sħiħ.

2. CSD għandu jkollu aċċess fil-pront għall-assi tiegħu, meta jkun meħtieġ.

3. CSD għandu jinvesti r-riżorsi finanzjarji tiegħu unikament fi flus jew fi strumenti finanzjarji likwidi ħafna b'riskju tas-suq u tal-kreditu minimi. Dawn l-investimenti għandhom ikunu kapaċi jiġu likwidati malajr b'effett negattiv minimu fuq il-prezz.

4. CSD għandu jieħu f'kunsiderazzjoni l-iskoperturi għar-riskju ▌ ġenerali għall-istituzzjonijiet individwali ***li magħhom huwa jkollu l-assi proprji tiegħu*** meta jieħu d-deċiżjoni ta' investiment tiegħu u għandu jiżgura li l-iskopertura għar-riskju ġenerali għal ***kull tali*** istituzzjoni tibqa' fi ħdan limiti ta' konċentrazzjoni aċċettabli.

Artikolu 44

Rekwiżiti kapitali

1. Il-kapital, flimkien mal-qligħ imfaddal u r-riżervi ta' CSD, għandu jkun proporzjonat mar-riskji mill-attivitajiet tas-CSD. Għandu jkun il-ħin kollu biżżejjed sabiex:

(a) jiżgura li s-CSD ikun adegwatement protett kontra riskji operazzjonali, legali, tan-negozju, tal-kustodja u tal-investimenti;

(b) ikopri telf tan-negozju ġenerali potenzjali, sabiex is-CSD ikun jista’ jkompli jipprovdi s-servizzi bħala negozju avvjat;

(c) jiżgura stralċ jew ristrutturar ordinat tal-attivitajiet tas-CSD tul perjodu ta’ żmien xieraq f’każ ta’ inadempjenza;

(d) jippermetti lis-CSD jissodisfa l-ispejjeż operatorji attwali u proġettati għal minimu ta’ sitt xhur f’medda ta’ xenarji ta' stress.

2. CSD għandu jkollu pjan għal dan li ġej:

(a) il-ġbir ta’ kapital addizzjonali jekk il-kapital tal-ekwità tiegħu jersaq viċin jew jaqa’ taħt ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1;

(b) il-twettiq ta’ stralċ jew riorganizzazzjoni ordinata tal-operazzjonijiet u s-servizzi tiegħu f’każ li s-CSD ma jkunx jista’ jiġbor kapital ġdid.

Dan il-pjan għandu jiġi approvat mill-bord tad-diretturi jew kumitat tal-bord xieraq u aġġornat b’mod regolari.

3. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ ***u tal-BERS***, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kapital, il-qligħ imfaddal u r-riżervi ta’ CSD imsemmija fil-paragrafu 1 u l-karatteristiċi tal-pjan imsemmi fil-paragrafu 2.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## TAQSIMA 5

## REKWIŻITI GĦALL-KONNESSJONIJIET TAS-CSD

### Artikolu 45

### Konnessjonijiet tas-CSDs

1. Qabel ma jistabbilixxu konnessjoni ma’ CSD u fuq bażi kontinwa ladarba tkun stabbilita l-konnessjoni, is-CSDs kkonċernati kollha għandhom jidentifikaw, jivvalutaw, jimmonitorjaw u jimmaniġġjaw is-sorsi potenzjali kollha ta’ riskju għalihom stess u għall-parteċipanti tagħhom li jinħolqu mill-arranġament tal-konnessjoni.

2. L-arranġamenti tal-konnessjoni għandhom jiġu sottomessi għal awtorizzazzjoni kif meħtieġ fil-punt (d) tal-Artikolu 17(1) ***jew jiġu notifikati lill-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ CSDs kif meħtieġ skont l-Artikolu 17(2a)***.

3. Konnessjoni għandha tipprovdi protezzjoni adegwata lis-CSDs konnessi u lill-parteċipanti tagħhom, partikolarment fir-rigward ta' krediti possibbli meħuda mis-CSDs u tar-riskji ta' konċentrazzjoni u likwidità b'riżultat ta' arranġament ta' konnessjoni.

   Konnessjoni għandha tkun sostnuta b'arranġament kuntrattwali xieraq li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi tas-CSDs konnessi u fejn ikun meħtieġ, tal-parteċipanti tas-CSDs. Arranġament kuntrattwali b'implikazzjonijiet transġurisdizzjonali għandu jipporvdi għal għażla bla ambigwità tal-liġi li tirregola kull aspett tal-operazzjonijiet tal-konnessjoni.

4. Fil-każ ta' trasferiment proviżorju ta' titoli bejn CSDs konnessi, għandu jkun projbit ritrasferiment tat-titoli qabel l-ewwel trasferiment isir finali.

5. CSD li juża intermedjarju sabiex iħaddem konnessjoni ma' CSD ieħor għandu jkejjel, jimmonitorja u jimmaniġġja r-riskji addizzjonali li jinħolqu mill-użu ta' dak l-intermedjarju.

6. CSDs konnessi għandu jkollhom proċeduri ta' rikonċiljazzjoni robusti sabiex jiżguraw li r-reġistri rispettivi tagħhom ikunu preċiżi.

7. Il-konnessjonijiet bejn CSDs għandhom jippermettu s-saldu DVP ta' tranżazzjonijiet bejn parteċipanti f'CSDs konnessi, kull fejn dan ikun prattikabbli u fattibbli. Ir-raġunijiet ***dettaljati*** għal kwalunkwe ***konnessjoni CSD li ma tippermettix*** saldu DVP għandhom jiġu notifikati lill-awtoritajiet kompetenti.

8. Sistemi ta' saldu tat-titoli interoperabbli u CSDs li jużaw infrastruttura tas-saldu komuni għandhom jistabbilixxu mumenti identiċi ta':

   (a) l-entrata ta' ordnijiet ta' trasferiment fis-sistema;

   (b) l-irrevokabbiltà tal-ordnijiet tat-trasferiment;

   (c) il-finalità tat-trasferimenti tat-titoli u l-flus.

***8a. Sa [*ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-konnessjonijiet kollha interoperabbli bejn CSDs li joperaw fi Stati Membri għandhom ikunu konnessjonijiet li jsostnu s-saldu DVP interoperabbli.***

9. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet kif stipulati fil-paragrafu 3 li skonthom kull tip ta' arranġament ta' konnessjoni jipprovdi għal protezzjoni adegwata tas-CSDs konnessi u tal-parteċipanti tagħhom, partikolarment meta CSD ikollha ħsieb tipparteċipa fis-sistema tas-saldu tat-titoli mħaddma minn CSD oħra, il-monitoraġġ u l-immaniġġjar tar-riskji addizzjonali msemmija fil-

paragrafu 5 li ġejjin mill-użu tal-intermedjarji, il-metodi ta' rikonċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, il-każijiet fejn is-saldu DVP permezz tal-konnessjonijiet ikun possibbli u fattibbli kif stipulat fil-paragrafu 7 u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Setgħa hija delegata lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament UE Nru 1095/2010.

## KAPITOLU III

## KUNFLITT TA' LIĠIJIET

### Artikolu 46

### Liġi applikabbli għal aspetti proprjetarji

1. ***Mingħajr preġudizzju għal-liġi li taħtha jitwaqqfu t-titoli,*** kwalunkwe kwistjoni fir-rigward tal-aspetti proprjetarji relatati ma' strumenti finanzjarji miżmuma minn CSD***, kif stabbilit fil-punti (a) sa (d),*** għandha tiġi rregolata mil-liġi tal-pajjiż fejn jinsab il-kont***, u b'mod partikolari:***

***(a)*** ***in-natura u l-effetti legali kontra s-CSD u l-partijiet terzi tad-drittijiet mogħtija minn kreditu ta' strumenti finanzjarji lill-kont u tad-dispożizzjoni ta' strumenti finanzjarji kkredidati lill-kont;***

***(b)*** ***ir-rekwiżiti għall-perfezzjonament ta' dispożizzjoni ta' strumenti finanzjarji kkreditati lill-kont, u b'mod iktar ġenerali it-tlestija tal-passi meħtieġa biex dispożizzjoni ssir effettiva kontra s-CSD u l-partijiet terzi;***

***(c)*** ***jekk it-titolu ta' persuna għall jew interess fi strumenti finanzjarji kkreditati lill-kont ikunu megħluba minn jew subordinati għall-titolu jew interess kompetittiv, jew ikun seħħ akkwist in bona fede.***

***(d)*** ***il-passi meħtieġa għat-twettiq ta' interess fi strumenti finanzjarji kkreditati lill-kont li kienu maħluqa permezz ta' kollateral wara avveniment ta' infurzar.***

***Jiġi kkunsidrat li l-kont ikun jinżamm fil-post fejn is-CSD jkollu r-residenza abitwali tiegħu, bi qbil mal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I)*** [1] ***sakemm ma jkunx japplika t-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu.***

[1] ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.

2. Fejn il-kont jintuża għal saldu f'sistema ta' saldu tat-titoli, il-liġi applikabbli għandha tkun dik li tirregola dik is-sistema ta' saldu tat-titoli.

3. Fejn il-kont ma ***jkunx jista' jintuża*** għas-saldu f'sistema ta' saldu tat-titoli, għandu jiġi supponut li dak il-kont qed jinżamm fil-post fejn is-CSD għandu r-residenza abitwali tiegħu ▌.

4. L-applikazzjoni tal-liġi ta' kwalunkwe pajjiż speċifikata f'dan l-Artikolu għandha tinvolvi l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi fis-seħħ f'dak il-pajjiż li mhumiex ir-regoli tiegħu tad-dritt internazzjonali privat.

***4a. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva.../.../UE [li jistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u kumpaniji ta' investiment].***

***4b. CSD għandu janalizza u jiddefinixxi l-liġi applikabbli għal kull kont ta' entrati fil-kotba li jżomm u jippreżenta r-riżultat tal-analiżi lill-awtorità kompetenti għall-verifika.***

Artikolu 47

Libertà fil-ħruġ f'CSD awtorizzat fl-UE

1. Mingħajr ħsara għal-liġi ▌ li skontha huma kostitwiti t-titoli, emittent għandu jkollu d-dritt li jirranġa biex it-titoli tiegħu jiġu rreġistrati fi kwalunkwe CSD stabbilit fi kwalunkwe Stat Membru.

2. Meta emittent jissottometti talba biex jirreġistra t-titoli tiegħu f'CSD, dan tal-aħħar għandu jittratta din it-talba minnufih u jipprovdi tweġiba lill-emittent li jagħmel it-talba fi żmien tliet xhur.

3. CSD jista' jiċħad milli jipprovdi servizzi lil emittent. Ċaħda bħal din tista' tkun ibbażata biss fuq analiżi tar-riskji komprensiva ▌.

4. Fejn CSD jiċħad li jipprovdi servizzi lil emittent, dan għandu jipprovdi lill-emittent li qed jagħmel it-talba bir-raġunijiet sħaħ għaċ-ċaħda tiegħu.

F'każ ta' ċaħda, l-emittent li jagħmel it-talba għandu jkollu d-dritt li jilmenta mal-awtorità kompetenti tas-CSD li jiċħad li jipprovdi s-servizzi tiegħu.

L-awtorità kompetenti ta' dak is-CSD għandha teżamina bir-reqqa l-ilment billi tivvaluta r-raġunijiet għaċ-ċaħda pprovduti mis-CSD u għandha tipprovdi lill-emittent bi tweġiba rraġunata.

L-awtorità kompetenti tas-CSD għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-post tal-istabbiliment tal-emittent li jagħmel it-talba dwar il-valutazzjoni tagħha tal-ilment. Fejn l-awtorità tal-post tal-istabbiliment tal-emittent li jagħmel it-talba ma taqbilx ma' dik il-valutazzjoni, il-kwistjoni għandha tiġi rreferita lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Fejn iċ-ċaħda mis-CSD li jipprovdi s-servizzi tiegħu lil emittent titqies bħala inġustifikata, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha toħroġ ordni fejn teħtieġ lis-CSD jipprovdi s-servizzi tiegħu lill-emittent li għamel it-talba.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 64 li jikkonċernaw il-miżuri sabiex tispeċifika r-riskji li jistgħu jiġġustifikaw ċaħda tal-aċċess minn CSD lil emittenti u l-elementi tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 4.

6. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli u mudelli standard għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 2.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## TAQSIMA 2

## AĊĊESS BEJN CSDS

### Artikolu 48

### Aċċess permezz ta' konnessjoni standard

CSD għandu jkollu d-dritt li jsir parteċipant f'CSD ieħor skont l-Artikolu 30 u soġġett ***għan-notifika lill-awtoritajiet komptenti*** ta' konnessjoni ma' CSD stipulata fl-Artikolu 17.

### Artikolu 49

### Aċċess permezz ta' konnessjoni personalizzata

1. Fejn CSD titlob lil CSD ieħor sabiex jiżviluppa funzjonijiet speċjali sabiex ikollu aċċess għal dan tal-aħħar, is-CSD li jirċievi jista' jiċħad din it-talba biss fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet tar-riskji. Ma tistax tiċħad talba għal raġunijiet ta' telf ta' sehem mis-suq. ***Is-CSDs ikkonċernati għandhom jippubblikaw it-talba u t-tweġiba.***

2. Is-CSD li jirċievi jista' ***biss*** jitlob tariffa ***kummerċjali raġonevoli*** mis-CSD li jagħmel it-talba sabiex joffri konnessjoni personalizzata fuq il-bażi ta' kost b'addenda, sakemm ma jsirx qbil ieħor bejn iż-żewġ partijiet.

### Artikolu 50

### Proċedura għal links tas-CSDs

1. Meta CSD jissottometti talba għal aċċess għal CSD ieħor, dan tal-aħħar għandu

jittratta din it-talba minnufih u jipprovdi tweġiba lis-CSD li jagħmel it-talba fi żmien tliet xhur. ***Is-CSDs ikkonċernati għandhom jippubblikaw it-talba u t-tweġiba.***

2. CSD tista' tinnega aċċess lil CSD li titolbu biss fejn dan l-aċċess ikun jaffettwa l-funzjonament tas-swieq finanzjarji u jikkawża riskju sistemiku. Din iċ-ċaħda tista' tkun ibbażata fuq analiżi komprensiva tar-riskju biss.

Fejn CSD jiċħad milli jagħti aċċess, dan għandu jipprovdi lis-CSD li jagħmel it-talba bir-raġunijiet sħaħ għaċ-ċaħda tiegħu.

F'każ ta' ċaħda, is-CSD li jagħmel it-talba għandu d-dritt li jilmenta mal-awtorità kompetenti tas-CSD li ċaħad milli jagħti aċċess.

L-awtorità kompetenti responsabbli għandha teżamina bir-reqqa l-ilment billi tivvaluta r-raġunijiet għaċ-ċaħda u għandha tipprovdi lis-CSD li jagħmel it-talba bi tweġiba rraġunata.

L-awtorità kompetenti responsabbli għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tas-CSD li jagħmel it-talba ***u lill-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11*** fil-valutazzjoni tagħha tal-ilment. Fejn ***kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet*** tas-CSD li jagħmel it-talba ma taqbilx mal-valutazzjoni pprovduta, ***kwalunkwe*** waħda ▌ mill-awtoritajiet tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Fejn iċ-ċaħda mis-CSD milli jagħti aċċess lis-CSD li jagħmel it-talba titqies bħal inġustifikata, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha toħroġ ordni fejn titlob li s-CSD jagħti aċċess lis-CSD li jagħmel it-talba.

3. Fejn is-CSDs jaqblu li jistabbilixxu konnessjoni, għandhom jissottomettu d-deċiżjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 17, li għandhom jivvalutaw jekk ir-riskji potenzjali mill-arranġament ta' konnessjoni bħar-riskji tal-krditu, il-likwidità, operazzjonali jew kwalunkwe riskju rilevanti ieħor humiex mitigati bis-sħiħ.

L-awtoritajiet kompetenti tas-CSDs rispettivi jistgħu jiċħdu li jawtorizzaw konnessjoni meta din jista' jkollha effett fuq il-funzjonament tas-sistemi tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs li japplikaw.

4. L-awtoritajiet kompetenti ***u relevanti, kif imsemmi fl-Artikolu 11,*** tas-CSDs rispettivi għandhom jikkonsultaw lil xulxin rigward l-approvazzjoni tal-konnessjoni u jistgħu, jekk dan ikun meħtieġ f'każ ta' deċiżjonijiet diverġenti, jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 64 li jikkonċernaw il-miżuri sabiex tispeċifika l-elementi tal-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 sa 3.

6. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta'

standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli u mudelli standard għall-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 sa 3.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

TAQSIMA 3

## AĊĊESS BEJN CSD U INFRASTRUTTURA OĦRA TAS-SUQ

Artikolu 51

Aċċess bejn CSD u infrastruttura oħra tas-suq

1. CCP u ċentru tan-negozjar għandhom jipprovdu aġġornamenti dwar it-tranżazzjonijiet fuq bażi nondiskriminatorja u trasparenti lil CSD fuq talba mis-CSD u jistgħu jitolbu tariffa għal dawn l-aġġornamenti dwar it-tranżazzjonijiet lis-CSD li jagħmel it-talba fuq il-bażi ta' kost b'addenda, sakemm ma jsirx ftehim ieħor bejn iż-żewġ partijiet.

***CCP u ċentru tan-negozjar għandhom jipprovdu aġġornamenti dwar it-tranżazzjonijiet*** fuq bażi nondiskriminatorja u trasparenti lil CSD fuq talba mis-CSD ***mingħajr ħlas***, sakemm ma jsirx ftehim ieħor bejn iż-żewġ partijiet. ***Is-CDSs, is-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar jistgħu jitolbu tariffa għal servizzi ulterjuri pprovduti b'konnessjoni ma' dawn l-aġġornamenti dwar it-tranżazzjonijiet lis-CSD li jagħmel it-talba fuq il-bażi ta' kost b'addenda.***

2. Fejn parti tissottometti talba għal aċċess lil parti oħra skont il-paragrafu 1, din it-talba għandha tiġi indirizzata minnufih u fi żmien xahar għandha tiġi pprovduta tweġiba lill-parti li tagħmel it-talba.

3. Il-parti li tirċievi tista' tinnega aċċess biss fejn dan l-aċċess ikun jaffettwa l-funzjonament tas-swieq finanzjarji u jikkawża riskju sistemiku. Ma tistax tiċħad talba għal raġunijiet ta' telf ta' sehem mis-suq.

Parti li tiċħad aċċess għandha tipprovdi lill-parti li tagħmel it-talba bir-raġunijiet sħaħ għal ċaħda bħal din ibbażata fuq analiżi komprensiva tar-riskji. F'każ ta' ċaħda, il-parti li tagħmel it-talba għandha d-dritt li tilmenta mal-awtorità kompetenti tal-parti li ċaħdet l-aċċess.

L-awtorità kompetenti responsabbli ***u l-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11 għandhom jeżaminaw*** bir-reqqa l-ilment billi ***jivvalutaw*** ir-raġunijiet għaċ-ċaħda u ***għandhom jipprovdu*** lill-parti li tagħmel it-talba bi tweġiba raġunata.

L-awtorità kompetenti responsabbli għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-parti li tagħmel it-talba ***u l-awtoritajiet relevanti msemmija fl-Artikolu 11*** fil-valutazzjoni tagħha tal-ilment. Fejn ***waħda mill-awtoritajiet*** tal-parti li tagħmel it-

talba ma taqbilx mal-valutazzjoni pprovduta, ***kwalunkwe*** waħda ***minnhom*** tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Fejn iċ-ċaħda minn parti milli tagħti aċċess titqies bħala inġustifikata, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha toħroġ ordni fejn teħtieġ lil dik il-parti tagħti aċċess għas-servizzi tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 64 li jikkonċernaw il-miżuri sabiex tispeċifika l-elementi tal-proċeudra msemmija fil-paragrafi 1 sa 3.

5. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli u mudelli standard għall-proċedura msemmija fil-paragrafi 1 sa 3.

   L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni *lill-Kummissjoni* sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

   Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija *fit-tieni* subparagrafu preċedenti skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## TITOLU IV

## ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU MAGĦŻULA SABIEX JIPPROVDU SERVIZZI ANĊILLARI TA' TIP BANKARJU GĦAL PARTEĊIPANTI TAS-CSD

### Artikolu 52

### Awtorizzazzjoni ***u ħatra*** għall-forniment ta' servizzi anċillari ta' tip bankarju

1. CSD ma għandux jipprovdi huwa stess xi servizzi anċillari tat-tip bankarju stabbiliti fit-Taqsima C tal-Anness ***sakemm ikun kiseb awtorizzazzjoni addizzjonali biex jipprovdi dawn is-servizzi bi qbil ma' dan l-Artikolu***.

2. ***CSD li jkun beħsiebu jsalda l-parti ta' flus tas-sistema ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu, jew parti minnha, skont l-Artikolu 37(2) ta' dan ir-Regolament jew li jixtieq jipprovdi kwalunkwe tip ta' servizz anċillari bankarju stabbilit fit-Taqsima C tal-Anness għandu jiġi awtorizzat li:***

   ***(a) jaħtar għal dak l-iskop istituzzjoni tal-kreditu awtorizzata waħda jew iktar kif previst fit-Titolu II tad-Direttiva 2006/48/KE; jew***

   ***(b) joffri tali servizzi skont il-kundizzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu.***

3. ***Meta CSD jixtieq jipprovdi kwalunkwe tip ta' servizzi bankarji anċillari mill-istess entità legali bħal dik li topera s-sistema ta' saldu tat-titoli, l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata biss meta jiġu ssodisfati l-***

***kundizzjonijiet li ġejjin:***

***(a)*** ***is-CSD għandu jkun awtorizzat bħala istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mat-Titolu II tad-Direttiva 2006/48/KE;***

***(b)*** ***l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a) għandha tintuża biss biex tipprovdi t-tip bankarju ta' servizzi ančillari msemmi fit-Taqsima C tal-Anness, u mhux toffri xi servizzi oħra;***

***(c)*** ***is-CSD jissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali kif stabbiliti skont l-Artikolu 57(1), (3) u (4) u r-rekwiżiti superviżorji stabbiliti skont l-Artikolu 58;***

***(d)*** ***l-awtorità kompetenti timponi surcharge addizzjonali fuq il-kapital biex tirrifletti l-importanza sistemika tas-CSD bi qbil mal-paragrafu 9;***

***(e)*** ***is-CSD tirrapporta mill-inqas ta' kull xahar lill-awtorità kompetenti u annwalment fl-iżvelar pubbliku tagħha tal-Pilastru 3 kif rikjest skont id-Direttiva 2006/48/KE dwar il-portata u l-ġestjoni tar-riskju ta' likwidità fl-istess jum bi qbil mal-paragrafu 9; u***

***(f)*** ***is-CSD ressaq lill-awtorità kompetenti pjan adegwat ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni biex jiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tiegħu, inklużi sitwazzjonijiet fejn il-likwidità jew ir-riskju tal-kreditu jikkristallizzaw bħala riżultat tal-provvista ta' servizzi bankarji ančillari;***

***(g)*** ***is-CSD informa lill-awtorità kompetenti dwar l-ispejjeż kollha li hu jġarrab jekk juża entità legali separata għall-għoti tas-servizzi ančillari tat-tip bankarju.***

4. ***Meta CSD jixtieq jipprovdi kwalunkwe tip ta' servizzi bankarji ančillari mill-istess entità legali separata li hija parti mill-istess grupp ta' intrapriżi li fl-aħħar mill-aħħar huma kontrollati mill-istess impriża, l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:***

***(a)*** ***l-entità legali separata għandha tkun awtorizzata bħala istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mat-Titolu II tad-Direttiva 2006/48/KE;***

***(b)*** ***l-entità legali separata tissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali kif stabbiliti skont l-Artikolu 57(1), (3) u (4) u r-rekwiżiti superviżorji stabbiliti skont l-Artikolu 58;***

***(c)*** ***l-entità legali separata m'għandhiex hija stess twettaq l-ebda mis-servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness; u***

***(d)*** ***l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a) għandha tintuża biss biex tipprovdi t-tip bankarju ta' servizzi ančillari msemmi fit-Taqsima C tal-Anness, u mhux toffri xi servizzi oħra;***

5. ***Meta CSD jixtieq jaħtar istituzzjoni ta' kreditu li ma taqax taħt l-ambitu tal-paragrafi 3 u 4, l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata biss***

*meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun awtorizzata bħala istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mat-Titolu II tad-Direttiva 2006/48/KE;*

*(b) l-istituzzjoni ta' kreditu m'għandhiex hija stess twettaq l-ebda mis-servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness; u*

*(c) l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a) għandha tintuża biss biex tipprovdi t-tip bankarju ta' servizzi anċillari msemmi fit-Taqsima C tal-Anness, u mhux toffri xi servizzi oħra.*

6. ***L-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 53(1) tista' titlob lil CSD jaħtar iktar minn istituzzjoni ta' kreditu waħda, jew jaħtar istituzzjoni ta' kreditu minbarra l-provvista ta' servizzi hija stess, bi qbil mal-paragrafu 2(b), meta tqis li l-espożizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu għall-konċentrazzjoni ta' riskji skont l-Artikolu 57(3) u (4) mhijiex imtaffija biżżejjed. L-istituzzjonijiet ta' kreditu maħtura għandhom jitqiesu bħala aġenti tas-saldu.***

***6a. CSD awtorizzat bħala li jipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju u istituzzjoni ta' kreditu maħtura skont il-paragrafu 2(a) għandhom jikkonformaw f'kull ħin mal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament u għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar kwalunkwe tibdil materjali li jaffettwa l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.***

***6b. Wara li tikkonsulta ma' ESMA, EBA għandha tfassal abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għal surcharge addizzjonali fuq il-kapital, biex jirriflettu l-importanza sistemika ta' CSDs u biex jispeċifikaw ulterjorment ir-rapporti meħtieġa biex ikun hemm monitoraġġ effettiv tar-riskju ta' likwidità fl-istess jum. Dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għandu jirrifletti s-surcharges fuq il-kapital maqbula internazzjonalment għal istituzzjonijiet finanzjarji sistemiċi u indikaturi ta' monitoraġġ għall-ġestjoni tal-likwidità fl-istess jum.***

***L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa sitt xhur wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

***Artikolu 52a***

***Immonitorjar attwali tar-rekwiżiti tal-aċċess***

***L-ESMA għandha timmonitorja mill-qrib u tirrapporta annwalment lill-Kummissjoni dwar l-aċċess għall-arranġamenti tal-liċenzji tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju u kwalunkwe impatt negattiv fuq it-twaqqif ta' suq uniku kompetittiv fis-servizzi finanzjarji ta' wara l-kummerċ, b'mod partikolari fejn l-użu ta' tali liċenzji jista' jintuża biex ixekkel il-kompetizzjoni minn sorsi oħra tal-kummerċ u s-CCPs.***

***Fejn dawn ir-rapporti juru ostakli attwali għall-kompetizzjoni f'servizzi finanzjarji ta' wara l-kummerċ b'tali mod li joħolqu riskju sistematiku u garanzija impliċita ta' min iħallas it-taxxi għall-infrastruttura tas-suq finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tintervjeni biex tneħħi dawn l-ostakli jew għandha tressaq proposti leġiżlattivi.***

Artikolu 53

Proċedura għall-għoti u ċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni

1. Is-CSD għandu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni sabiex jaħtar istituzzjoni ta' kreditu ***jew biex jipprovdi kwalunkwe tip ta' servizz anċillari tat-tip bankarju***, kif inhu meħtieġ fl-Artikolu 52, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit.

2. L-applikazzjoni għandu jkun fiha t-tagħrif kollu li huwa meħtieġ sabiex jippermetti lill-awtorità kompetenti taċċerta ruħha li s-CSD u***, meta jkun applikabbli,*** l-istituzzjoni ta' kreditu maħtura jkunu stabbilixxew, fi żmien l-awtorizzazzjoni, l-arranġamenti meħtieġa kollha sabiex jilħqu l-obbligi tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għandu jkun fiha programm tal-operazzjonijiet li jistabbilixxi s-servizzi anċillari tat-tip bankarju previsti, l-organizzazzjoni strutturali tar-relazzjonijet bejn is-CSD u l-istituzzjonijiet ta' kreditu maħtura ***meta applikabbli*** u kif dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkun beħsiebhom jilħqu r-rekwiżiti prudenzjali kif inhu stipulat fl-Artikolu 57(1), (3) u (4) ***u kundizzjonijiet oħra stabbiliti fl-Artikolu 52***.

3. L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-proċedura skont l-Artikolu 15(3) u (6).

4. ***Meta CSD jixtieq jaħtar istituzzjoni ta' kreditu bi qbil mal-Artikolu 52(2)(a),*** l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet li ġejjin:

(a) ***L-awtoritajiet*** relevanti msemmija ▌ ***fl-Artikolu 11(1)*** dwar jekk il-forniment previst ta' servizzi mill-istituzzjoni ta' kreditu maħtura huwiex se jaffettwa l-funzjonament tas-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD applikant;

(b) L-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 58(1) dwar l-abbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali tal-Artikolu 57.

***4a. Meta CSD jixtieq jikseb awtorizzazzjoni biex jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju bi qbil mal-Artikolu 52(4) [entità legali separata], l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet li ġejjin:***

***(a) l-awtoritajiet relevanti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(1), u***

***(b) mal-awtorità kompetenti rilevanti imsemmija fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2006/48/KE;***

***4b. Meta CSD jixtieq jikseb awtorizzazzjoni biex jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju bi qbil mal-Artikolu 52(3) [l-istess entità legali], l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4(a) u fil-punti li***

***ġejjin:***

***(a)*** ***l-awtoritajiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 11(1)(a);***

***(b)*** ***l-awtoritajiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 11(b) li joħorġu l-iktar muniti rilevanti tal-Unjoni li bihom isiru s-saldi;***

***(c)*** ***l-awtorità kompetenti rilevanti msemmija fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2006/48/KE;***

***(d)*** ***l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat/i Membru/i fejn is-CSD ikun stabilixxa konnessjonijiet ta' interoperabilità jew konnessjonijiet personalizzati li jinvolvu trasferiment ta' riskju ma' CSDs oħrajn skont l-Artikolu 50;***

***(e)*** ***l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ospitant fejn l-attivitajiet tas-CSD huma ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u għall-protezzjoni tal-investituri fit-tifsira tal-Artikolu 22(4);***

***(f)*** ***l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-parteċipanti tas-CSD li huma stabbiliti fit-tliet Stati Membri bl-akbar volum ta' saldu fis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD, fuq bażi aggregata matul perjodu ta' sena;***

***(g)*** ***ESMA u ABE.***

***L-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) tal-ewwel subparagrafu u l-awtoritajiet (a) u (b) tal-paragrafu 4(a) għandhom joħorġu opinjoni motivata dwar l-awtorizzazzjoni fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu. Meta awtorità ma tagħtix opinjoni sa dik l-iskadenza, dik l-awtorità titqies li għandha opinjoni favorevoli. Jekk mill-anqas waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) toħroġ opinjoni negattiva u l-awtorità kompetenti tixtieq tagħti awtorizzazzjoni, il-kwistjoni għandha tiġi rreferuta lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

5. *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika t-tagħrif li s-CSD applikant għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6 *Wara li tikkonsulta* mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-konsultazzjoni mal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4

qabel ma tagħti l-awtorizzazzjoni.

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 54

Estensjoni tas-servizzi anċillari tat-tip bankarju

1. CSD li jkun beħsiebu jestendi s-servizzi anċillari tat-tip bankarju li għalihom huwa jaħtar istituzzjoni ta’ kreditu ***jew li jkun jixtieq jipprovdi*** għandu jissottometti talba għal estensjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak is-CSD.

2. It-talba għal estensjoni għandha tkun soġġetta għall-proċedura fl-Artikolu 53.

Artikolu 55

Irtirar tal-awtorizzazzjoni

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-CSD għandha tirtira l-awtorizzazzjoni fi kwalunwe waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) fejn is-CSD ma jkunx għamel użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, espressivament jirrinunzja għall-awtorizzazzjoni jew fejn l-istituzzjoni ta’ kreditu maħtura ma jkunu pprovdew l-ebda servizzi u lanqas ma jkunu wettqu l-ebda attività fis-sitt xhur ta' qabel;

(b) fejn is-CSD jkun kiseb l-awtorizzazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b’mezzi illegali oħrajn;

(c) fejn is-CSD ***jew*** l-istituzzjoni ta’ kreditu maħtura ma jibqgħux jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li skonthom ingħatat l-awtorizzazzjoni u ma jkunux ħadu l-azzjonijiet ta’ rimedju mitluba mill-awtorità kompetenti f'perjodu ta' żmien stabbilit;

(d) fejn is-CSD ***jew*** l-istituzzjoni ta’ kreditu maħtura jkunu kisru r-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament b’mod serju u sistematiku.

2. Qabel ma tirtira awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet relevanti fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) u lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 58(1) dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni ħlief fejn deċiżjoni bħal din tkun meħtieġa b’mod urġenti.

3. L-ESMA, kwalunkwe awtorità relevanti fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1) u kwalunkwe awtorità msemmija fl-Artikolu 58(1) tista’, fi kwalunkwe mument, titlob li l-awtorità

kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-CSD tivverifika jekk is-CSD u ***fejn applikabbli*** l-istituzzjoni ta’ kreditu maħtura għandhomx jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li skonthom ingħatat l-awtorizzazzjoni.

4. L-awtorità kompetenti tista’ tillimita l-irtirar għal servizz, attività, jew strument finanzjarju partikolari.

Artikolu 56

Reġistru tas-CSD

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 52, 54 u 55 għandhom jiġu nnotifikati lill-ESMA.

2. L-ESMA għandha tintroduċi t-tagħrif li ġej fil-lista li hija meħtieġa tippubblika fuq is-sit elettroniku ddedikat tagħha skont l-Artikolu 19(3):

(a) isem kull CSD li kien soġġett għal deċiżjoni skont l-Artikoli 52, 54 u 55;

(b) isem kull istituzzjoni ta’ kreditu magħżula;

(c) il-lista tat-tip ta' servizzi bankarji anċillari li ***CSD jew*** istituzzjoni ta’ kreditu maħtura hija awtorizzata tipprovdi għall-parteċipanti tas-CSD.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dawk l-istituzzjonijiet li jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju skont ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali 90 jum mid-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 57

Rekwiżiti prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu magħżula sabiex jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju

1. ***CSD awtorizzat jew*** istituzzjoni ta’ kreditu magħżula sabiex tipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju għandha ***biss*** tipprovdi s-servizzi stabbiliti fit-Taqsima C tal-Anness li huma koperti mill-awtorizzazzjoni.

2. ***CSD awtorizzat jew*** istituzzjoni ta’ kreditu magħżula sabiex tipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju għandha tikkonforma ma’ kull leġiżlazzjoni preżenti jew futura applikabbli għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu.

3. ***CSD awtorizzat jew*** istituzzjoni ta’ kreditu magħżula sabiex tipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju għandha tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi li ġejjin għar-riskji tal-kreditu relatati ma’ dawn is-servizzi fir-rigward ta’ kull sistema ta’ saldu tat-titoli:

(a) għandha tistabbilixxi qafas robust sabiex tammaniġġa r-riskji ta’ kreditu korrispondenti;

(b) għandha tidentifika s-sorsi ta’ dan ir-riskju tal-kreditu, spiss u b’mod regolari, tkejjel u

timmonitorja l-iskoperturi korrispondenti tal-kreditu u tuża għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskji sabiex tikkontrolla dawn ir-riskji;

(c) għandha tkopri bis-sħiħ l-iskoperturi tal-kreditu korrispondenti għall-mutwatarji individwali billi tuża kollateral u riżorsi finanzjarji ekwivalenti oħrajn;

(d) jekk ikun meħtieġ kollateral sabiex tammaniġja r-riskji tal-kreditu korrispondenti tagħha, għandha taċċetta biss kollateral ***likwidu ħafna, kif definit fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 648/*** u ***l-istandards tekniċi regolatorji adottati skont dan***;

(e) għandha tistipula u tinforza limiti konservattivi xierqa ta' telf impost u konċentrazzjoni fuq valuri tal-kollaterali kostitwiti beix ikopru l-iskoperturi tal-kreditu msemmija fil-punt (c);

(f) għandha timplimenta arranġamenti legalment vinkolanti sabiex tippermetti li l-kollateral jinbiegħ jew jiġi mirhun minnufih, b'mod partikolari fil-każ ta' kollateral transfruntier;

(g) għandha tistipula limiti fuq l-iskoperturi tal-kreditu korrispondenti tagħha;

(h) għandha tanalizza u tippjana kif tindirizza kwalunkwe skopertura tal-kreditu reżidwa potenzjali, tadotta regoli u proċeduri biex timplimenta dawn il-pjanijiet;

(i) għandha tipprovdi kreditu biss lil dawk il-parteċipanti li għandhom kontijiet tal-flus magħha;

(j) għandha tipprovdi għal proċedura ta' rimborż awtomatiku ta' kreditu ta' dakinhar u tiskoraġġixxi l-kreditu mil-lum għal għada permezz ***tal-applikazzjoni*** ta' rata ***effettiva*** ta' sanzjonar ***li taġixxi bħala deterrent adegwat***.

4. ***CSD awtorizzat jew*** istituzzjoni ta' kreditu magħżula sabiex tipprovdi servizzi anċillari ta' tip bankarju għandha tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi li ġejjin għar-riskji tal-likwidità relatati ma' dawn is-servizzi fir-rigward ta' kull sistema ta' saldu tat-titoli:

(a) għandu jkollha qafas robust sabiex tkejjel, timmonitorja u tammaniġja r-riskji tal-likwidità tagħha għal kull munita tas-sistema ta' saldu ta' titoli li għaliha hija taġixxi bħala aġent tas-saldu;

(b) għandha kontinwament timmonitorja l-livell tal-assi likwidi li żżomm u tiddetermina l-valur tal-assi likwidi disponibbli tagħha filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni t-telf impost xieraq fuq dawn l-assi;

(c) għandha kontinwament tkejjel il-ħtiġijiet u r-riskji tal-likwidità tagħha; filwaqt li tagħmel dan, għandha tieħu f'kunsiderazzjoni r-riskju tal-likwidità ġġenerat mill-inadempjenza taż-żewġ parteċipanti li fir-rigward tagħhom għandha l-ikbar skoperturi;

(d) għandha timmitiga r-riskji tal-likwidità korrispondenti b'riżorsi immedjatament disponibbli bħal arranġamenti ta' prefinanzjajment u, fin-

nuqqas ta' dan, għandha tfittex li tikseb il-linji ta' kreditu meħtieġa jew arranġamenti simili sabiex tkopri l-ħtiġijiet ta' likwidità korrispondenti ma' istituzzjonijiet bi profil tar-riskju u tas-suq adegwat biss u għandha tidentifika, tkejjel u timmonitorja r-riskju tal-likwidità tagħha li jiġi minn dawn l-istituzzjonijiet;

(e) għandha tistabbilixxu u tinforza l-limiti ta' konċentrazzjoni xierqa għal kull wieħed mill-fornituri tal-likwidità korrispondenti inklużi l-impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha ***filwaqt li tiżgura li tista' tiffaċċja l-irtir ta' mill-inqas tnejn mill-fornituri ta' likwidità tagħha fl-istess waqt***;

***(ea) għandha timmonitorja u tirrapporta lill-awtorità kompetenti l-ħtiġijiet tagħha ta' likwidità ta' dakinhar u kif dawn jiġu ssodisfati, inkluż[1]:***

***(i) ir-rekwiżit massimu ta' likwidità ta' kuljum;***

***(ii) il-likwidità disponibbli ta' dak il-jum***

***(iii) ħlasijiet totali;***

***(iv) obbligi bil-ħin u obbligi kritiċi oħra;***

***(v) il-valur tal-ħlasijiet tal-klijenti magħmula f'isem il-klijenti li jkunu istituzzjonijiet finanzjarji;***

***(vi) linji kreditarji ta' dakinhar estiżi għall-klijenti li jkunu istituzzjonijiet finanzjarji;***

***(vii) ħinijiet ta' ħlasijiet ta' dakinhar;***

***(viii) iċ-ċaqliq ta' dħul u ħruġ ta' dakinhar;***

(f) għandha tiddetermina u tivverifika jekk ir-riżorsi korrispondenti humiex biżżejjed permezz ta' testjar tal-istress regolari u rigoruż;

(g) għandha tanalizza u tippjana kif tindirizza kwalunkwe nuqqas mhux kopert fil-likwidità, u tadotta regoli u proċeduri sabiex timplimenta dawn il-pjanijiet;

(h) għandha tibbaża s-servizzi ta' kreditu ta' dakinhar tagħha fuq riżorsi tal-maturità proporzjonati u tal-inqas indaqs, magħmula minn kapital, depożiti fi flus u arranġamenti ta' self;

(i) għandha tiddepożita l-bilanċi tal-flus korrispondenti f'kontijiet dedikati f'banek ċentrali, fejn prattikabbli u disponibbli;

(j) għandha tiżgura li tista' terġa' tuża ***u tagħmel ipotekar mill-ġdid tal-kollateral biss wara kunsens bil-miktub*** tal-konsumatur, ***barra fejn il-konsumatur jaqa'***

---

[1] Kumitat ta' Basel Committee dwar is-Superviżjoni Bankarja, Dokument Konsultattiv, "Monitoring Indicators for Intraday Liquidity Management", Lulju 2012

***inadempjenti u li l-miżati kollha rċevuti jkunu żvelati pubblikament****;*

5. L-ABE, *wara li tikkonsulta* mal-ESMA u l-membri tas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-frekwenza tal-qafas ta' tkejjil u monitoraġġ tal-iskopertura tal-kreditu msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 3 u t-tipi ta' għodod ta' ġestjoni tar-riskji li għandhom jintużaw sabiex jiġu kkontrollati r-riskji derivati minn dawn l-iskoperturi;

(b) x'jikkostitwixxi riżorsi finanzjarji ekwivalenti għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 3;

(c) it-tip ta' kollateral li jista' jitqies li għandu riskju tal-kreditu, tal-likwidità u tas-suq baxx għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 3;

(d) x'jikkostitwixxi telf impost xieraq għall-finijiet tal-punt (e) tal-paragrafu 3 u l-punt (b) tal-paragrafu 4;

(e) il-limiti ta' konċentrazzjoni fuq valuri ta' kollateral imsemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 3, fuq l-iskoperturi tal-kreditu msemmija fil-punt (g) tal-paragrafu 3 u fuq il-fornituri tal-likwidità msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 4;

(f) x'jikkostitwixxi rati ta' sanzjonar deterrenti għall-finijiet tal-punt (j) tal-paragrafu 3;

(g) id-dettalji tal-qafas ta' monitoraġġ imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 4 u l-metodoloġija għall-kalkolu tal-valur tal-assi likwidi disponibbli għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 4 u għat-tkejjil tal-ħtiġijiet u r-riskji tal-likwidità msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 4;

(h) x'jikkostitwixxi riżorsi disponibbli minnufih u profil ta' riskju u tas-suq adegwat għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 4;

(i) il-frekwenza, it-tip u l-perjodu ta' żmien tat-testijiet tal-istress għall-finijiet tal-punt (f) tal-paragrafu 4;

(j) il-kriterji għall-valutazzjoni meta jkun prattiku u possibbli li jiġu depożitati bilanċi tal-flus f'kontijiet ma' banek ċentrali għall-finijiet tal-punt (i) tal-paragrafu 4.

***(ja) is-sett sħiħ ta' indikaturi identifikati skont il-punt (ea) tal-paragrafu 4.***

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 58

Superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula sabiex jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju ***u CSDs awtorizzati bħala istituzzjoni ta' kreditu***

1. L-awtorità kompetenti msemmija fid-Direttiva 2006/48/KE hija responasbbli mill-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni fil-kundizzjonijiet ipprovduti f'dik id-Direttiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula sabiex jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju u fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-Artikolu 57(3) u (4) ta' dan ir-Regolament.

2. *Wara li tikkonsulta* mal-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 u tal-inqas fuq bażi annwali, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 9 għandha tirrevedi u tevalwa jekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula jikkonformawx mal-Artikolu 57(1), jekk l-arranġamenti meħtieġa kollha bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula u s-CSD jippermettulhomx li jilħqu l-obbligi tagħhom stipulati f'dan ir-Regolament.

3. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jiżgura li jkollu aċċess ***minn kwalunkwe istituzzjoni*** ta' kreditu li jagħżel għat-tagħrif meħtieġ kollu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jirraporta kwalunkwe ksur fih lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 9.

4. Sabiex tiżgura superviżjoni konsistenti, effiċjenti u effettiva ġewwa l-Unjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula sabiex jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju, l-ABE, ***b'kooperazzjoni mill-qrib*** mal-ESMA u l-membri tas-SEBĊ, tista' toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## TITOLU V

## SANZJONIJIET

Artikolu 59

Sanzjonijiet u miżuri amministrattivi

1. ***Mingħajr ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali,*** l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi applikabbli fiċ-ċirkostanzi definiti fl-Artikolu 60 għall-persuni responsabbli mill-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li dawn ikunu implimentati. Dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

   Sa 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni u l-ESMA. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emendi sussegwenti fih.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu japplikaw sanzjonijiet u miżuri amministrattivi lis-CSDs, lill-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula, lill-membri tal-korpi ta' ġestjoni tagħhom u lil kwalunkwe persuna oħra li effettivament tikkontrolla n-negozju tagħhom kif ukoll għal kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika oħra li tinżamm responsabbli għal ksur.

3. Fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' sanzjonar tagħhom fiċ-ċirkostanzi definiti fl-Artikolu 60, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jiżguraw li s-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi jipproduċu r-riżultati mixtieqa ta' dan ir-Regolament u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom sabiex jevitaw xogħol doppju u sovrappożizzjoni possibbli meta japplikaw sanzjonijiet u miżuri amministrattivi għal każijiet transfruntieri skont l-Artikolu 12.

***3a. CSD għandu jkun responsabbli għat-telf li jsofru l-membri u/jew il-parteċipanti tiegħu li jirriżulta mit-telf ta' strument finanzjarju ikkawżat minn CSD, sakemm ma jkunx jista' juri li t-telf kien b'riżultat ta' ġrajja esterna lil hinn mill-kontroll tiegħu u li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux jiġu evitati minkejja l-isforzi kollha raġonevoli biex dawn jiġu skansati. Il-kriterji għar-rekwiżiti tar-responsabilità u tar-radd lura għal telf jew dannu attribwit lis-CSDs, għan-negliġenza jew il-falliment għandhom ikunu trasparenti, ibbażati fuq ir-riskji, u konsistenti mal-liġijiet applikabbli u soġġetti għal sorveljanza mill-awtorità kompetenti.***

***ESMA, wara li tikkonsulta mal-membri ta' SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika responsabilità bħal din, billi tqis fejn l-Istati Membri jipprovdu għal servizzi konġunti, u billi tinkludi arranġamenti għal limitu kkuntrattwali tar-responsabilità tas-CSD.***

***L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***

Artikolu 60

Setgħat ta' sanzjonar

1. Dan l-artikolu għandu japplika għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-Regolament:

(a) il-forniment ta' servizzi stabbiliti fit-Taqsimiet A, B u C tal-Anness bi ksur tal-Artikoli 14, 23 u 52;

(b) il-kisba tal-awtorizzazzjonijiet meħtieġa skont l-Artikoli 14 u 52 billi jsiru dikjarazzjonijiet foloz jew b'mezzi illegali oħrajn kif stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 18(1), u l-punt (b) tal-Artikolu 55(1);

(c) nuqqas tas-CSDs milli jżommu l-kapital meħtieġ bi ksur tal-Artikolu 44(1);

(d) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-rekwiżiti organizzazzjonali bi ksur tal-Artikoli 24 sa 28;

(e) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-regoli tal-kondotta tan-negozju bi ksur tal-Artikoli 29 sa 32;

(f) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-rekwiżiti għas-servizzi tas-CSD bi ksur tal-Artikoli 34 to 38;

(g) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali bi ksur tal-Artikoli 40 to 44;

(h) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-rekwiżiti għal-links tas-CSD bi ksur tal-Artikolu 45;

(i) ċaħdiet abbużiti mis-CSDs milli jagħtu tipi differenti ta' aċċess bi ksur tal-Artikoli 47 sa 51;

(j) nuqqas tal-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula milli jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi relatati mar-riskji fuq il-kreditu bi ksur tal-Artikolu 57(3);

(k) nuqqas tal-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżula milli jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi relatati mar-riskji tal-likwidità bi ksur tal-Artikolu 57(4).

2. Mingħajr ħsara għas-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti u b'konformità mal-liġi nazzjonali, f'każ ta' ksur imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li tal-inqas jimponu s-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna responsabbli mill-ksur u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li teħtieġ lill-persuna responsabbli mill-ksur sabiex twaqqaf l-kondotta u sabiex ma tirrepetix dik il-kondotta;

(c) irtirar tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 14 u 52, f'konformità mal-Artikoli 18 u 55;

(d) tkeċċija ta' membri tal-korpi ta' ġestjoni tal-istituzzjonijiet responsabbli minn ksur;

(e) sanzjonijiet pekunarji amministrattivi li jaslu sad-doppju tal-ammonti tal-profitti miksuba b'riżultat ta' ksur, fejn dawn l-ammonti jkunu jistgħu jiġu determinati;

(f) fir-rigward ta' persuna fiżika, sanzjonijiet pekunarji amministrattivi li jaslu sa EUR 5 miljun jew inkella sa 10% tad-dħul annwali totali ta' dik il-persuna fis-sena kalendarja preċedenti;

(g) fir-rigward ta’ persuna ġuridika, sanzjonijiet pekunarji amministrattivi li jaslu sa 10 % tal-fatturat annwali totali ta’ dik il-persuna fis-sena ta’ negozju preċedenti; fejn l-impriża tkun sussidjarja ta’ impriża prinċipali, il-fatturat annwali totali relevanti għandu jkun il-fatturat annwali totali li jirriżulta mill-ammont konsolidat tal-impriża prinċipali finali tal-grupp fis-sena ta’ negozju preċedenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti jista’ jkollhom setgħat ta’ sanzjonar oħrajn minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2 u jistgħu jipprovdu għal livelli ogħla ta’ sanzjonijiet pekunarji amministrattivi minn dawk stabbiliti f’dak il-paragrafu.

4. Kull sanzjoni jew miżura amministrattiva imposta għal ksur ta’ dan ir-Regolament għandha tiġi ppubblikata mingħajr dewmien żejjed, inkluż bħala minimu t-tagħrif dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli għalih, sakemm divulgazzjoni bħal din ma tkunx tipperikola serjament l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji. Fejn il-pubblikazzjoni tkun tikkawża ħsara sproporzjonata għall-partijiet involuti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw il-miżuri u s-sanzjonijiet fuq bażi anonima.

Il-pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet għandha tikkonforma mad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari d-dritt għal rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

Artikolu 61

Applikazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet

1. Meta jiddeterminaw it-tip u l-livell ta’ sanzjonijiet jew miżuri amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-kriterji li ġejjin:

(a) il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) il-grad ta’ responsabbiltà tal-persuna responsabbli;

(c) id-daqs u s-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli, kif indikat mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew id-dħul annwali tal-persuna fiżika responsabbli;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba, it-telf evitat mill-persuna responsabbli jew it-telf għall-partijiet terzi minħabba l-ksur, sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti;

(e) il-livell ta’ kooperazzjoni tal-persuna responsabbli mal-awtorità kompetenti, mingħajr ħsara għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-eliminazzjoni tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

(f) ksur preċedenti mill-persuna responsabbli.

2. Jistgħu jiġu kkunsidrati fatturi oħrajn mill-awtoritajiet kompetenti, jekk dawn il-fatturi

jkunu speċifikati fil-liġi nazzjonali.

Artikolu 62

Rapportar ta' ksur

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw mekkaniżmi effettivi sabiex iħeġġu r-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Bħala minimu, il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

(a) il-proċeduri speċifiċi għar-riċevuta u l-investigazzjoni tar-rapporti ta' ksur;

(b) il-protezzjoni xierqa għall-persuni li jirraportaw ksur potenzjali jew reali;

(c) il-protezzjoni tad-dejta personali li tikkonċerna kemm lill-persuna li tirraporta l-ksur potenzjali jew reali kif ukoll lill-persuna akkużata b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE;

(d) il-proċedura xierqa sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tad-difiża u li l-persuna akkużata tinstema' qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali li taffettwa lil dik il-persuna u d-dritt li tfittex rimedju effettiv quddiem tribunal kontra kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li taffettwa lil dik il-persuna.

▌Artikolu 63

Delega ta' setgħat

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 64 li jikkonċernaw l-Artikoli 2(2), 22(6), 23(1), 23(4), 30(1), 30(3), 37(1), 50(1), 50(2), 50(3), 51(2) u 51(3).

Artikolu 64

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 63 għandha tingħata għal perjodu indeterminat ta' żmien mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 63 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ mill-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju

lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat skont l-Artikolu 63 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 65

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 23(6) u skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 52(2). Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 66(2).

Artikolu 66

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat Ewropew tat-Titoli stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE[1]. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għandu japplika meta l-Kummissjoni teżerċita s-setgħa ta' implimentazzjoni mogħtija lilha minn dan ir-Regolament.

## *TITOLU VI*

## *ATTI DDELEGATI, DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI, EMENDA GĦAD-DIRETTIVA 98/26/KE U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*

Artikolu 67

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. L-istituzzjonijiet li jkunu ***qed jipprovdu servizzi elenkati fl-Anness qabel [ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u li jkunu nnotifikaw*** lill-ESMA bħala CSDs skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(4) għandhom ifittxu jiksbu l-awtorizzazzjonijiet kollha li huma meħtieġa għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ***qabel il-31 ta' Diċembru 2014***.

2. ***Sal-1 ta' Jannar 2015,*** CSD ***li tipprovdi servizzi tas-CSD kif elenkati fl-Anness 1***

[1] ĠU L 191, 13.7.2001, p. 45.

imwaqqfa f'pajjiż terz ***għandha tikseb*** jew l-awtorizzazzjonijiet kollha mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn bi ħsiebha twaqqaf jew tipprovdi s-servizzi tagħha fuq il-bażi tal-Artikolu 14, jew inkella rikonoxximent mill-ESMA fejn tkun bi ħsiebha tipprovdi s-servizzi tagħha fuq il-bażi tal-Artikolu 23.

3. Fejn, fid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, CSD stabbilit f'pajjiż terz, diġà jipprovdi servizzi fi Stat Membru skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru, dak is-CSD għandu jitħalla jkompli jipprovdi s-servizzi sakemm tingħata jew tiġi miċħuda l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 jew ***sena wara*** r-rikonoxximent imsemmi fl-Artikolu 23.

4. Il-links bejn CSD stabbilit f'pajjiż terz u CSDs awtorizzati fl-Istati Membri għandhom jiġu aċċettati sakemm tingħata jew tiġi miċħuda l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 jew ir-rikonoxximent imsemmi fl-Artikolu 23.

Artikolu 68

Emenda għad-Direttiva 98/26/KE

1. It-tielet inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"- magħżula, mingħajr ħsara għal kundizzjonijiet oħrajn aktar stringenti ta' applikazzjoni ġenerali stabbiliti mil-liġi nazzjonali, bħala sistema u notifikati lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq mill-Istat Membru li l-liġi tiegħu tkun applikabbli, wara li dak l-Istat Membru jkun issodisfat rigward l-adegwatezza tar-regoli tas-sistema.".

2. *Sa mhux iktar tard minn [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*, l-Istati Membri għandhom jadottaw, jippubblikaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

Artikolu 69

Rapporti u analiżi

1. ESMA, b'kooperazzjoni mal-ABE u l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikoli 9 u 11 għandha tissottometti rapporti annwali lill-Kummissjoni li jipprovdu valutazzjonijiet tax-xejriet, riskji potenzjali u vulnerabbiltajiet, u fejn meħtieġ, rakkomandazzjonijiet għal azzjoni preventiva u rimedjali fis-swieq tas-servizzi koperti minn dan ir-Regolament. *Dawk* ir-rapporti għandhom jinkludu tal-anqas *evalwazzjoni ta' li ġej*:

(a) Valutazzjoni tal-effiċjenza ▌ għall-operazzjonijiet domestiċi u transfruntieri għal kull Stat Membru bbażata fuq l-għadd u l-volum ta' fallimenti tas-saldu, l-ammont ta' penali msemmija fl-Artikolu 7(4), l-għadd u l-volum ta' tranżazzjonijiet ta' xiri sfurzat imsemmija fl-Artikolu 7(4) u kwalunkwe kriterju relevanti ieħor;

(b) Valutazzjoni li tkejjel ▌ li ma jseħħx fis-sistemi tas-saldu tat-titoli operati mis-

CSDs abbażi tal-għadd u l-volum ta' tranżazzjonijiet u kwalunkwe kriterju relevanti ieħor ***abbażi tal-informazzjoni rċevuta skont l-Artikolu 16(2)***;

(c) ▌ tal-forniment ta' servizzi transfruntieri koperti minn dan ir-Regolament abbażi tal-għadd u t-tip ta' konnessjonijiet tas-CSDs, l-għadd ta' parteċipanti barranin fis-sistemi tas-saldu tat-titoli operati mis-CSDs, l-għadd u l-volum tat-tranżazzjonijiet li jinvolvu lil dwan il-parteċipanti, l-għadd ta' emittenti barranin li jirreġistraw it-titoli tagħhom f'CSD skont l-Artikolu 47 u kwalunkwe kriterju relevanti irħor***;***

***(ca) it-tħaddim tal-proċess ta' reviżjoni mill-pari għal superviżjoni transkonfinali fl-Artikolu 22(5a), u jekk ċaqliqa lejn kulleġġi formali ta' superviżuri tkunx adegwata meta jitqies it-tibdil fix-xena kompetittiva ta' wara l-kummerċ, inkluż kwalunkwe entità ġdida emerġenti, kif ukoll kwalunkwe konsolidazzjoni fl-għadd ta' CSDs u r-riżultati tal-valutazzjonijiet l-oħra mwettqa skont dan l-Artikolu;***

***(cb) il-bżonn ta' penali addizzjonali fallimenti tas-saldu b'rabta mar-repos, jekk xieraq flimkien ma' proposta leġiżlattiva;***

***(cc) il-bżonn ta' flessibilità addizzjonali b'rabta ma' penali għal fallimenti tas-saldu fir-rigward ta' titoli trasferibbli mhux likwidi, jekk xieraq flimkien ma' proposta leġiżlattiva.***

2. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 li jkopru sena tal-kalendarju għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni qabel it-30 ta' April tas-sena tal-kalendarju ta' wara.

***2a. Sa [ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data tliet snin wara d-dħul fis-seħħ], ESMA u l-ABE għandhom iħejju rapport, wara li jikkonsultaw mas-SEBĊ, fejn jevalwaw jekk CSDs għandhom jibqgħu jitħallew joperaw servizzi anċillari tat-tip bankarju fi ħdan l-istess entità legali kif imsemmi fl-Artikolu 52 u jekk l-attività tikkostitwixxix riskju għall-istabilità finanzjarja u l-kompetittività fis-servizzi ta' saldu fl-Unjoni. Il-Kummissjoni tista' tressaq proposta leġiżlattiva abbażi ta' dak ir-rapport biex tillimita din l-attività fi ħdan l-istess entità legali, jekk tqis li dan ikun xieraq.***

***2b. Sa [ĠU jekk jogħbok daħħal id-data tliet snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tippubblika evalwazzjoni tal-fattibilità u tal-vantaġġi li l-UCITS jew ċerti UCITS jiddaħħlu fl-iskop ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet jew fid-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, u għandu jitqies it-tressiq ta' proposti leġiżlattivi, jekk dan ikun xieraq.***

Artikolu 70

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-Artikolu 5 għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2015.

3. L-Artikolu 3(1) għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2015 ***għal titoli trasferibbli maħruġa wara dik id-data u mill-1 ta' Jannar 2020 għat-titoli trasferibbli kollha***.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS

### LISTA TA' SERVIZZI

### TAQSIMA A
SERVIZZI EWLENIN TAD-DEPOŻITORJI ĊENTRALI TAT-TITOLI

1. Ir-reġistrar inizjali tat-titoli f'sistema ta' entrata fil-kotba ('servizz notarili');

2. Iż-żamma ta' kontijiet ta' titoli fl-ogħla Grad ('servizz ta' manutenzjoni ċentrali');

3. It-tħaddim ta' sistema ta' saldu tat-titoli ('servizz ta' saldu').

### TAQSIMA B

SERVIZZI ANĊILLARI MHUX TAT-TIP BANKARJU TAD-DEPOŻITORJI ĊENTRALI TAT-TITOLI ***LI MA JINVOLVUX RISKJU TA' KREDITU JEW LIKWIDITÀ***

Servizzi pprovduti mis-CSDs li jikkontribwixxu għat-titjib tas-sikurezza, l-effiċjenza u t-trasparenza tas-swieq tat-titoli, inklużi:

1. Servizzi relatati mas-servizz ta' saldu, bħal:

    L-organizzazzjoni ta' mekkaniżmu ta' self ta' titoli, bħala aġent fost il-parteċipanti f'sistema ta' saldu tat-titoli;

    Il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral, bħala aġent għall-parteċipanti ta' sistema ta' saldu tat-titoli;

    Tqabbil tas-saldu, twassil ***tal-istruzzjonijiet***, konferma tan-negozju, verifika tan-negozju.

2. Servizzi relatati mas-servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali, bħal:

    Servizzi relatati mar-reġistri tal-azzjonisti;

    ▌***L-ipproċessar*** ta' azzjonijiet korporattivi, inklużi servizzi ta' taxxa, laqgħat ġenerali u tagħrif;

Servizzi ta’ ħarġiet ġodda, inklużi ***l-ħruġ u l-ammissjoni tat-titoli fis-sistema tas-saldu tat-titoli,*** l-allokazzjoni u l-ġestjoni tal-kodiċi ISIN (International Securities Identification Number) u kodiċi simili;

Twassil ***tal-istruzzjonijiet*** u pproċessar, ***distribuzzjoni tal-ordnijiet tal-ħlas,*** ġbir ta’ tariffi u pproċessar u rapportar relatat;

3. ***Il-forniment,*** iż-żamma ***u/jew it-tħaddim*** ta’ kontijiet ta’ titoli relatati mas-servizz ta’ saldu, il-ġestjoni tal-kollateral**,** servizzi anċillari oħrajn ***u servizzi relatati ta' għoti ta' servizzi għall-assi***.

4. Kwalunkwe servizzi oħrajn, bħal:

Il-forniment ta’ servizzi ġenerali ta’ ġestjoni ta’ kollateral bħala agent;

Il-forniment ta’ rapportar regolari;

Il-forniment ta’ ***informazzjoni,*** dejta u statistika għall-uffiċċji tas-suq/taċ-ċensiment ***jew għal entitajiet governattivi jew intergovernattivi oħra***;

Il-forniment ta’ servizzi tal-IT ***u operattivi***.

## TAQSIMA C
## SERVIZZI ANĊILLARI TAT-TIP BANKARJU

1. ***Servizzi pprovduti b'appoġġ għall-forniment ta' servizzi ewlenin jew anċillari elenkati fit-Taqsimiet A u B kif ġej:***

(a) (a) Il-forniment ta’ kontijiet tal-flus ***lil, u l-aċċettazzjoni ta' depożiti minn, parteċipanti f'sistemi ta' saldu tat-titoli u proprjetarji ta' kontijiet tat-titoli, skont it-tifsira tal-punt 1 tal-Anness 1 tad-Direttiva .../.../UE [DRK il-ġdida]***;

(b) ▌Il-forniment ta’ kreditu ta’ flus ***għar-rimborż mhux iktar tard mill-kum ta' kummerċ ta' wara, tislif ta' azzjonijiet korporattivi prefinanzjarji u t-tislif ta' titoli lil proprjetarji ta' kontijiet tat-titoli, skont it-tifsira tal-punt 2 tal-Anness 1 tad-Direttiva .../.../UE [DRK il-ġdida]***

(c) ***Servizzi ta' pagament li jinvolvu proċċessar ta' flus u trażazzjonijiet f'munita barranija, skont it-tifsira tal-punt 3 tal-Anness 1 tad-Direttiva .../.../EU [DRK il-ġdida];***

***(ca) Garanziji u impenji b'rabta ma' tislif u self ta' titoli, skont it-tifsira tal-punt 6 tal-Anness 1 tad-Direttiva .../.../UE [DRK il-ġdida];***

(cb) ***Attivitajiet ta' teżorerija li jinvolvu skambju u titoli trasferibbli b'rabta mal-ġestjoni ta' bilanċi twal tal-parteċipanti, skont it-tifsira tal-punt 7(b) u (e) tal-Anness 1 tad-Direttiva .../.../UE [DRK il-ġdida].***

## NOTA SPJEGATTIVA

Fis-snin sa minn meta bdiet il-kriżi finanzjarja fl-2008, l-UE wettqet valutazzjoni sistematika ta' kull stadju taċ-ċiklu ta' kummerċ sabiex tipprova ssaħħaħ l-istrutturi finanzjarji u tipprevjeni li jkun hemm kriżijiet ulterjuri fil-ġejjieni. Bil-proposta tal-Kummissjoni għal regolament fil-qasam tas-saldu tat-titoli u d-depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs), nistgħu nindirizzaw l-istadju finali ta' dan il-proċess li jinkludi infrastrutturi u servizzi ta' wara l-kummerċ.

Fil-passat, l-iffokar ewlieni kien fuq it-tnaqqis tal-ispejjeż għall-investituri u fiż-żieda tal-effiċjenza, iżda wara l-kriżi, ir-regolaturi finanzjarji u l-persuni li jfasslu l-politiki wessgħu l-interess tagħhom għall-ambjent post-kummerċjali biex jiġi żgurat li l-infrastruttura finanzjarja tagħna ttaffi r-riskju tal-kontroparti meta dan ikun possibbli, tkun b'saħħitha u sservi l-ħtiġijiet tal-investitur aħħari.

It-tlestija tas-suq uniku tikkostitwixxi prijorità ewlenija għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE, hekk kif nippruvaw inżidu l-kompetittività, it-tkabbir u l-istabilità finanzjarja. Fl-interess kemm tat-taffija tar-riskju kif ukoll tal-iżgurar ta' ambjent kompetittiv għas-servizz post-kummerċjali, jeħtieġ li wieħed jagħti ħarsa tajba lill-mudelli eżistenti għal CSDs madwar l-UE. Għandna nivvalutaw jekk il-mudelli eżistenti humiex adegwati għall-iżviluppi futuri tas-suq uniku.  Wieħed mill-iktar żviluppi immedjati huwa l-introduzzjoni tas-sistema Target2Securities (T2S) tal-BĊE, li għandu jinbeda fl-2015. Filwaqt li, storikament, kien hemm CSD uniku għal kull Stat Membru, bl-introduzzjoni tat-T2S, issa huwa possibbli li wieħed jara kif jista' jiġi żviluppat mudell iktar integrat.

F'dan ir-rapport, ir-Rapporteur ħares mill-qrib lejn is-sistemu attwali ta' saldu post-kummerċjali, biex jara fejn jista' jsir titjib biex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet tal-investituri kollha. Objettivi ulterjuri ta' din il-leġiżlazzjoni jinkludu t-tħeġġiġ ta' entranti ġodda sabiex jitrawwem ambjent kompetittiv, tnaqqis tal-ispejjeż ta' saldu transkonfinali u t-taffija tar-riskju ta' kontroparti, li kollha huma indirizzati f'dan ir-rapport.

**Ċikli ta' saldu u dixxiplina ta' saldu**
Sabiex il-benefiċċji reali tat-T2S jinħassu, huwa meħtieġ li jiġu armonizzati ċ-ċikli ta' saldu. Bosta Stati Membri u swieq internazzjonali oħra diġà qed jikkonverġu madwar it-T+2, li jfisser li d-data maħsuba għas-saldu mgħandhiex tkun iktar tard mit-tieni jum ta' negozju wara li jsir il-kummerċ. Dan għalhekk jidher bħala pass adegwat li jista' jitqassar fil-ġejjieni. Bħalissa mhemmx definizzjoni komuni madwar l-UE ta' x'jikkostitwixxi falliment ta' saldu, u għalhekk huwa ferm diffiċli li jitkejjel l-effett li dan qed ikollu fuq is-suq. Kull falliment ta' saldu għandu jiġi rappurtat lir-regolat u għandu jiġi żvelat pubblikament f'format aggregat fuq bażi regolari.
Sabiex jonqsu l-problemi maħluqa minn falliment ta' saldu, jistgħu jiġu imponuti sanzjonijiet fuq is-swieq parteċipanti li jonqsu milli jwettqu s-saldu, u fuq partijiet li jirċievu, biex tkun tista' tinbeda proċedura ta' xiri erbat ijiem wara d-data maħsuba ta' saldu, jekk il-kontroparti tagħhom tonqos milli tipprovdi t-titoli. Barra minn hekk:

**Swieq tat-tkabbir SME**
Il-leġiżlazzjoni kollha tal-UE dwar is-swieq għandha tkun maħsuba apposta għas-Swieq tat-Tkabbir SME, biex iktar SME jitħeġġu jidħlu fi swieq ta' kapital, partikolarment biex titnaqqas id-dipendenza tal-kumpaniji mis-self mill-banek. Meta titqies in-natura tat-titoli SME, li spiss hija inqas likwida, huwa adegwat li postijiet jeskludu Swieq tat-tkabbir SME mis-sanzjonijiet għall-falliment ta' saldu għal perjodu sa 15-il jum wara d-data maħsuba għas-saldu, meta tkun tista' tinbeda wkoll proċedura ta' xiri li tiżgura l-provvista. Filwaqt li T+2 għandu jibqa' jikkostitwixxi l-objettiv, għandha titħalla xi flessibilità mill-operaturi ta' dawn is-swieq.

**Superviżjoni**
Ir-responsabilità għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' CSDs għandha tibqa' f'idejn l-Istati Membri. Madankollu, sabiex jiġi faċilitat l-iżvilupp effiċjenti u mbagħad tiġi kkoordinata s-superviżjoni ta' infrastruttura unika Ewropea post-kummerċjali, l-ESMA għandha tibqa' twettaq reviżjoni mill-pari speċjalizzata tal-awtorirtajiet nazzjonali kompetenti ta' CSDs li joffru servizzi transkonfinali b'mod regolari. Informazzjoni dwar it-tħaddim ta' CSD għandha titqassam fuq talba mal-awtoritajiet kompetenti kollha.

**Servizzi bankarji**
Sabiex is-CSDs ikunu kemm jista' jkun b'saħħithom, u biex dawn iżommu livell ekwu madwar l-UE, jekk ikun jidher xieraq li CSD jixtieq jipprovdi servizzi bankarji biex iwettaq il-funzjoni primarja tiegħu, jeħtieġ li tiġi stabbilita entità legali separata skont il-leġiżlazzjoni bankarja rilevanti (CRD IV) biex jiġu pprovduti dawn is-servizzi. Hekk kif qed jitqiegħed iktar stress fuq l-infrastruttura tas-swieq permezz ta' kontropartijiet ċentrali u żieda fil-bżonnijiet ta' maniġment kollaterali, huwa importanti li l-istituzzjonijiet li jipprovdu dawn is-servizzi jiġu regolati bl-ogħla standard possibbli. Jekk il-fergħa ta' saldu ta' CSD tonqos minħabba l-kollass ta' wieħed mill-fornituri ta' likwidità ta' dakinhar jew iktar, pereżempju, għandu jkun possibbli bank aġent ta' saldu ieħor joħdilhom posthom mingħajr ma jkun hemm falliment totali tas-CSD. Separazzjoni tal-attivitajiet fi ħdan grupp għandha tiżgura li, f'sitwazzjoni ta' emerġenza, ikun eħfef li jiġi żgurat l-aċċess tal-klijenti għat-titoli tagħhom f'kull waqt. Sitwazzjoni simili f'mudell integrat tkun tirrikjedi riżoluzzjoni legali minn amministraturi. Il-linji gwida CPSS IOSCO u d-dokument ta' konsultazzjoni reċenti maħruġ mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, Dokument Konsultattiv, "Monitoring Indicators for Intraday Liquidity Management", Lulju 2012, juri t-tħassib tar-regolaturi internazzjonali f'dan ir-rigward. Jidher li kwalunkwe telf fl-effiċjenza bit-tħaddim tan-negozji ta' likwidità u ta' titoli ta' CSD bħala entitajiet legali separati jiġi kkumpensat bis-sħiħ bi tnaqqis fir-riskju sistemiku għall-investitur aħħari billi jiġu evitati proċeduri ta' riżoluzzjoni iktar kumplessi.
Kieku ma tiġix inkluża separazzjoni tas-servizzi bankarji mis-servizzi ta' saldu f'dan ir-regolament, ikun jeħtieġ li tiġi żviluppata skema speċjalizzata biex tinkludi l-attivitajiet tas-CSDs internazzjonali (ICSDs), meta jitqies ir-rwol sistematiku tagħhom bħala istituzzjonijiet finanzjarji importanti.

**Konnessjonijiet tas-CSDs**
Sabiex jinkiseb ambjent post-kummerċjali iktar integrat madwar l-UE, jeħtieġ li jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-konnessjonijiet tas-CSDs ma' xulxin f'każ ta' konnessjonijiet standard li ma jinvolvux it-trasferiment tar-riskju. T2S se jagħmel li dawn il-konnessjonijiet ikunu iktar siguri u utli għall-parteċipanti fis-swieq. Filwaqt li tipi oħra ta' konnessjonijiet għandhom

ukoll jiġu mħeġġa, dawn jeħtieġu superviżjoni iktar mill-qrib u għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri ta' awtorizzazzjoni espliċita.

**Internalizzazzjoni**
Mhemmx indikaturi għall-proporzjon ta' attivitajiet ta' saldu li qed isiru lilhinn mis-sistema ta' saldu operata minn CSDs u mill-Banek Ċentrali fl-UE. Filwaqt li din l-attività tista' tipprovdi pressjoni kompetittiva pożittiva fuq l-infrastruttura tas-swieq u tnaqqas l-ispejjeż għall-investituri, ir-Rapporteur jemmen li kull saldu għandu jsir f'ambjent irregolat. Meta jitqies in-nuqqas ta' informazzjoni dwar dan it-tip ta' attività, huwa importanti li dan ir-regolament jistabbilixxi qafas għar-rappurtar ta' saldi internalizzati, biex ikunu mifhuma aħjar, u r-regolament jista' jiġi adattat jekk dan ikun xieraq.

**Segregazzjoni**
L-investituri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-livell ta' protezzjoni meħtieġ għall-assi tagħhom tul il-katina kummerċjali sħiħa, sal-post-kummerċjalizzazzjoni. Dan għandu jinkludi li s-CSDs joffru kontijiet tal-klijent kompletament separati u kontijiet tat-tip omnibus, jekk din tkun il-preferenza tal-investitur, bi prezz raġonevoli. Id-dritt nazzjonali li jipprevjeni dan għandu jiġi modifikat sabiex l-ispejjeż ikunu jistgħu jitnaqqsu għall-investituri aħħarija li jagħżlu dan il-livell ta' kontijiet separati.

**Riipotekazzjoni**
Billi regolament bħal EMIR u CRD IV jistabbilixxu domandi kollaterali ogħla fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji, huwa ferm importanti li r-regolaturi jkunu jistgħu jimmonitorjaw kif il-kollateral qed jintuża mill-ġdid u jiġi riipotekat. Filwaqt li se jiġu żviluppati linji gwida dettaljati għall-ħidma fuq Shadow Banking, ir-rwol ewlieni tas-CSDs permess tal-attivtajiet ta' self ta' titoli kif ukoll il-funzjoni notarjali tagħhom ifissru li jinsabu fil-pożizzjoni ideal biex jipprovdu lir-regulaturi b'eżempji dwar kif wieħed għandu jipproċedi bl-aħjar mod f'dan il-qasam. Minkejja dan, l-investituri aħħarija dejjem għandhom jintalbu jagħtu l-kunsens infurmat tagħhom jekk l-assi tagħhom jintużaw minn kwalunkwe persuna oħra fil-katina tas-servizzi post-kummerċjali għal kwalunkwe skop ieħor, u kwalunkwe tariffa li tidħol minħabba r-riipotekazzjoni għandha tkun trasparenti.

**Dematerjalizzazzjoni**
Dawk l-Istati Membri li għadhom ma wettqux dematerjalizzazzjoni sħiħa għandhom jingħataw data ta' skadenza biex jagħmlu dan, sabiex jiġi żgurat li l-benefiċċji tas-suq uniku fis-servizzi finanzjarji jinħassu mill-investituri kollha. Investituri bl-imnut għandhom jingħataw informazzjoni komprensiva fir-rigward tal-proċess minn ishma ċertifikati għal ishma dematerjalizzati, u għandhom ikunu konxji mill-benefiċċji u s-sigurtà ta' rekords elettroniċi, minflok ċertifikati ta' ishma fuq karti.ċi, minflok ċertifikati ta' ishma fuq karti. Sabiex il-partijiet interessati jkollhom rwol iktar attiv fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom fuq kumpaniji, jeħtieġ li jinżammu reġistri ċentrali li jiffaċilitaw l-użu ta' dawn id-drittijiet. Meta jitqies il-bżonn ta' bidla fil-kultura tal-investituri, għandu jitħalla perjodu ta' aġġustament twil kemm xieraq, għalkemm it-tranżizzjoni għad-dematerjalizzazzjoni fil-punt tas-saldu tal-kummerċ, minflok fil-punt tal-kummerċ innifsu, għandha tgħin fit-trasferiment tal-formats elettroniċi.

**Liġi dwar it-Titoli u Kunflitt tal-Liġijiet**
Huwa meħtieġ ftehim komuni biex jingħelbu l-liġijiet kunfliġġenti tad-diversi Stati Membri li

jiggvernaw it-titoli, biex id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikunu operattivi bis-sħiħ. L-irbit ta' kull emittent mas-CSD tal-Istat Membru tiegħu mhuwiex konformi mas-suq uniku, u għalhekk huwa importanti li din il-kwistjoni tiġi solvuta. Fuq kollox, f'dan ir-regolament għandha tiġi garantita ċ-ċertezza legali għall-parteċipanti kollha tas-swieq, u din għandha tiġi msaħħa ulterjorment bil-leġiżlazzjoni dwar il-Liġi dwar it-Titoli, ladarba dan ikun possibbli.

28.11.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) u li jemenda d-Direttiva 98/26/KE
(COM(2012)0073 – C7-0071/2012 – 2012/0029(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dimitar Stoyanov

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kwalunkwe ***kumpanija*** li toħroġ titoli trasferibbli li huma ammessi għan-negozjar fuq swieq regolati għandha tipprovdi sabiex dawn it-titoli jkunu rappreżentati f'format ta' entrata fil-kotba bħala immobilizzazzjoni permezz tal-ħruġ ta' nota globali, li tirrappreżenta l-ħruġ sħiħ, jew sussegwenti għal ħruġ dirett tat-titoli f'forma dematerjalizzata. | 1. Kwalunkwe ***entità ġuridika*** li toħroġ titoli trasferibbli li huma ammessi għan-negozjar fuq swieq regolati għandha tipprovdi sabiex dawn it-titoli jkunu rappreżentati f'format ta' entrata fil-kotba bħala immobilizzazzjoni permezz tal-ħruġ ta' nota globali, li tirrappreżenta l-ħruġ sħiħ, jew sussegwenti għal ħruġ dirett tat-titoli f'forma dematerjalizzata. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-titoli trasferibbli jistgħu jinħarġu minn kumpaniji u minn entitajiet ġuridiċi oħra, bħall-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali tal-Istati Membri, jew il-korpi internazzjonali pubbliċi. Jiġi ssuġġerit li jitwessa' l-ambitu tal-Artikolu 3(1) tar-regolament propost biex jinkludi emittenti li mhumiex kumpaniji, billi jissostitwixxi t-terminu "kumpanija" bit-terminu "entità ġuridika". Jekk din il-proposta tiġi aċċettata, l-Artikolu 4(1) tar-regolament propost għandu jiġi emendat rispettivament.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tkun imwaqqfa ***l-kumpanija*** li toħroġ it-titoli għandhom ikunu kompetenti sabiex jiżguraw li jiġi applikat l-Artikolu 3(1). | 1. L-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tkun imwaqqfa ***l-entità ġuridika*** li toħroġ it-titoli għandhom ikunu kompetenti sabiex jiżguraw li jiġi applikat l-Artikolu 3(1). |

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni tal-emenda 1.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jistabbilixxi proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu ta' tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) li mhumiex saldati fid-data ta' saldu maħsuba. Dawn il-proċeduri għandhom jipprovdu għal mekkaniżmu ta' penali deterrenti biżżejjed għall-parteċipanti li jikkawżaw il-fallimenti tas-saldu. | 2. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jistabbilixxi proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu ta' tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) li mhumiex saldati fid-data ta' saldu maħsuba. Dawn il-proċeduri għandhom jipprovdu għal mekkaniżmu ta' penali ***uniformi***, deterrenti biżżejjed għall-parteċipanti li jikkawżaw il-fallimenti tas-saldu. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Parteċipant f'sistema ta' saldu tat-titoli li jonqos milli jforni l-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) lill-parteċipant li jirċievi fid-data ta' saldu maħsuba għandu jkun soġġett għal xiri sfurzat fejn dawk l-istrumenti għandhom jinxtraw fis-suq ***mhux aktar tard minn*** erbat ijiem wara d-data ***ta' saldu maħsuba*** u pprovduti lil dak il-parteċipant li jirċievi u ***miżuri oħra*** skont il-paragrafu 4. | 3. Parteċipant f'sistema ta' saldu tat-titoli li jonqos milli jforni l-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) lill-parteċipant li jirċievi fid-data ta' saldu maħsuba għandu jkun soġġett għal xiri sfurzat fejn dawk l-istrumenti għandhom jinxtraw fis-suq ***fi żmien*** erbat ijiem wara d-data ***prevista li fiha jkun dovut is-saldu*** u pprovduti lil dak il-parteċipant li jirċievi u għandu ***jikkonforma mal-miżuri vinkolanti*** skont il-paragrafu 4. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) meta ma tkunx possibbli l-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat, l-ammont ta' kumpens fi flus imħallas lill-parteċipant li jirċievi jkun konsiderevolment ogħla mill-prezz tal-istrumenti finanzjarji miftiehem fi żmien in-negozjar u l-aħħar prezz disponnibbli pubblikament għal dawn l-istrumenti fiċ-ċentru tan-negozjar fejn sar in-negozju, u ***sakemm*** ikun deterrenti biżżejjed għall-parteċipant inadempjenti; | (c) meta ma tkunx possibbli l-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat, l-ammont ta' kumpens fi flus imħallas lill-parteċipant li jirċievi jkun ***sostanzjalment*** ogħla mill-prezz tal-istrumenti finanzjarji miftiehem fi żmien in-negozjar u l-aħħar prezz disponnibbli pubblikament għal dawn l-istrumenti fiċ-ċentru tan-negozjar fejn sar in-negozju, u ***għalhekk*** ikun deterrenti biżżejjed għall-parteċipant inadempjenti; |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. CSD awtorizzat jista' ***biss ikollu*** parteċipazzjoni ***f'persuna*** ġuridika ***li l-attivitajiet tagħha jkunu limitati għall-forniment tas-servizzi stabbiliti fit-*** | 4. CSD awtorizzat jista' ***jkollu*** parteċipazzjoni ***fi kwalunkwe persuna*** ġuridika ***irrispettivament mill-industrija. Tali parteċipazzjoni għandha tkun*** |

| | |
|---|---|
| ***Taqsimiet A u B tal-Anness**.* | ***suġġetta għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti**.* |

*Ġustifikazzjoni*

*Jista' jkun hemm raġunijiet leġittimi biex CSD jkollu parteċipazzjoni f'entitajiet ġuridiċi oħra jew jopera sussidjarji f'negozji differenti imma relatati (eż. it-TI). Sabiex ikun evitat li tali attivitatjiet jirrappreżentaw riskju għas-servizzi ewlenin tas-CSD, għandha tkun rikjesta l-approvazzjoni tal-regolatur nazzjonali meta tinkiseb parteċipazzjoni ġdida.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) fejn is-CSD ikun kiser ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod serju ***u*** sistematiku. | (d) fejn is-CSD ikun kiser ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod serju ***jew*** sistematiku. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-kumitati tal-utenti jistgħu jressqu opinjoni lill-bord fejn jitniżżlu r-raġunijiet dettaljati fir-rigward tal-istrutturi tal-ipprezzar tas-CSD. Meta jkun hemm kunflitt ta' interessi min-naħa ta' membru tal-kumitati tal-utenti, dan għandu joqgħod lura milli jinfluwenza bi kwalunkwe mod l-opinjoni kkonċernata.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Perss li xi banek huma utenti tas-CSD filwaqt li joffru servizzi kompetittivi fl-istess ħin, hu importanti li jiġu evitati l-kunflitti ta' interess meta ssir rakkomandazzjoni dwar l-istruttura tal-ipprezzar tas-CSD.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 31 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. CSD jagħti raġunijiet separati għall-ispejjeż u d-dħul tas-servizzi pprovduti u għandu jiddivulga dak it-tagħrif lill-awtorità kompetenti. | 6. CSD jagħti raġunijiet separati għall-ispejjeż u d-dħul tas-servizzi ***ewlenin u anċillari*** pprovduti***, kif inhuma definiti fit-Taqsima A u t-Taqsima B tal-Anness,*** u għandu jiddivulga dak it-tagħrif lill-awtorità kompetenti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ma jagħmilx sens li d-depożitorji jiżvelaw id-dħul u l-ispejjeż għal kull servizz individwali u din l-informazzjoni tista' tkun sensittiva minn perspettiva tal-liġi tal-kompetizzjoni. Hu iktar raġonevoli li r-rekwiżit ta' żvelar jiġi limitat għad-distinzjoni bejn l-ispejjeż u d-dħul għas-servizzi ewlenein, minn naħa, u għas-servizzi anċillari, min-naħa l-oħra.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kwalunkwe kwistjoni fir-rigward tal-aspetti proprjetarji relatati ma' strumenti finanzjarji miżmuma minn CSD għandha tiġi rregolata mil-liġi tal-pajjiż fejn jinsab il-kont. | 1. Kwalunkwe kwistjoni fir-rigward tal-aspetti proprjetarji relatati ma' strumenti finanzjarji miżmuma minn CSD għandha tiġi rregolata mil-liġi tal-pajjiż fejn jinsab il-kont***, ħlief jekk l-istrument finanzjarju jinħareġ f'pajjiż ieħor, f'liema każ il-liġi applikabbli tkun il-liġi ta' dak il-pajjiż***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kif enfasizzat fl-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, hija meħtieġa iktar ċarezza dwar liema liġi tapplika għaż-żamma tat-titoli.*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Is-saldu tat-titoli fl-UE u depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs), u emenda tad-Direttiva 98/26/KE |
| **Referenzi** | COM(2012)0073 – C7-0071/2012 – 2012/0029(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>15.3.2012 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>15.3.2012 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Dimitar Stoyanov<br>25.4.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 10.10.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 27.11.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Evelyn Regner, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Cecilia Wikström |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sergio Gaetano Cofferati, Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, József Szájer, Axel Voss |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Is-saldu tat-titoli fl-UE u depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs), u emenda tad-Direttiva 98/26/KE |
| **Referenzi** | COM(2012)0073 – C7-0071/2012 – 2012/0029(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 7.3.2012 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>15.3.2012 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>15.3.2012 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Kay Swinburne<br>10.5.2011 |
| **Eżami fil-kumitat** | 19.9.2012 18.12.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 4.2.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 39<br>–: 3<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Burkhard Balz, Elena Băsescu, Jean-Paul Besset, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Werner Langen, Astrid Lulling, Hans-Peter Martin, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sophie Auconie, Jean-Pierre Audy, Pervenche Berès, Lajos Bokros, Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Sophia in 't Veld, Krišjānis Kariņš, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Emilie Turunen, Roberts Zīle |
| **Data tat-tressiq** | 14.2.2013 |